



RAPPORT ANNWALI 2022

Din il-pubblikazzjoni mhijiex maħsuba biex toħloq xi effett legalment vinkolanti u bl-ebda mod ma tissostitwixxi r-rekwiżiti legali stabbiliti fil-liġijiet applikabbi rilevanti tal-Unjoni Ewropea (UE) u dawk nazzjonali. Ma tistax tīgħi invokata għal kwalunkwe skop legali, ma tistabbilixxi l-ebda interpretazzjoni vinkolanti tal-liġijiet tal-UE jew nazzjonali u ma sservix bħala, jew tissostitwixxi, parir legali.

L-SRB jirriżerva d-dritt li jemenda din il-pubblikazzjoni mingħajr avviż kull meta jqis xieraq u ma għandux jitqies bħala predeterminanti tal-pożizzjoni li l-SRB jista' jieħu f'każijiet speċifiċi, fejn iċ-ċirkostanzi ta' kull każ se jiġu kkunsidrati wkoll.

Data tal-pubblikazzjoni: Ġunju 2023

La l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u lanqas l-ebda persuna li taġixxi f'isem il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ma hija responsabbi mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

© Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, 2023

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemmu s-sors oriġinali. Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Il-qoxra u r-ritratti l-oħra kollha © Lobet - Rostovikova · PRYZM

RAPPORT ANNWALI 2022

Werrej

RAPPORT ANNWALI TAL-SRB 2022

Dañla	5
Abbrevjazzjonijiet	7
Sommarju eżekuttiv	9
Parti I. Kisbiet fl-2022	13
1.1. Stadji importanti tal-SRB fl-2022	14
1.2. Progress dwar il-prioritajiet programmatiċi tal-SRB	15
1.3. Tishħiħ tar-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u ta' iċċituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti	19
1.4. It-trawwim ta' qafas ta' riżoluzzjoni robust	30
1.5. It-ħejjija u t-twettiq tal-ġestjoni tal-kriżiċċi	43
1.6. L-operazzjonalizzazzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni	47
Parti II. Manġġment	53
2.1. Introduzzjoni	54
2.2. Teħid ta' deċiżjonijiet	55
2.3. Żviluppi kbar	56
2.4. ġestjoni baġitarja u finanzjarja	64
2.5. ġestjoni tar-riżorsi umani	67
2.6. Il-valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar matul is-sena ta' rappurtar	69
2.7. ġestjoni ambjentali	71
Parti III. Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi tal-kontroll intern	73
3.1. L-effettività tas-sistemi tal-kontroll intern	74
3.2. Konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-kontrolli interni	75

Parti IV. Assigurazzjoni tal-ġestjoni	77
4.1. Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni	78
4.2. Riżervi	81
Parti V. Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	83
5.1. Dikjarazzjoni tal-Maniġers inkarigati mill-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli intern	84
5.2. Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mill-President	85
Annessi	87
Anness I — Organigramma	88
Anness II — Membri tas-Sessjoni Plenarja	89
Anness III — Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li jkopru ċ-ċiklu tal-2022	91
Anness IV — Rapport annwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti fl-2022	93
Anness V — Implimentazzjoni tal-baġit tal-2022	94
Anness VI — Tabella tal-persunal tal-2022 u informazzjoni addizzjonali dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani	101
Anness VII — Kontijiet annwali proviżorji	104
Anness VIII — Proċeduri ta' akkwist imnedija fl-2022	106

List ta' illustrazzjonijiet

Illustrazzjoni 1. Stadji importanti tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni	14
Illustrazzjoni 2. Il-mandat u l-oqsma ta' ħidma tal-SRB	15
Illustrazzjoni 3. Ċiklu ta' Ppjnar tar-Riżoluzzjoni	19
Illustrazzjoni 4. Rapportar ta' riżoluzzjoni għall-banek fl-2022	21
Illustrazzjoni 5. Mira finali tal-MREL	25
Illustrazzjoni 6. Nuqqasijiet tal-MREL	25
Illustrazzjoni 7. Kost tal-finanzjament	26
Illustrazzjoni 8. Progress li sar skont it-tip ta' bank fil-kundizzjonijiet ta' riżolvabbiltà prioritizzati mill-SRB	27
Illustrazzjoni 9. Progress ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti koperti mill-pjanijiet ta' riżoluzzjoni	30
Illustrazzjoni 10. Arranġamenti ta' kooperazzjoni tal-SRB	39
Illustrazzjoni 11. Bord għall-Istabilità Finanzjarja u l-involviment tal-SRB	41
Illustrazzjoni 12. Il-fażjiet ewlenin fil-proċess ta' riżoluzzjoni	43
Illustrazzjoni 13. It-teħid ta' deċiżjonijiet tal-SRB	55
Illustrazzjoni 14. Perċentwal ta' kawżi ta' tilwim li għadhom għaddejjin skont is-suġġett	60
Illustrazzjoni 15. Talbiet interni għal pariri dwar il-protezzjoni tad-data	79
Illustrazzjoni 16. Il-pożizzjonijiet u t-tweġibet formali dwar il-Konformità tal-SRB fl-2022	80

List ta' tabelli

Tabella 1. Progress lejn il-kisba ta' prioritajiet programmatiċi	18
Tabella 2. Ħarsa ġenerali lejn iċ-ċifri tal-pjan ta' riżoluzzjoni għaċ-Ċikli tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni tal-2021 u l-2022	20
Tabella 3. Implantazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni tal-2021	21
Tabella 4. Implantazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni tal-2022	22
Tabella 5. Ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-LSI fiċ-Ċiklu ta' Ppjnar tar-Riżoluzzjoni tal-2022	29
Tabella 6. Il-progress fir-rigward tal-politiki ppjanati tal-SRB fl-2021-2023	33
Tabella 7. L-għadd ta' persunal għal kull kategorija meta mqabbel mat-Tabella tal-Persunal	67



Daħla



Dominique Laboureix,
President tal-SRB

Bħala l-President il-ġdid tal-SRB, għandi l-unur li nippreżenta r-Rapport Annwali tal-SRB għall-2022. L-isfond għall-ħidma tal-SRB fl-2022 kien wieħed ta' turbulenza u inċertezza fl-ekonomija Ewropea. Filwaqt li l-effetti tat-tieni ċiklu tal-Covid kien aktar ħief milli kien mistenni, dan kien f'kuntrast qawwi mal-impatt tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Din l-invażjoni malajr qiegħi segwita minn problemi fi Sberbank Europe. L-SRB, li jaħdem ma' kollegi fil-kontinent kollu, kien kapaċi jindirizza l-falliment ta' Sberbank b'suċċess. Id-depożitanti fit-tliet entitajiet kollha ta' Sberbank preżenti fl-Unjoni Bankarja ġew protetti u nżammet l-istabbiltà finanzjarja. Dan kollu nkiseb mingħajr ebda kost għall-kontribwent. Bla dubju, hemm partijiet mill-qafas ta' riżoluzzjoni tal-UE li jistgħu jittejbu b'mod partikolari meta jitqiesu t-tagħlimiet meħuda minn każijiet reċenti ta' kriżi barra mill-pajjiż, iż-żda l-SRB wera għal darba oħra li huwa lest u kapaċi jaġġixxi malajr meta tfeġġ kriżi u mbagħad jikkomunika d-deċiżjonijiet tiegħi b'mod effettiv.

It-nax-il xahar li ġejjin ser jaraw il-fokus tal-SRB jiċċaqlaq mill-fażjiet aktar ġenerali tal-abbozzar u l-irfinar ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni lejn l-iżgħur li kull pjan u strateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta għal kull bank ikunu jistgħu jiġi implementati fi żmien qasir. Dan ifisser aktar it-testjar u analiżi aktar profonda tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni eżistenti, kif ukoll l-iżvilupp ulterjuri ta' miżuri ta' kontroll tal-kwalità sodi għall-pjanijiet ta' riżoluzzjoni fl-Unjoni Bankarja kollha. Fl-2022, stabbilejna l-pedamenti għal tali ħidma bil-publikazzjoni tal-ewwel valutazzjoni tar-riżoluzzjoni u l-mappa termika. Din il-valutazzjoni se ssir saħansitra aktar importanti fis-snin li ġejjin.

L-SRB wera li l-qafas ta' riżoluzzjoni tal-UE huwa adattat għall-iskop tiegħi, mhux l-inqas bir-riżoluzzjonijiet ta' Banco Popular fl-2017 u ta' Sberbank fl-2022. Fl-istess ħin, it-tħejjija għall-kriżijiet jeħtieġ li tissahħha aktar biex l-SRB ikollu l-għodod kollha meħtieġa biex jirreaġixxi għal kriżi imminenti, jimplimenta skema ta' riżoluzzjoni u jiġi ġestixxi kwalunkwe ristrutturar tal-bank meħtieġ. Dan jgħodd għall-għodod kollha ta' riżoluzzjoni, kemm jekk ikunu rikapitalizzazzjoni interna bil-bank miftuħ jew kwalunkwe strateġija ta' trasferiment. Dan imbagħad se jsaħħha il-ħidma tagħna dwar ir-riżolvibbiltà u l-fokus tal-it-testjar tagħha.

L-SRB, bħala parti mill-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, ser ikompli jaħdem mill-qrib mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u ma' aġenziji u istituzzjonijiet tal-UE oħra biex jimmonitorja s-setturi finanzjarju fil-kuntest tal-inflazzjoni u ż-żieda fir-rati tal-imgħax u s-sorsi potenzjali ta' instabbiltà, fix-xhur li ġejjin.

Fl-2022 sar sforz kollettiv biex ikun żgurat li l-banek għamlu progress lejn il-kisba tal-aspettattivi finali ta' introduzzjoni gradwali finali għar-riżolvibbiltà. Is-sena bdiet bil-konferma li l-biċċa l-kbira tal-banek kienu kisbu l-miri intermedjarji tal-MREL tagħhom fl-1 ta' Jannar, u r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, ippubblikati f'Lulju, kienu ġeneralment pożittivi, anki jekk għad hemm xi anomaliji. Għadu mistenni aktar progress fl-2023, qabel l-iskadenza finali tal-aspettattivi għall-banek.

Barra minn hekk, l-SRB kelli rwol attiv fid-diskussjonijiet relatati mar-rieżami tal-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet u tal-assigurazzjoni tad-depożiti, li se jkun fattur importanti fl-istratgeġja u fl-evoluzzjoni tal-politika tal-aġenzijsa wara l-2023.

Fl-2022, komplejna nibnu r-riżerva ta' emerġenza ta' finanzjament – il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF). Dan laħaq EUR 66 biljun u jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira tiegħi għall-2023. Minħabba l-progress li sar fl-2022 dwar il-garanzija ta' kontinġenza għall-SRF, nibqa' ottimist li l-ostakli finali għall-implementazzjoni tiegħi jistgħu jingħelbu malajr. Il-garanzija ta' kontinġenza u l-SRF ikkombinati joffru buffer importanti u jistgħu jipprovd fiduċja lis-swieq fi żmien ta' kriżi.

Internament, l-SRB kompla jlesti t-Tabella tal-Persunal tiegħi. Komplejna nsaħħu r-riżorsi diġitali u niffukaw fuq oqsma bħaż-żamma tal-persunal, il-mobbiltà u t-taħbiġ. Issa li l-SRB għaddha mill-fażi tal-bidu tiegħi, wasal iż-żmien li nirrieżaminaw kif nooperaw u kif l-aħjar norganizzaw lilna nfusna bħala istituzzjoni, biex inkunu saħansitra fpożizzjoni aħjar biex nindirizzaw kwalunkwe sfida finanzjarja li jista' jkun hemm fil-futur abbażi tat-tagħlimiet meħuda minn każżejjiet reċenti. Dak ir-rieżami għadu għaddej u se jgħin biex jinforma lill-membri kollha tal-SRM, hekk kif bdejna nimplementaw il-bidla fl-SRB.

Għalkemm ħadt it-tmexxija bħala President tal-SRB biss fil-bidu tal-2023, segwejt b'interess kbir il-ħidma tal-SRB matul is-sena li għaddiet, li twettqet taħt il-ġestjoni u l-gwida ta' Elke König. Ippermettuli nieħu l-opportunità ta' din id-daħla biex nirringrazzjaha għad-dedikazzjoni tagħha fil-bini tal-SRB mill-bidu nett. Ma kontx l-uniku persuna ġidha maħtura fl-SRB fl-2022. Ninsab kuntent ħafna li ngħaqad mal-Membru tal-Bord il-ġidha Tuija Taos, li ħadet post Boštjan Jazbec f'Marzu 2023. Bħal fil-każ ta' Elke, nixtieq nirringrazzja lil Boštjan għall-impenn tiegħi lejn l-SRB.

Fl-aħħar nett, nixtieq nirringrazzja lill-membri tal-persunal tal-SRB u lil dawk tal-Awtoritajiet ta' Riżoluzzjoni Nazzjonali (NRAs), għad-dedikazzjoni u l-professionaliżmu tagħhom, li wrew għal darba oħra fl-2022.

Abbrevjazzjonijiet

BĊE	Bank Ċentrali Ewropew
BERS	Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku
BRRD	Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek
CBR	Rekwiżiti ta' Buffer Kombinat
CMDI	Ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożitu
CRD	Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital
CRR	Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital
DORA	Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Dígitali
EBA	Awtorità Bankarja Ewropea
EfB	Aspettattivi għall-Banek
EIOPA	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol
FMI	Infrastruttura tas-Suq Finanzjarju
FSB	Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja
G-SIB	Bank globali sistemikament importanti
G-SII	Istituzzjoni Globali Sistemikament Importanti
HR	Riżorsi umani
ICT	Teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni
IRT	Tim Intern ta' Riżoluzzjoni
ITS	Standards Tekniċi ta' Implementazzjoni
Kumitat ECON	Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji
Kummissjoni	Kummissjoni Ewropea
Kunsill	Kunsill tal-Unjoni Ewropea
LSI	Istituzzjoni inqas sinifikanti
MES	Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà
MREL	Rekwiżiti minimi għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli
MSU	Mekkaniżmu Superviżorju Uniku
MtQ	Memorandum ta' qbil
NRA	Awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali
Parlament	Parlament Ewropew
PIA	Valutazzjoni tal-Interess Pubbliku
QEА	Qorti Ewropea tal-Awdituri
R4C	Lesti għall-Kriżi
RPĊ	Ċiklu ta' Pjanar tar-Riżoluzzjoni
RTS	Standard Tekniku Regolatorju
SRB	Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni
SRF	Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni
SRM	Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni

SRMR	Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni
TLAC	Kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf
TPLE	Eżerċizzju ta' Livell ta' Prinċipju Tripartitiku
TREA	Ammont tal-iskopertura totali għar-riskju
UE	Unjoni Ewropea



Membri tal-Bord tal-SRB

Sommarju eżekuttiv

Matul I-2022, l-SRB iffaċċja inċertezzi makroekonomiċi ġodda u, għalhekk, immonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni fis-settur finanzjarju, affettwata b'mod partikolari mill-instabbiltà wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russia. L-SRB tejjeb it-tħejjija tiegħu u vvaluta kontinwament l-impatti potenzjali tat-tensiġonijiet ġeopolitiċi f'istituzzjonijiet sinifikanti u istituzzjonijiet inqas sinifikanti (LSIs) fl-Unjoni Bankarja u l-Unjoni Ewropea (UE) kollha. Fl-istess ħin, il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet reġgħu komplew għal-livelli ta' qabel il-pandemija bl-istabbiliment shiħi ta' mod ta' ħidma ibridu.

L-SRB għamel progress sod lejn il-kisba ta' riżultati taħt il-ħames oqsma ta' ħidma ta' priorità tiegħu kif deskrirt hawn taħt.

F'termini ta' **tisħiħi tar-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u tal-LSIs**, l-SRB lesta t-tieni Ċiklu ta' Ppjnar tar-Riżoluzzjoni (RPĊ) ta' 12-il xahar tiegħu li jkɔpri l-banek kollha taħt il-mandat tal-SRB. L-għadd ta' LSIs koperti mill-pjanijiet ta' riżoluzzjoni żdied matul I-2022 bis-saħħa ta' kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-banek laħqu l-miri intermedji tal-MREL tagħhom sal-1 ta' Jannar 2023 u jinsabu fi triqthom biex jilħqu l-miri finali tagħhom sal-1 ta' Jannar 2024.

L-SRB ippubblika l-ewwel valutazzjoni tar-riżolvibbiltà tiegħu ma' banek kbar li turi l-progress l-aktar avanzat u allinjament sod mal-approċċ ta' introduzzjoni gradwali. B'mod parallel, u bħala pass fundamentali biex il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni jiġu ċċekkjati mal-politiki tal-SRB, l-SRB wettaq l-eżerċizzju ta' assigurazzjoni tal-kwalità intern. Ir-riżultati inizjali tal-RPĊ tal-2022 urew konverġenza akbar u appoġġaw il-ħidma dwar l-ittejjar tar-riżolvibbiltà fil-futur. Filwaqt li jikkomplementa dan ta' hawn fuq, l-SRB wettaq 15-analiżi profonda li koprew diversi suġġetti li pprovdew tagħħlimiet meħħuda għall-RPĊ 2023.

Rigward l-objettiv tal-SRB li **jrawwem qafas ta' riżoluzzjoni robust**, l-SRB iffoka aktar fuq l-irfinar, it-tisħiħ u l-operazzjonalizzazzjoni tal-gwida u l-għodod eżistenti biex ikompli jtejjeb il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, peress li t-tmiem tal-perjodu tranżitorju huwa stabbilit għal tmiem l-2023. Bil-likwidità bħala prioritā waħda fl-2022, l-SRB ippubblika nota ta' gwida operazzjonali dwar l-identifikazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-kollateral matul u wara r-riżoluzzjoni u għamel progress fl-iżvilupp ta' għodod għall-valutazzjoni tal-interess pubbliku (PIA).

L-SRB ġadew mill-qrib mal-Parlament Ewropew (il-Parlament), mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (il-Kunsill) u mal-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) biex jikkontribwixxi għall-progress tal-fajls regolatorji u ta' politika rilevanti. Barra minn hekk, l-SRB żamm koordinazzjoni u kollaborazzjoni regolari mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) b'mod partikolari, l-Awtorită̄ Bankarja Ewropea (EBA) u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u saħħaħ il-kollaborazzjoni tiegħu mal-Awtorită̄ Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensionijiet tax-Xogħol (EIOPA) u l-Awtorită̄ Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) rigward suġġetti oħra.

Fid-dawl tal-iżviluppi ġeopolitiċi ta' din is-sena, il-kooperazzjoni internazzjonali saret saħansitra aktar essenzjali għall-kisba tal-għanijiet tal-SRB. Fl-2022, l-SRB ikkonkluda erba' arranġamenti ta' kooperazzjoni bilaterali li ġabu l-ġħadd totali ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni għal erbatax. B'dawn, l-SRB u l-awtoritajiet ta' pajiżi terzi jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jsaħħu r-riżolvibbiltà billi jtejbu l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, l-SRB żamm relazzjonijiet bilaterali u pparteċipa f'diversi fora multilaterali, laqgħat tekniċi u workshops ma' diversi NRAs u kompla jikkontribwixxi b'mod proattiv għall-ħidma tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB).

Matul l-2022, l-SRB saħħaħ **it-ħejjija u l-ġestjoni tal-kriżijiet** tiegħu billi żviluppa aktar proċeduri, saħħaħ soluzzjonijiet speċifiċi tal-ICT (Lesti għall-Kriżi R4C) b'funzjonalitajiet ġodda, kompla l-ħidma tiegħu fuq għodod ta' riżoluzzjoni minbarra r-rikapitalizzazzjoni interna, aġġorna l-Manwali dwar il-Ġestjoni tal-Kriżijiet nazzjonali u tejjeb il-kalkolatur tal-għoddha tar-rikapitalizzazzjoni interna eżistenti, li l-ewwel prototip tiegħu ġie ttestjat waqt sessjoni ta' prattika kompluta f'Novembru. Bir-riżoluzzjoni dwar Sberbank fil-bidu ta' Marzu 2022, l-SRB ħa t-tieni deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tiegħu sa mill-bidu tiegħu, filwaqt li pproteġa l-kontribwenti u l-fondi pubbliċi fi tliet stati membri. Barra minn hekk, kien hemm għadd ta' kriżijiet tal-LSIs, li fihom l-SRB ikkollabora mill-qrib mal-NRAs responsabbi.

F'termini tal-**operazzjonalizzazzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF)**, l-SRB kompla jiġi il-kontribuzzjonijiet u jtejjeb it-trasparenza tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet billi introduċa titjib fil-proċess ta' konsultazzjoni. Il-ġbir tal-kontribuzzjonijiet mexa'l quddiem kif ippjanat, u b'hekk il-livell tal-SRF laħaq madwar EUR 66 biljun. L-SRB iġġestixxa l-investimenti u ffoka fuq il-ħidma preparatorja għall-introduzzjoni tal-Garanzija ta' Kontinġenza Komuni.

Il-qasam ta' prioritā finali għall-SRB huwa l-konsolidazzjoni tal-**SRB bħala organizzazzjoni**. Fl-2022, l-eżekuzzjoni tal-baġit tjebet meta mqabbla mal-2021, u l-livell ġenerali tal-personal żdied u kważi laħaq it-Tabella tal-Persunal. Il-ħidma ta' kuljum kompliet, adattata bis-sħiħ għall-modalitajiet ibridi. Il-Ġestjoni tar-Riskju tas-Sigurtà tal-ICT ġiet stabbilita bħala funzjoni ġidida ta' governanza, bħala parti mit-tisħiħi ġenerali tal-funzjonijiet ta' governanza tal-SRB.

L-SRB kompla jippromwovi l-ħidma u l-kompli ewlenin tiegħu, ikkomunika b'mod proattiv u investa fi tħejjija għall-komunikazzjonijiet ta' kriżi kemm internament kif ukoll mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali. L-SRB organizza tliet avvenimenti ewlenin matul is-sena, inkluża l-ewwel konferenza legali tiegħu. Il-komunikazzjoni dwar il-każ ta' riżoluzzjoni ppermettiet l-ewwel implimentazzjoni tal-pjan estensiv ta' komunikazzjoni f'każ ta' kriżi għal xenarji ta' riżoluzzjoni.

Is-servizz legali tal-SRB irrappreżenta l-organizzazzjoni faktar minn 221 każ ta' tilwim, kif ukoll fil-Bord tal-Appell. Is-sena 2022 rat il-ħruġ ta' żewġ settijiet importanti ta' sentenzi pożittivi rigward l-appelli tal-Banco Popular u l-kontribuzzjonijiet *ex ante* li se jaffettwaw il-ħidma tal-SRB fis-snin li ġejjin.




Single
Resolution
Board



Kisbiet fl-2022

1.1. Stadji importanti tal-SRB fl-2022


Illustrazzjoni 1. Stadji importanti tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni



1.2. Progress dwar il-prioritajiet programmatiċi tal-SRB

L-SRB huwa l-awtorità ċentrali ta' riżoluzzjoni fi ħdan l-Unjoni Bankarja. Flimkien mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali (NRAs) tal-Istati Membri parteċipanti, hu jifforma l-SRM. L-SRB jaħdem mill-qrib mal-NRAs, mal-Kummissjoni, mal-BĊE, mal-EBA u mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-missjoni tal-SRB hija li jiġura riżoluzzjoni ordnata ta' banek li qed ifallu b'impatt minimu fuq l-ekonomija reali, is-sistema finanzjarja, u l-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri parteċipanti u lil hinn minnhom.

Illustrazzjoni 2. Il-mandat u l-oqsma ta' ħidma tal-SRB



L-SRB ġie stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni – l-SRMR¹. L-organizzazzjoni bdiet topera bħala aġenzija indipendenti tal-UE fl-1 ta' Jannar 2015 u assumiet il-mandat legali sħiħ tagħha għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kollha relatati mar-riżoluzzjoni fl-1

¹ Dokument shiħi disponibbli hawnhekk: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32014R0806>

ta' Jannar 2016. L-SRMR stabbilixxa qafas sostantiv u robust ta' akkontabilità għall-attivitajiet tal-SRB fir-rigward tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

Il-mandat tal-SRB huwa proattiv: minflok ma jistenna li jfallu l-banek, l-SRB jiffoka fuq l-ippjanar tar-riżoluzzjoni u t-titjib tar-riżolvibbiltà. Jekk bank fi ħdan il-mandat tal-SRB ikun qed ifalli jew probabbilment se jfalli u jissodisfa l-kriterji għal riżoluzzjoni, l-SRB iwettaq ir-riżoluzzjoni tiegħu permezz tal-hekk imsejħa "skema ta' riżoluzzjoni". L-SRB huwa responsabbi wkoll mill-SRF iffianzjat mill-industrija, li ġie stabbilit sabiex jipprovd finanzjament anċillari ħalli jiżgura l-applikazzjoni effettiva tal-iskemi ta' riżoluzzjoni taħt kundizzjonijiet stretti. Barra minn hekk, l-SRB jissorvelja l-funzjonament konsistenti tal-SRM kollu kemm hu.

L-SRB jistinka biex ikun awtorità ta' riżoluzzjoni fdata u rrispettata b'kapaċità ta' riżoluzzjoni qawwija fl-SRM, u biex jaġixxi malajr u b'mod xieraq, konsistenti u proporzjonal fil-istabbiliment u l-infurzar ta' sistema effettiva ta' riżoluzzjoni għall-banek fil-ġuriżdizzjonijiet tal-SRM, b'hekk jiġu evitati salvataġġi futuri. L-SRB għandu l-għan li jkun centrū ta' kompetenza fir-riżoluzzjoni tal-banek fl-Unjoni Bankarja u lil hinn.

L-SRB jistinka biex ikun trasparenti u jinżamm responsabbi mir-rappreżentanti taċ-ċittadini Ewropej fil-Parlament permezz ta' seduti ta' smiġi pubbliku regolari u skambji *ad hoc* ta' fehmiet mal-President waqt il-laqqħat tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew (il-Kumitat ECON). Il-Kunsill jista', fuq talba tiegħu, jisma' wkoll lill-President. Fl-2022, il-President tal-SRB ipparteċipa fi tliet seduti tal-Kumitat ECON, biex jiskambja fehmiet mal-Membri tal-Parlament dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-SRMR u biex jippreżenta l-punti ewlenin tar-rapport annwali 2021, u jippreżenta l-pjan ta' ħidma annwali 2023, kif ukoll jiddiskuti l-prioritajiet tal-SRB f'diversi kwistjonijiet regolatorji li għadhom għaddejjin.

F'konformità mal-Artikolu 50 tal-SRMR, dan id-dokument jippreżenta r-Rapport Annwali tal-SRB 2022, li jiddeskrivi l-attivitajiet u l-prestazzjoni tal-organizzazzjoni matul is-sena, li għandhom l-għan li jiksbu l-missjoni, il-mandat u l-viżjoni tal-SRB.

Kif stabbilit fil-Programm Pluriennali 2021-2023 tal-SRB, il-prioritajiet tal-organizzazzjoni huma:

- it-tiġi tar-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti (LSIs)
- it-trawwim ta' qafas ta' riżoluzzjoni robust
- it-tħejji ja u t-twettiq tal-ġestjoni tal-kriżijiet
- l-operazzjonalizzazzjoni tal-SRF.

Il-Programm Pluriennali 2021-2023 jinkludi wkoll il-ħames priorità, li jistabbilixxi u jsaħħa l-SRB bħala organizzazzjoni.

It-Tabella 1 tistabbilixxi l-kisbiet ġenerali fl-2022, filwaqt li tqis żewġ dimensjonijiet: l-ewwel, il-progress miksub fl-2022 meta mqabbel mar-riżultati tangħibbli annwali stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma tal-2022², u t-tieni, il-progress fil-kuntest tal-

² Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2021-11-26_Work-Programme-2022.pdf

progress ġenerali mistenni taħt il-Pjan ta' ḥidma Pluriennali 2021–2023³ u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-Aspettattivi għall-Banek (EfB)⁴. Aktar dettalji dwar l-aktivitajiet u l-progress taħt kull wieħed mill-oqsma ta' ḥidma tal-SRB jistgħu jinstabu fit-taqsimiet li ġejjin u fil-Parti II ta' dan ir-rapport, kif ukoll fl-Anness III, li jinkludi l-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin għas-sena ta' rapportar.

³ Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: <https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2020-11-30%20SRB%20Multi-Annual%20Work%20Programme%202021-2023.pdf>

⁴ Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/efb_main_doc_final_web_0_0.pdf

Tabella 1. Progress lejn il-kisba ta' prioritajiet programmatiċi

Qasam strateġiku ta' operazzjoni	Attivitajiet ewlenin li jikkontribwixxu foqsma ta' operazzjoni		
Tisħiħ tar-riżolvibbiltà tal-banek u ta' iċċituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti	● Iċ-ċiklu ta' Ppjana tar-Riżoluzzjoni u l-progress fl-implementazzjoni tal-EfB		
	● Rekwiżiti Minimi għal fondi propri u Obbligazzjonijiet Eliġibbli (MREL)	●	Valutazzjoni tar-riżolvibbiltà u mappa termika
	● Analiżijiet bir-reqqa u verifikasi fuq il-post	●	Ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-iċċituzzjonijiet inqas sinifikanti

Valutazzjoni: Iċ-ċiklu tal-ipjanar tar-riżoluzzjoni (RPĊ) tlesta b'dewmien minimu meta mqabbel mas-snini preċedenti. Il-biċċa l-kbira tal-banek laħqu l-miri intermedji tal-MREL tagħhom u jinsabu fi triqithom biex jilħqu l-miri finali tagħhom sal-1 ta' Jannar 2024. L-SRB ippubblika l-ewwel valutazzjoni tar-riżolvibbiltà tiegħu bil-progress ġenerali tal-banek ikun pożittiv, u b'bixxejied informazzjoni biex jappoġġa l-monitoraġġ tal-entitajiet. Hekk kif il-faċċa ta' introduzzjoni tal-aspettattivi għall-banek toqrob lejn it-tmiem tagħha, l-SRB se jidżi il-fokus fuq l-ittestjar tar-riżolvibbiltà mill-banek. Il-kopertura tal-LSI bil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni żidiet fl-2022 bis-saħħa taż-żieda fil-kollaborazzjoni u fl-iskambji ta' informazzjoni mal-NRAs b'mod ġenerali u spċċifikament f'dan il-qasam. Filwaqt li l-implementazzjoni ta' spezzonijiet sħaħ fuq il-post għiet ittardjata, il-proġetti ta' analiżi profonda huwa awanzat sew.

It-trawwim ta' qafas ta' riżoluzzjoni robust	● L-iżvilupp u t-tixrid tal-politiki tal-SRB	●	Assigurazzjoni tal-kwalità tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni
	● Kontributi għall-politika esterna u l-attività regolatorja	●	Kooperazzjoni u relazzjonijiet internazzjonali

Valutazzjoni: Il-maġġoranza tal-ħidma relatata mal-politika ffukat fuq it-tlestija tal-gwida biex jiġu implementati l-aħħar aspettattivi għall-banek li jidħlu fis-seħħi fl-RPCs 2022 u 2023, jiġu żviluppati għodod u tittejjeb l-analiżi tad-data, li xorta se tkompli fl-2023. Il-kwalità tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni titnej b'kull RPĊ appoġġat mill-kontroll intern tal-kwalità, li se jkompli fl-2023 u lil ħin, filwaqt li jinkorpora t-tagħlimiet meħħuda mill-RPĊ 2022. Dan huwa proċess kontinwu li jippermetti l-implementazzjoni tal-qafas ta' riżoluzzjoni u li jinkorpora bidlet fil-qafas esterni. L-SRB ikkontribwixxa b'mod attiv għal fajls regolatorji importanti li għaddejjin, bħar-rieżami tal-qafas tas-CMDI, u kompla jespandi l-koordinazzjoni tiegħu mal-äġenzi u l-iċċituzzjonijiet tal-UE u mal-awtoritajiet ta' pajiżi terzi.

It-tħejjija u t-twettiq tal-ġestjoni tal-kriżijiet	●	Tħejjija għall-kriżijiet	●	Rispons għall-kriżijiet
Valutazzjoni: Matul is-sena, l-SRB kompla jsaħħa it-tħejjija għall-krizji tiegħu permezz ta' protokoli, għodod, taħrif tal-personal u partijiet terzi, kif ukoll bl-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' prattika. Fi tmiem is-sena, l-SRB iddeċċieda li joħloq unità ddedikata spċċifikament għat-tħejjija għall-kriżijiet, li se ssaħħa il-ħidma f'dan il-qasam. Fil-bidu ta' Marzu, l-SRB iġġestixxa l-każ ta' kriżi ta' Sberbank, b'hekk issodisa l-mandat tal-organizzazzjoni.				

L-operazzjonalizzazzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni	●	Kontribuzzjoni	●	Investiment	●	Finanzjament
---	---	----------------	---	-------------	---	--------------

Valutazzjoni: Il-SRB kompla jibni l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni matul is-sena, skont il-pjan ta' tmien snin għall-kostituzzjoni tal-SRF, u adatta l-pjanijiet ta' investimenti tiegħu għall-volatilità tas-swieq. Filwaqt li tlestiet il-ħidma interna dwar il-Garanzija ta' Kontinġenza Komuni, il-mekkaniżmu għadu mhuwiex fis-seħħi, peress li qed jistenna l-approvazzjoni minn Stat Membru wieħed fiż-żmien tal-kitba ta' dan ir-rapport.

Didaskalija ⁵	●	●	●	●	●	●
Milħuq	Milħuq parżjalment	Għadha għaddejja	Xi progress meħtieġ	Progress sostanzjali meħtieġ		

⁵ L-oqsma ta' ħidma huma kklassifikati bil-kriterji li ġejjin:

- Miksuba:** I-attivitajiet twettqu skont il-pjan ta' ħidma fl-2022. Fid-dawl tal-progress tal-SRB, il-fatturi esterni u kunsiderazzjoni oħra, il-Programm Pluriennali 2021-2023 u l-objettivi tal-perjodu ta' tranżizzjoni digħi tħalli jew mistenni li jtitlestew qabel iż-żmien.
- Miksuba parżjalment:** I-attivitajiet twettqu skont il-pjan ta' ħidma fl-2022, jew għarrbu fit-tit dewmien. Fid-dawl tal-progress tal-SRB u l-pjanijiet futuri, il-fatturi esterni u kunsiderazzjoni oħra, il-kisba tal-Programm Pluriennali 2021-2023 u l-objettivi tal-perjodu ta' tranżizzjoni jinsabu fit-triq it-tadbiex jew mistenni li jtitlestew mingħajr dewmien kbir.
- Għadhom għaddejja:** I-attivitajiet twettqu skont il-pjan fl-2022, jew għarrbu fit-tit dewmien. Fid-dawl tal-progress tal-SRB, l-objettivi futuri u d-dipendenza minn fatturi esterni, fl-2023 għadha ppjanata li ssir ħidma sostanzjali biex jinkisbu l-Programm Pluriennali 2021-2023 u l-objettivi tal-perjodu ta' tranżizzjoni.
- Xi progress meħtieġ:** I-attivitajiet jew ma twettqu skont il-pjan ta' ħidma fl-2022, jew jekk tħalli, jista' jkollhom dewmien li jkun akkumula fis-snini preċedenti. Fid-dawl tal-progress tal-SRB, il-ħidma ppjanata għall-fatturi futuri u l-fatturi esterni, l-SRB se jkollu jagħti attenzjoni speċjali lil dan il-qasam biex il-kisba tal-Programm Pluriennali 2021-2023 u tal-objettivi tal-perjodu ta' tranżizzjoni.
- Progress sostanzjali meħtieġ:** I-attivitajiet ma twettqu skont il-pjan ta' ħidma fl-2022, u akkumulaw dewmien jew riżultati mhux kompluti mis-snini preċedenti, dipendenza minn fatturi esterni jew fatturi oħra se taffettwa b'mod negattiv il-kisba tal-Programm Pluriennali 2021-2023 u tal-objettivi tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

1.3. Tisħiħ tar-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti

Sabiex tinkiseb ir-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u tal-LSIs, I-SRB jaġġorna kull sena l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, filwaqt li jwettaq I-RPĊ; joħroġ id-deċiżjonijiet rilevanti u jissorvelja l-bini tal-MREL; jivaluta r-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet, u jissorvelja l-LSIs, kollob fu-kollaborazzjoni mill-qrib mal-NRAs.

1.3.1. Ċiklu ta' Ppjnar tar-Riżoluzzjoni

Skont I-SRMR, il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni jiġu aġġornati mill-inqas kull sena abbażi tal-istess data ta' referenza u jqisu l-bidliet fis-suq u dawk tal-banek infushom, sakemm ma jkunux taħt reġim ta' obbligi simplifikati. Dan għandu l-ġhan li jiġura t-tħejja għall-kriżiċċi u jtejjeb ir-riżolvibbiltà tal-banek. Fl-2022, I-SRB kompla jimplimenta RPĊ ta' 12-il xahar, minn April sa Marzu. Konsegwentement, matul is-sena ta' rapportar, I-SRB lesta I-RPĊ 2021, implimenta parti sostanzjali tal-RPĊ 2022 u ġejja għall-RPĊ 2023.

Illustrazzjoni 3. Ċiklu ta' Ppjnar tar-Riżoluzzjoni




Tabella 2. Ħarsa ġenerali lejn iċ-ċifri tal-pjan ta' riżoluzzjoni għaċ-Ċikli tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni tal-2021 u l-2022

Stat Membru ⁶	L-ġhadd ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni li mistenni li ġu adottati matu l-I-RPĊ 2021 ⁷	L-ġhadd ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni adottati għalli-RPĊ 2021 ⁸	L-ġhadd ta' banek tal-SRB fil-1 ta' Jannar 2022	L-ġhadd ta' banek tal-SRB fil-31 ta' Diċembru 2022	L-ġhadd ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni li mistenni li ġu adottati matu l-I-RPĊ 2022 ⁹	L-ġhadd aġġustat ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni li mistenni li ġu adottati matu l-I-RPĊ 2022 ¹⁰	L-ġhadd ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni li mistenni li ġu adottati matu l-I-RPĊ 2022 digħi adottati mill-1 ta' Diċembru 2022 ¹¹
Il-Belġju	7	5 ¹²	7	7	6	6	3
Il-Bulgarja	0	0	1	1	0	0	0
Il-Ġermanja	21	21	21	21	21	21	10
L-Estonja	1	1	2	2	1	1	1
L-Irlanda	6	6	6	6	6	6	2
Il-Greċċa	4	4	4	4	4	4	3
Spanja	13	11 ¹³	11	10	10	10	4
Franza	10	11	12	12	11	11	4
Il-Kroazja	0	0	0	0	0	0 ¹⁴	0
L-Italja	12	12	13	12	12	12	2
Ċipru	3	3	3	3	3	2 ¹⁵	2
Il-Latvja	1	1	3	3	1	1	1
Il-Litwanja	1	1	2	2	1	1	1
Il-Lussemburgu	5	5	5	4	4	4	3
Malta	2	3 ¹⁶	3	3	3	3	2
In-Netherlands	5	5	7	7	7	6 ¹⁷	4
L-Awstrija	8	7 ¹⁸	8	7	8	7	3
Il-Portugall	4 ¹⁹	3	4	3	4	3 ²⁰	1
Is-Slovenja	3	3	3	3	3	2 ²¹	1
Is-Slovakja	2	0	0	0	0	0 ²²	0
Il-Finlandja	3	2 ²³	3	3	3	3	1
Total	111	104	118	113	108	103	48

⁶ L-ġhadd ta' Banek u/jew pjanijiet ta' riżoluzzjoni jintwerew skont il-pajjiż tal-kumpanija prinċipali tal-grupp bankarju (jew l-ogħla entità fl-Unjoni Bankarja)

⁷ Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni mistenni skont il-pjan ta' ħidma tal-2021, li fasslu l-pjanijiet mistenni sa minn nofs l-2020.

⁸ Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni attwalment adottati fl-I-RPĊ 2021. Ara t-tabella 3 għal dettalji għal kull lott.

⁹ Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni mistenni skont il-pjan ta' ħidma tal-2022, li fasslu l-pjanijiet mistenni sa minn nofs l-2021.

¹⁰ Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni mistenni fil-31 ta' Diċembru 2022. Ara t-tabella 4 għal dettalji għal kull lott.

¹¹ Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni adottati mill-SRB qabel il-31 ta' Diċembru. Ara t-tabella 4 għal aktar dettalji għal kull lott.

¹² Żewġ pjanijiet ta' riżoluzzjoni ma ġewx adottati: bank wieħed huwa każ-ospitanti li għaliex I-SRB mhuwiex l-awtorită ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, mhu mistenni l-ebda pjan ta' riżoluzzjoni. Istiżżejjek oħra għixx inkluża fi pjan ta' riżoluzzjoni taħbi Stat Membru ieħor wara bidliet strutturali fil-grupp.

¹³ Żewġ banek ġew itterminati wara l-akkwiżizzjonijiet.

¹⁴ Murija fil-livell ta' grupp bankarju.

¹⁵ Pjan ta' riżoluzzjoni wieħed ma għadux mistenni minħabba l-irtirar tal-liċenċja bankarja.

¹⁶ Pjan ta' riżoluzzjoni addizzjonalie wieħed ġie approvat, f'RPCs preċedenti, ġie amalgamat mal-pjan tal-istituzzjoni omm fi Stat Membru differenti.

¹⁷ Pjan ta' riżoluzzjoni wieħed m'għadux meħtieġ: bank wieħed itterminat.

¹⁸ Pjan ta' riżoluzzjoni wieħed ma għadux meħtieġ minħabba każ ta' kriżi (ara t-taqsimha 1.5.2 għal aktar dettalji dwar il-każ Sberbank).

¹⁹ Pjan ta' riżoluzzjoni wieħed magħdud separatament mill-pjan tal-impriżza omm tiegħi fi Stat Membru differenti.

²⁰ Pjan ta' riżoluzzjoni wieħed ma għadux mistenni bħala riżultat ta' terminazzjoni.

²¹ Pjan ta' riżoluzzjoni wieħed ma għadux mistenni bħala riżultat ta' akkwiżizzjoni.

²² L-ebda pjan ta' riżoluzzjoni mistenni għal żewġ banek inklużi fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-impriżza omm.

²³ Pjan ta' riżoluzzjoni wieħed ma għadux meħtieġ: l-istituzzjoni tikkwalifika għal obbligi simplifikati.

Tlestija taċ-Ċiklu tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni tal-2021

L-SRB lesta l-RPĊ tal-2021, f'Ġunju 2022, b'102 pjanijet adottati u kkomunikati lill-banek (ara d-dettalji fit-Tabella 3); 53 % minnhom kieni diġà ġew adottati qabel tmiem is-sena preċedenti. Iċ-ċiklu ta' 12-il xahar sar prattika standard, li fiha l-SRB qed jagħmel titjib gradwali bbażat fuq it-tagħlimiet meħuda f'ċikli preċedenti.


Tabella 3. Implementazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni tal-2021

Lott	Total tal-pjanijet ta' riżoluzzjoni mistennija	Pjanijet ta' riżoluzzjoni adottati qabel il-31 ta' Diċembru 2021	Pjanijet ta' riżoluzzjoni adottati fl-2022
Lott 1	20	19	95 %
Lott 2	39	32	82 %
Lott 3	43	3	8 %
Total	102²⁴	54	53 %
		48	47 %

Implementazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni tal-2022

L-SRB nieda l-RPĊ tal-2022 f'April 2022, ladarba l-banek kollha taħt il-mandat tal-SRB kieni ppreżentaw ir-Rapporti dwar id-Data tar-Responsabbiltà tagħhom.

Illustrazzjoni 4. Reportar ta' riżoluzzjoni għall-banek fl-2022



²⁴ L-għadd ta' pjanijet ta' riżoluzzjoni totali tnaqqas minn 104 għal 102 minħabba li hemm żewġ pjanijet ta' riżoluzzjoni konġunti.

Il-prioritajiet komuni għall-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-2022, f'konformità mal-introduzzjoni gradwali tal-EfB, kienu:

- ▶ Likwidità u finanzjament fir-riżoluzzjoni: il-banek iridu jiżguraw li jkollhom il-kapaċitajiet li jimmobilizzaw il-kollateral biex jimmassimizzaw is-sorsi ta' likwidità fir-riżoluzzjoni,
- ▶ Is-separabbiltà u l-pjanijiet ta' riorganizzazzjoni tan-negozju: il-banek għandhom jipprovu rapporti addizzjonali dwar il-pjanijiet ta' riorganizzazzjoni potenzjali u dwar it-trasferibbiltà ta' partijiet tan-negozju tagħhom,
- ▶ Kapaċitajiet tas-sistemi ta' informazzjoni u tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Ġestjoni (MIS) għal *data* dwar ir-rikapitalizzazzjoni interna u l-valwazzjoni: il-banek rilevanti huma mistennija jwettqu l-ewwel sessjoni ta' prattika tar-rikapitalizzazzjoni interna fl-Unjoni kollha dwar il-playbooks ta' rikapitalizzazzjoni interna (b'enfasi fuq il-kapaċitajiet tal-MIS); u eżerċizzju ta' awttestjar dwar il-valwazzjoni tal-MIS sal-aħħar tal-2022.

L-SRB ikkomunika wkoll dawn il-prioritajiet komuni, flimkien ma' prioritajiet bankarji speċifiċi, permezz tal-ittri ta' priorità mibgħuta lill-banek f'Settembru/Ottubru tal-2021. Dawn l-ittri identifikaw ukoll oqsma ta' progress insuffiċjenti fejn bank kellu bżonn iwettaq ħidma sinifikanti biex jiġura riżolvabbiltà sħiħa f'konformità mal-introduzzjoni gradwali tal-EfB tal-SRB.

L-RPĊ tal-2022 kien jinkludi biżżejjed żmien għar-rieżami intern tal-kwalità, għall-konsultazzjoni tal-BĊE, u għat-tħejjija adegwata tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-SRB. Sa mill-31 ta' Diċembru, ġew adottati 48 pjan u ġew ikkomunikati 33 sommarju ta' dawk il-pjanijiet lill-banek, skont l-iskeda. L-RPĊ għall-bqja tal-pjanijiet, ġilief għal tnejn, kien mistenni li jittlesta skont l-iskeda fl-2023.

Tabella 4. Implementazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni tal-2022

Lott (Batch)	Pjanijiet mistennija ²⁵	Abbozzi ta' pjanijiet ippreżentati għall-konsultazzjoni tal-BĊE qabel il-31 ta' Diċembru 2022	Pjanijiet ta' riżoluzzjoni adottati qabel il-31 ta' Diċembru 2022	Pjanijiet ta' riżoluzzjoni fit-triq it-tajba li għandhom jiġu adottati fl-2023
Lott 1	17	17	100 %	17
Lott 2	38	38	100 %	31
Lott 3	47	46 ²⁶	98 %	0
Total	102²⁷	101	99 %	48
			47 %	54
				53 %

²⁵ Mill-31 ta' Diċembru 2022.

²⁶ Il-Lott 3 kien jinkludi bank on-boarded reċentement bi skeda ta' żmien tal-bank speċifika għat-tħejjija tal-pjan ta' riżoluzzjoni tiegħi.

²⁷ L-għadd totali ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni tnaqqas f'din it-tabella peress li hemm żewġ entitajiet bi pjan ta' riżoluzzjoni konġunta.

Tħejjija għaċ-ċiklu ta' Ppjnar tar-Riżoluzzjoni għall-2023

It-tħejjijiet għaċ-ċiklu li jmiss bdew fit-tieni kwart tal-2022, bl-SRB jiddefinixxi l-prioritajiet ta' ħidma tal-2023 u mbagħad jikkomunika dawn lill-banek kollha taħt il-mandat tal-SRB permezz tal-ittri ta' priorità tal-2023 f'Settembru/Ottubru 2022. Abbażi tal-EfB, l-SRB stabbilixxa priorità komuni dwar il-likwidità u l-finanzjament fir-riżoluzzjoni fl-2023. Barra minn hekk, bil-ħsieb li l-ittri jsiru aktar speċifiċi għall-banek, filwaqt li jiżgura l-konsistenza u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi, l-SRB iddefinixxa ċerti clusters ta' banek li rċevew prioritajiet rigward is-separabbiltà, l-istralċ solventi, il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, ir-rikapitalizzazzjoni interna u l-operazzjonalizzazzjoni tal-mekkaniżmu intern ta' trasferiment tat-telf. L-ittra indikat ukoll oqsma ta' progress insuffiċjenti abbażi tal-prioritajiet preċedenti tal-EfB, f'każ li dawn ġew identifikati għal ċerti banek.

L-ittri ta' priorità, maħruġa kull sena f'Settembru/Ottubru, jidentifikaw b'mod formal i-l-oqsma li fihom bank individwali jeħtieġ li jagħmel progress sinifikanti, jew minħabba li qed jiġu introdotti gradwalment skont l-EfB jew minħabba li l-bank ma jkunx għamel progress suffiċjenti fis-snin preċedenti.

Il-banek individwali jistgħu juru evidenza tal-progress tagħhom fil-konfront ta' dawn il-prioritajiet permezz tal-iskambji regolari u r-riżultati tangħibbli tagħhom lill-SRB.

F'Settembru 2022, l-SRB aġġorna l-ħarsa ġenerali tar-rekwiżiti tar-rapportar tar-riżoluzzjoni għall-2023. Bil-ġhan li jtejjeb il-proċess tal-RPĊ kontinwament, l-SRB kompla jiżviluppa u jtejjeb l-għodod tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) biex jiffaċilita l-ġbir tad-data, il-kontrolli tal-kwalità tad-data u jtejjeb b'mod ġenerali l-effiċjenza tal-passi interni u esterni tal-proċess (ara t-taqṣima 2.3.2).

1.3.2. Rekwiżiti minimi għal fondi propri u obbligazzjonijiet eliġibbli

Il-biċċa l-kbira tal-banek taħt il-mandat tal-SRB għandhom pjaniżiet ta' riżoluzzjoni li fihom ir-rikapitalizzazzjoni interna hija l-istrateġja ta' riżoluzzjoni ppreferuta. Fost affarrijiet oħra, l-implimentazzjoni b'succcess ta' rikapitalizzazzjoni interna f'każ ta' falliment bankarju tiddependi mill-fatt li l-istituzzjoni jkollha kapaċità suffiċjenti tal-MREL, li tippermettilhom jassorbu t-telf u/jew jirrikapitalizzaw fi kriżi. Il-politika tal-SRB dwar l-MREL tirriżulta mil-leġiżlazzjoni Ewropea (Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD), l-SRMR, ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) u d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD), kif modifikata fl-2020 mill-Pakkett Bankarju²⁸. Il-BRRD2 jistabbilixxi żewġ miri tal-MREL għall-banek Ewropej: li jintlaħqu l-miri intermedji sal-1 ta' Jannar 2022 u l-miri finali, li għandhom jintlaħqu sal-1 ta' Jannar 2024. L-SRB stabbilixxa wkoll miri individwali tal-MREL għall-biċċa l-kbira tas-sussidjarji tal-gruppi bankarji u jinsab fil-progress biex ilesi t-tkabbir tal-kamp ta' applikazzjoni tal-entitajiet mhux ta' riżoluzzjoni soġġetti għar-rekwiżiti

²⁸ Il-Pakkett Bankarju introduċa emendi għall-BRRD (BRRD II), għall-SRMR (SRMR II), għas-CRR (CRR II) u għas-CRD (CRD V).

tal-MREL. Fl-ewwel ftit xhur tal-2022, l-SRB wettaq l-aħħar aġġornament tal-politika tal-MREL, li għandu jintuża fl-RPĊ tal-2022²⁹.

Fl-2020, il-BĊE uża d-diskrezzjoni tiegħu skont is-CRR biex jeskludi b'mod temporanju ċerti skoperturi għall-banek ċentrali mill-miżura ta' skopertura totali tal-istituzzjonijiet sabiex jiffaċilita l-implementazzjoni tal-politika monetarja tiegħu matul il-COVID-19. Fxi każijiet, dan kellu impatt fuq il-kalibrazzjoni tal-miri tal-MREL. Meta fi Frar 2022 il-BĊE ħabbar li mhux se jestendi din il-miżura lil hinn minn Marzu, l-SRB ikkonferma li matul l-RPĊ tal-2022 il-miri finali tal-MREL se jiġu kkalibrati mill-ġdid meta jitqiesu l-iskoperturi tal-bank ċentrali li kienu ġew eskużi temporanjament abbażi tal-miżura ta' salvataġġ. Sadanittant, diġà fl-RPĊ tal-2021, l-SRB ħareġ miri tal-MREL nazzjonali finali lill-istituzzjonijiet affettwati sabiex jiżgura akkumulazzjoni bla xkiel tal-istituzzjonijiet tal-MREL lejn il-miri finali.

L-SRB jimmonitorja l-konformità tal-banek mal-miri tal-MREL tagħhom, kif ukoll il-konformità tal-Istituzzjoni Globali Sistematikament Importanti (G-SIIs) u s-sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE b'Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (TLAC), l-ekwivalenti internazzjonali għall-MREL, u r-rekwiżiti interni tat-TLAC. Ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ huma ppubblikati f'dashboards trimestrali tal-MREL, abbażi ta' *data* bankarja rrapporata lill-SRB u disponibbli b'żewġ trimestri latenti fuq is-sit web estern tal-SRB. Matul is-sena ta' rapportar, l-SRB ippubblika d-dashboards tal-MREL li jikkorrispondu għal Q3³⁰ u Q4³¹ 2021, u Q1³² u Q2³³ 2022. Fl-ewwel nofs tal-2022, l-SRB introduċa titjib fl-għodod tal-ġbir tad-*data* tal-MREL li għandhom jintużaw matul is-sena u għall-RPĊ tal-2022.

Miri

Il-miri intermedjarji u finali vinkolanti tal-MREL żdiedu ftit għall-banek kollha bejn l-aħħar tal-2021 u Ġunju tal-2022 (ara l-illustrazzjoni 5). Il-mira esterna finali medja tal-MREL, inklużi r-rekwiżiti ta' riżerva kombinata (CBR), kienet ugħalli għal 26,4 % tal-Ammont tal-Iskopertura Totali għar-Riskju (TREA), ekwivalenti għal EUR 1,970 biljun fi tmiem Ġunju 2022, stabbli meta mqabbla mat-trimestru preċedenti u kemxejn ogħla meta mqabbla ma' tmiem l-2021. Dan kien xprunat l-aktar minn espansjonijiet fil-karti tal-bilanċ tal-banek kemm fuq it-TREA kif ukoll fuq il-metrika tal-Iskopertura tal-Proporzjon ta' Ingranaġġ. Il-mira ta' subordinazzjoni finali korrispondenti kienet tammonta għal 19,1 % tat-TREA jew EUR 1,431 biljun f'Ġunju 2022. Għall-MREL intern (entitajiet mhux ta' riżoluzzjoni), il-mira medja finali tal-MREL li tinkludi wkoll is-CBR ammontat għal 24,1 % TREA fl-aħħar ta' Ġunju 2022.

²⁹ Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: <https://www.srb.europa.eu/en/content/srb-publishes-updated-2022-mrel-policy>


³⁰ Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: <https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/20220201%20SRB%20MREL%20Dashboard%20Q3.2021%20FINAL.pdf>

³¹ Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/20220425_SRB-MREL-Dashboard-Q4.2021.pdf

³² Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2022-07-26_MREL-Dashboard-Q1-2022.pdf

³³ Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2022-12-05_Q2.2022_SRB-MREL-Dashboard.pdf


Illustrazzjoni 5. Mira finali tal-MREL



Nuqqasijiet

Mill-1 ta' Jannar 2022, kważi l-banek kollha laħqu l-miri intermedji tal-MREL tagħhom meta wieħed iqis is-CBR, u l-ftit banek b'nuqqas inżammu taħt monitoraġġ mill-qrib matul is-sena. Fl-ewwel trimestru tal-2022, ġiet osservata żieda fin-nuqqas estern kumplessiv tal-MREL kontra l-mira finali (jiġifieri għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni, l-illustrazzjoni 6). Din iż-żieda kienet principally xprunata minn ftit entitajiet, minħabba ż-żieda fid-depożiti ta' flus imqiegħda fil-bank ċentrali u fis-suq interbankarju li affettwat il-metrika ta' ingranaġġ tal-MREL tagħhom. Fit-tieni trimestru tal-2022, in-nuqqas globali inklużi s-CBR reġa' naqas għal 0,4 % tat-TREA jew għal EUR 32,2 biljun. L-entitajiet mhux ta' riżoluzzjoni (MREL intern) komplew inaqqsu n-nuqqasijiet tagħhom kontra l-mira finali tal-MREL inklużi is-CBR għal 0,8 % TREA, ekwivalenti għal EUR 17,1 biljun f'Għunju 2022.

Illustrazzjoni 6. Nuqqasijiet tal-MREL




Ħruġ u kost tal-finanzjament

Il-ħruġ ta' strumenti eliġibbli għall-MREL baqa' b'saħħtu matul il-perjodu ta' rapportar. Matul it-tieni nofs tal-2021, il-banek, b'mod partikolari l-emittenti inqas frekwenti, ħarġu MREL sabiex jilħqu l-miri intermedji tal-MREL tagħhom, vinkolanti mill-1

ta' Jannar 2022. Fl-2022, il-kundizzjonijiet tal-finanzjament tas-suq iddeterjoraw, minħabba l-ambjent inċert, ir-rati ta' inflazzjoni għoljin u l-effetti tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russia. Il-kostijiet ta' finanzjament li qed jiżdiedu (ara l-illustrazzjoni 7), notevolment 'il fuq mil-livelli tal-2021, wasslu għal żieda fil-firxa bejn l-strumenti superjuri u subordinati, għalkemm dan ma waqqafx lill-banek taħt il-mandat tal-SRB milli joħorġu MREL. Minkejja l-inċerċeza tas-suq, il-volum ġenerali tal-ħruġ fl-ewwel nofs tas-sena kien madwar 4 % ogħla meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2021, u ammotta għal EUR 151,3 biljun. F'Diċembru 2022, l-SRB organizza workshop dwar il-kost tal-finanzjament, fejn l-NRAs, il-BĊE u l-EBA pprovdew il-fehmiet tagħhom dwar l-evoluzzjoni attwali u mistennija fil-kost tal-finanzjament għall-banek. Wieħed mill-punti ewlenin kien li l-kundizzjonijiet tal-finanzjament ittaffew parzialment, iżda għadhom iridu jiġu mmonitorjati mill-qrib.

Illustrazzjoni 7. Kost tal-finanzjament



Sors: Bloomberg Finance L.P., komputazzjonijiet tal-SRB

1.3.3. Valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà

Il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà kontinwa tkejjel il-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-pjan ta' riżoluzzjoni adottat. Il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà hija proċess konsistenti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' kemm il-banek qed jagħmlu progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' riżolvibbiltà stabbiliti fl-EfB skont l-introduzzjoni gradwali sa tmiem l-2023. Il-valutazzjoni hija parti minn kull RPĊ, li matulha l-SRB jippenja ruħu mal-banek biex jiġbor informazzjoni u jiddiskuti l-progress li jkun sar. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà huma miġbura fil-qosor f'għodda ta' mappa termika li tiddefinixxi kriterji armonizzati għal:

- ▶ il-valutazzjoni tal-progress tal-banek dwar il-kundizzjonijiet ta' riżolvibbiltà implementati skont l-iskeda ta' żmien tal-EfB. Il-mappa termika tqis erba' livelli ta' progress li jvarjaw minn "progress insuffiċċenti" għal "l-aħjar prattika";
- ▶ il-valutazzjoni tal-impatt ta' kull kundizzjoni ta' riżolvibbiltà fuq il-fattibbiltà tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni.

Il-valutazzjoni kkombinata tal-kriterji ta' hawn fuq turi, b'mod konsistenti, jekk il-banek għamlux progress suffiċċienti fl-oqsma li huma l-aktar kritiċi għall-eżekuzzjoni b'suċċess tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni tagħhom, u tappoġġa lill-SRB fl-identifikazzjoni


ta' impedimenti potenzjali għar-riżolvabbiltà u fit-teħid ta' azzjoni korrettiva fejn ikun meħtieġ.

F'Lulju 2022, l-SRB ippubblika għall-ewwel darba l-valutazzjoni tar-riżolvabbiltà tal-banek anonimizzata tiegħu u fil-livell aggregat fl-Unjoni Bankarja³⁴. Il-valutazzjoni ffokat fuq il-kapaċitajiet ta' riżolvabbiltà introdotti sal-aħħar ta' Settembru 2021, abbażi tal-informazzjoni disponibbli matul il-fażi tal-abbozzar tal-pjanijiet. Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress adegwat, din il-valutazzjoni tar-riżolvabbiltà se ssir kull sena u se jiġu divulgati l-punti ewlenin.

B'mod ġenerali, il-valutazzjoni tar-riżolvabbiltà wriet li l-banek kienu għamlu progress fl-oqsma ta' priorità tal-SRB. Il-banek il-kbar (G-SIIs u banek tal-ogħla livell) urew l-aktar progress avanzat, li juri allinjament sod mal-approċċ ta' introduzzjoni gradwali.

Il-valutazzjoni kkonkludiet ukoll li l-banek tejbu l-kapaċitā tagħhom li jassorbu t-telf u jirrikapitalizzaw fil-każ ta' falliment billi jibnu l-kapaċitā tal-MREL tagħhom, li hija kruċjali biex għall-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe strateġija ta' rikapitalizzazzjoni interna (il-maġġoranza l-kbira tal-banek laħqu l-miri intermedji tal-MREL sal-1 ta' Jannar 2022 u ħafna minnhom digħi jissodisfaw il-mira finali tal-MREL (ara aktar dettalji fit-taqṣima 1.3.2)). Ġie osservat ukoll progress fl-oqsma tal-governanza, l-eżekuzzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna, il-kontinwitā operazzjonali, l-aċċess għall-infrastrutturi tas-suq finanzjarju (FMIIs) u l-ippjanar tal-komunikazzjoni.

Illustrazzjoni 8. Progress li sar skont it-tip ta' bank fil-kundizzjonijiet ta' riżolvabbiltà prioritizzati mill-SRB



³⁴ Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2022-07-13_SRB-Resolvability-Assessment.pdf

Wara t-tlestita tal-fażi ta' tranżizzjoni sa tmiem l-2023, il-banek se jkollhom bżonn jiaprovdū evidenza li jżommu l-kapaċitajiet ta' riżolvibbiltà tagħhom operattivi f'kull ħin biex jappoġġaw l-azzjoni ta' riżoluzzjoni b'mod effettiv, jekk ikun meħtieġ. Għal dan l-għan, il-banek se jintalbu jittestjaw il-kundizzjonijiet ta' riżolvibbiltà tagħhom kull sena, skont programm ta' ħidma pluriennali f'konformità mal-linji gwida tal-EBA.

1.3.4. Analiżijiet bir-reqqa u verifikasi fuq il-post

Fl-2022, l-SRB wettaq 15-il analiżi profonda fuq il-post, u n-numru totali tagħhom tela' għal 28 matul il-perjodu ta' sentejn bejn l-2021-2022. Aktar minn 100 membru tal-persunal tal-SRM ipparteċipa f'dawn l-eżerċizzi. L-analiżijiet fuq il-post tal-SRB huma integrati bis-sħiħ mal-aktivitā normali tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni u jirrappreżentaw valur miżjud materjali. Il-preżenza fuq il-post ippermettiet lill-IRTs jiġbru u jivalutaw informazzjoni granulari ħafna, li hija diffiċċi biex tanalizza matul il-workshops normali ta' jum wieħed. Barra minn hekk, il-fażi fuq il-post ippermettiet lill-IRTs jisfidaw il-preżentazzjonijiet u r-rapportar tal-banek u għamlet ir-relazzjoni mal-banek li ġew analizzati b'mod profond aktar dinamika. L-analiżijiet profondi li bbenifikaw minn fażiżiet itwal fuq il-post normalment irriżultaw fit-twassil ta' analiżijiet aktar strutturati, jiġifieri li jkopru wkoll suġġetti relatati mal-SRF.

Bħala konklużjoni ġenerali, il-banek urew livell differenti ta' maturità skont is-suġġett. Ġeneralment, l-implementazzjoni tal-arranġamenti tal-MREL hija s-suġġett l-aktar avvanzat relatat mar-riżoluzzjoni, bil-kontinwitā operazzjonali xi drabi taqa' lura. Is-sejbiet l-aktar komuni kienu sensibilizzazzjoni tal-maniġment dgħajfa, nuqqas ta' proċessi ċari u mfassla tajjeb, u nuqqas ta' politiki interni. L-analiżijiet profondi tal-2021-2022 urew l-importanza tal-analiżi fuq il-post u saħħew il-ħiliet investigattivi tal-persunal tal-SRM. Fl-2023, l-SRB se jkompli jwettaq l-analiżijiet profondi tiegħu.

1.3.5. Funzjoni ta' Sorveljanza tal-Istittuzjonijiet Inqas Sinifikanti

Skont ir-rekwiżiti għall-SRMR, l-SRB iwettaq rwol ta' sorveljanza għal-LSIs taħt il-kompetenza diretta tal-NRAs, inkluża l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-miżuri ta' riżoluzzjoni tal-LSI qabel l-adozzjoni formali tagħhom mill-NRAs. L-objettiv ta' din il-funzjoni ta' sorveljanza huwa li tiġi żgurata l-konsistenza fl-ippjanar tar-riżoluzzjoni bejn l-istituzzjonijiet sinifikanti u l-LSIs fl-istess Stat Membru, u fost l-LSIs fl-Unjoni Bankarja kollha, filwaqt li jitqiesu l-proporzjonalità u l-ispeċificitatijiet nazzjonali. L-RPĊ għal-LSIs isegwi l-istess ċiklu minn April sa Marzu bħall-RPĊ għal istituzzjonijiet sinifikanti.

L-objettiv tas-sorveljanza tal-LSI huwa wkoll l-iżgurar tat-ħejjija għall-kriżi, sabiex kwalunkwe każ ta' kriżi potenzjali jiġi indirizzat malajr u kif xieraq. Matul l-ewwel ffit xhur tal-2022 u fid-dawl tat-tensionijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu, l-SRB beda janalizza l-LSIs bi skopertura għall-Federazzjoni Russa. B'kolloks, ġew identifikati madwar 30 bank li kienu jeħtieġ monitoraġġ aktar mill-qrib. Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russia, l-SRB intensifikha l-monitoraġġ ta' dawn il-banek, billi bbażza ħafna fuq id-data u fuq għodod ta' analiżi tal-istabbiltà finanzjarja, u b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-NRAs kompetenti u l-MSU.

Il-kollaborazzjoni mal-NRAs tibqa' kruċjali għas-sorveljanza b'suċċess tal-LSIs. Matul is-sena ta' rapportar, I-SRB u I-NRAs żammew kuntatti bilaterali u multilaterali regolari. F'Settembru-Ottubru 2022, I-SRB organizza r-raba' ċiklu annwali tal-Jiem ta' Valutazzjoni tal-LSI mal-21 NRA kollha. L-objettiv tal-eżerċizzju huwa li jiġi diskuss minn qabel fil-livell tekniku I-kontenut tal-abbozz tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-LSI qabel in-notifikasi formali tagħhom lill-SRB. Skont I-informazzjoni li waslet mingħand I-NRAs, fl-RPĊ 2022 kienu meħtieġa 2,033 pjan ta' riżoluzzjoni tal-LSI individwali jew tal-grupp. Minn dan I-għadd ta' pjanijet ta' riżoluzzjoni tal-LSI li kienu mistennija fl-RPĊ tal-2022, tħejjew 377 pjan ġdid ta' riżoluzzjoni tal-LSI (l-ewwel iterazzjoni jew aġġornamenti sussegwenti). Barra minn hekk, 1,605 pjanijet skont I-Obbligli Simplifikati mħejjija fl-RPCs preċedenti jibqgħu validi għall-RPĊ 2022. Id-dettalji speċifiċi għall-pajjiż jistgħu jinstabu fit-tabella li ġeja.

Tabella 5. Ħarsa ġenerali dettaljata lejn I-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-LSI fi-Ċiklu ta' Pjanar tar-Riżoluzzjoni tal-2022


Stat Membru	Għadd ta' pjanijet ta' riżoluzzjoni tal-LSIs meħtieġa fl-RPĊ 2022	Pjanijiet ippreparati fl-RPĊ 2022	Pjanijiet taħbi obbligi simplifikati adottati f'RPCS preċedenti u li jibqgħu fis-seħħi għall-RPĊ 2022	L-ġħadd totali ta' pjanijet ta' riżoluzzjoni tal-LSI fl-RPĊ 2022
				D=B+C
Il-Belġju	14	13	1	14
Il-Bulgarija	13	13	0	13
Il-Ġermanja	1 203	98	1 068	1 166
L-Estonja	6	6	0	6
L-Irlanda	8	5	3	8
Il-Greċċa	11	7	0	7
Spanja	54	31	23	54
Franza	73	0	70	70
Il-Kroazja	14	13	0	13
L-Italja	117	80	35	115
Ċipru	5	5	0	5
Il-Latvja	9	6	3	9
Il-Litwanja	10	5	2	7
Il-Lussemburgu	49	31	17	48
Malta	14	10	4	14
In-Netherlands	22	8	14	22
L-Awstrija	368	20	348	368
Il-Portugall	24	8	15	23
Is-Slovenja	5	5	0	5
Is-Slovakkja	5	4	1	5
Il-Finlandja	9	8	1	9
TOTAL	2 033	376	1 605	1 981

Istituzzjonijiet inqas sinifikanti

L-assi totali tal-LSI aggregati jammontaw għal aktar minn EUR 4,4 triljun (madwar 14 % tas-settur bankarju kollu) fl-Unjoni Bankarja kollha, jew kważi terz tal-prodott domestiku gross ikkombinat tal-21 Stat Membru.

Il-kopertura tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-LSIs għamlet progress sinifikanti, u, mill-RPĊ 2022, hija ta' 97,5 % tan-numru totali ta' LSIs individwali jew tal-grupp, li jindika progress stabbli matul is-snин. Għadd limitat ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni ma setgħux jitħej jew matul iċ-ċiklu attwali minħabba diversi raġunijiet: id-dħul fis-seħħ ta' oqfsa regolatorji ġoddha; fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet li jaffettaw l-istruttura korporattiva tal-LSIs; jew LSIs maħluqa reċenti li għalihom id-data meħtieġa biex titwettaq superviżjoni jew riżoluzzjoni fir-rigward tagħhom kienet għadha ma kinitx disponibbli. Mill-pjanijiet kollha fl-RPĊ 2022, madwar 3 % (64 pjan) jinkludu riżoluzzjoni bħala l-istratēġija ppreferuta, filwaqt li l-bqija jiipprevedu l-likwidazzjoni taħt proċeduri ta' insolvenza normali.

Illustrazzjoni 9. Progress ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti koperti mill-pjanijiet ta' riżoluzzjoni



1.4. It-trawwim ta' qafas ta' riżoluzzjoni robust

L-SRB jipromwovi qafas ta' riżoluzzjoni robust fl-Unjoni Bankarja billi jiżviluppa politiki għar-riżoluzzjoni; jikkontribwixxi għad-dibattit u orjentazzjoni biex jaġġorna l-qafas eżistenti u l-leġiżlazzjoni li tista' taffettwh; u jadotta u jippubblika gwida għall-operazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Bħala l-awtorità ta' riżoluzzjoni ewlenija għas-settur finanzjarju fl-Unjoni Bankarja, L-SRB jikkollabora mill-qrib mal-BĊE, I-EBA, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), l-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà u s-Swieq (ESMA), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u oħraejn. L-SRB jikkoopera wkoll ma' sħab internazzjonali u ma' pajiżi terzi biex jiġura li l-standards ta' riżoluzzjoni lil hinn mill-Unjoni Bankarja jappoġġaw ukoll il-mandat tal-SRB.

1.4.1. L-iżvilupp u t-tixrid tal-politiki tal-SRB

Matul dawn l-aħħar ffit snin, L-SRB stabbilixxa u ppubblika l-politiki ewlenin tiegħu, u hekk kif qed joqrob tmiem il-perjodu tranżitorju, L-SRB qed jiffoka aktar fuq l-irfinar tal-għida eżistenti, it-titjib u l-operazzjonalizzazzjoni tal-ġħodod eżistenti. Bħala tali, fl-2022, L-SRB integra u aġġorna l-politiki eżistenti u kkomplementahom bi gwida u ġħodod interni biex ikompli jtejjeb il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u, b'hekk, ir-riżolvibbiltà tal-banek.

L-iżvilupp ta' politiki ta' riżoluzzjoni

L-SRB ipproduċa u aġġorna politiki u gwida fis-suġġetti li ġejjin:

Politika tal-MREL

Wara żidiet sostanzjali fil-politika tal-MREL fċikli preċedenti, l-aġġornament tal-politika tal-MREL fl-2022, ippubblikat f'Mejju, kien jinkludi biss bidlet żgħar meħtieġa biex jakkomodaw elementi ta' introduzzjoni gradwali ta' politiki eżistenti, bħall-kamp ta' applikazzjoni estiż ta' entitajiet interni tal-MREL, kif ukoll żviluppi ġodda, bħall-implimentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni "soluzzjoni ta' malajr tas-CRR" li jmiss³⁵.

³⁵ F'Settembru, il-Parlament adotta r-rieżami tas-CRR magħruf bħala s-“soluzzjoni ta’ malajr tas-CRR” (dokument shiħi disponibbli hawnhekk: https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0307_MT.pdf).

Likwidità

Il-likwidità ġiet identifikata bħala priorità għall-RPCs tal-2022 u tal-2023. F'dan il-kuntest, I-SRB ippubblika nota ta' gwida operazzjonali dwar l-identifikazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-kollateral matul u wara r-riżoluzzjoni³⁶ fil-bidu tal-2022, l-introduzzjoni gradwali tal-prinċipju 3.3 tal-EfB fl-2022. Fi tmiem l-2022, I-SRB ipproċu wkoll gwida operazzjonali interna dwar il-kejl u r-Rapportar tas-sitwazzjoni tal-likwidità f'rriżoluzzjoni, għall-introduzzjoni gradwali tal-aħħar prinċipju tal-likwidità tal-EfB, jiġifieri l-prinċipju 3.2 fl-2023. Barra minn hekk, fl-2022, I-SRB beda kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE dwar is-suġġett tal-likwidità.

Valutazzjoni tal-interess pubbliku

Il-politika tal-PIA ġiet imsaħħa biex iż-ġieg aktar ċarezza u konsistenza lill-PIA rigward l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti. L-aproċċ jiddeskrivi l-passi li għandhom jittieħdu għall-valutazzjoni tal-impatt ta' falliment bankarju fuq l-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tad-depożitanti. L-addendum għall-politika tal-SRB ġie ppubblikat f'Mejju 2022³⁷.

B'mod parallel, I-SRB żviluppa sett ta' dashboards ta;-PIA speċifiċi għall-banek li għandhom jintużaw matul I-RPĊ tal-2022. Dashboards tal-PIA ġoddha introdotti mill-RPĊ tal-2022 jinkludu s-simulatur tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti, li jindirizzaw it-titjib tal-politika tal-PIA kif ukoll żewġ dashboards pilota introdotti biex jivvalutaw il-kontaġju tal-assigurazzjoni u l-impatti fuq l-ekonomija reali. Barra minn hekk, ġie żviluppat ukoll sett ta' dashboards ġoddha li jappoġġa l-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet makroekonomiċi attwali u tar-riskju ġeopolitiku. L-objettiv ewljeni ta' din l-għodda huwa li ttejjeb l-elementi kwantitativi fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u li tiżgura li s-sitwazzjoni makroekonomika u tas-settur bankarju li qed tevolvi tkun riflessa fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni.

Operazzjonalizzazzjoni ta' punt ta' dħul uniku

Fit-tieni trimestru tal-2022, I-SRB stabbilixxa tim intern multidixxlinari magħmul minn esperti tal-politika, dawk legali u ta' riżoluzzjoni inkarigati minn gruppi transfruntiera sabiex janalizza:

- ▶ I-identifikazzjoni ta' ostakli legali u prattiċi għall-implimentazzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna, inklużi kwistjonijiet identifikati matul il-perjodu ta' prattika tal-2021 kif ukoll kwistjonijiet oħra li jirriżultaw mill-qafas leġiżlattiv nazzjonali u Ewropew;
- ▶ setgħat ta' riżoluzzjoni fl-eżekuzzjoni ta' strateġiji ta' punt ta' dħul uniku;
- ▶ I-użu ta' arranġamenti, inkluż dawk kuntrattwali, li jissalvagwardjaw id-disponibbiltà ta' riżorsi suffiċċenti biex jappoġġaw lis-sussidjarji, fejn meħtieġ.

³⁶ Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2022-03-17_Operational-Guidance-on-the-Identification-and-Mobilisation-of-Collateral-in-Resolution.pdf

³⁷ Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2022-05-19_SRB-Addendum-to-the-Public-Interest-Assessment%e2%80%93Deposit-Guarantee-Schemes-Considerations.pdf

L-inizjattiva għamlet progress matul l-2022, bl-involviment tal-NRAs ukoll, u hija mistennija li tkompli f'konformità mal-programm ta' ħidma annwali tal-SRB tal-2023 meta l-fokus se jaqleb għall-implimentazzjoni tas-sejbiet ewlenin.

Tabella 6. Il-progress fir-rigward tal-politiki ppjanati tal-SRB fl-2021-2023

Il-politiki tal-SRB ippjanati għall-2021-2023 ³⁸	2021	2022	2023
Politika MREL tal-SRB (aġġornament)	✓	✓	•
MREL: Implementazzjoni/applikazzjoni/kontribut għall-Istandards Tekniċi Regolatorji tal-EBA dwar l-obbligazzjonijiet eliġibbli, dwar il-permess biex jitnaqqsu l-instrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli, l-Istandards Tekniċi ta' Implementazzjoni tal-EBA dwar ir-rapportar u d-divulgazzjoni tal-MREL / TLAC, dwar ir-rapportar tad-deċiżjonijiet tal-MREL lill-EBA, dwar ir-rapporti rilevanti tal-EBA dwar MREL.	✓		
MREL: Standards Tekniċi Regolatorji tal-EBA dwar l-istabbiliment tal-MREL fir-rigward tar-Rekwiżit tal-Pilastru 2 (P2R) u tas-CBR għal gruppi mhux soġġetti għal P2R skont id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital IV; u dwar l-MREL intern u l-implementazzjoni tal-istratx-ġejja ta' riżoluzzjoni ³⁹	✓		
MREL: RTS 3.0 tal-EBA dwar ITS dwar ir-rapportar (BRRD2)	✓	✓	•
Rapportar: RTS 2.10 tal-EBA u ITS dwar il-mudelli ta' riżoluzzjoni	✓	✓	•
Xenarji ta' riżoluzzjoni li għandhom jitqiesu għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni	✓	✓	
Il-politika tal-PIA	✓	✓	
Likwiditā: Gwida operazzjonali dwar il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament fir-riżoluzzjoni ⁴⁰	✓	✓	
Likwiditā: Gwida operazzjonali dwar l-Identifikazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-kollateral matul u wara r-riżoluzzjoni ⁴¹	✓	✓	
Likwidazzjoni solventi	✓	✓	
Metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà (Mappa termika)	✓	✓	
Rikapitalizzazzjoni interna: l-użu ta' setgħat anċillari (l-Artikolu 64 tal-BRRD) u l-użu ta' setgħat ta' moratorju	✓		
Rikapitalizzazzjoni interna: RTSs tal-EBA dwar l-Artikolu 55 u dwar it-termini kuntrattwali għas-setgħat ta' sospensjoni tar-riżoluzzjoni	✓	✓	
FMs: il-mudelli tal-FSB ta' informazzjoni li l-banek u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jeħtieġu mill-FMs għall-ippjanar u l-eżekuzzjoni tar-riżoluzzjoni; dokument tal-FSB dwar approċċi għall-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u protokolli ta' komunikazzjoni bejn l-FMs, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-banek	✓	✓	
Didaskalija	• Ippjanata	✓ Imwettqa kif ippjanat	✗ Mhux imwettqa kif ippjanat

³⁸ Kif ippjanati fil-Programm Pluriennali 2021-2023

³⁹ Din l-entrata ta' politika tirreferi għall-ħidma tal-SRB li tlestit fl-2020/21 dwar: i) il-parteċipazzjoni fit-tim tal-abbozzar tal-RTS tal-EBA dwar id-daisy chains, li minflok għiet trasformata mill-Kummissjoni Ewropea fi proposta leġiżlattiva ta' "soluzzjoni ta' malajr", u ii) l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-iMREL, fil-politika tal-MREL tal-2021, li tkopri l-entitajiet intermedji f'daisy chain.

⁴⁰ Ir-riformulazzjoni tal-entrata meta mqabbla mal-Programm Pluriennali 2021-2023 tal-SRB għal raġunijiet ta' preċiżjoni.

⁴¹ Ir-riformulazzjoni tal-entrata meta mqabbla mal-Programm Pluriennali 2021-2023 tal-SRB għal raġunijiet ta' preċiżjoni. Entrata tal-politika għandha titlesta fl-ewwel trimestru tal-2023.

It-tixrid tal-politiki ta' riżoluzzjoni

Fl-2022, I-SRB xerred il-politiki tiegħu lill-industrija u lil partijiet ikkonċernati oħra b'mod proattiv. Fid-9 ta' Frar, I-SRB kelly t-13-il Djalogu tal-Industrija tiegħu, li laqqa' flimkien rappreżentanti mill-federazzjonijiet bankarji nazzjonali u fil-livell tal-UE kif ukoll rappreżentanti tal-awtoritatijiet ta' riżoluzzjoni tal-Unjoni Bankarja, I-SRM. L-avveniment kien jikkonsisti f'panels ta' diskussjoni attivi li jkopru s-suġġetti tas-separabbiltà u l-eżekuzzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna kif ukoll preżentazzjoni dwar id-dashboard tal-MREL u l-politika tal-MREL tal-2022.

1.4.2. L-assigurazzjoni tal-kwalità tal-ippjanar u l-valutazzjoni komparattiva tar-riżoluzzjoni

Pass fundamentali tal-aġġornament annwali tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni huwa l-eżerċizzju intern ta' assigurazzjoni tal-kwalità biex il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni jiġu čekkjati mal-politiki tal-SRB, bl-għan li l-kwalità u l-konsistenza tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni jiġu żgurati, kif ukoll jittieħdu t-tagħlimiet meħħuda għaċ-ċikli li jmiss. Ir-riżultati inizjali għall-RPĊ tal-2022 juru konverġenza akbar u jappoġġaw il-ħidma ta' politika fil-futur dwar l-itteżżejjar tal-eliġibbiltà u r-riżolvabbiltà tal-MREL.

1.4.3. Il-monitoraġġ ta' u l-kontributi għall-politika esterna u l-attività regolatorja

Matul I-2022, I-SRB kien involut mill-qrib mal-Parlament, mal-Kunsill u mal-Kummissjoni biex jikkontribwixxi għall-progress tat-temi regolatorji u ta' politika rilevanti. Barra minn hekk, I-SRB żamm koordinazzjoni u kollaborazzjoni regolari mal-MSU, b'mod partikolari I-BĊE, I-EBA u I-BERS u saħħaħ il-kollaborazzjoni tiegħu mal-EIOPA u I-ESMA fuq suġġetti oħra.

Fajls regolatorji

Garanzija ta' kontinġenza komuni

It-Task Force dwar Azzjoni Koordinata Itaqgħet f'Marzu biex tiddiskuti l-implementazzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza komuni. Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) u I-SRB taw informazzjoni lill-Membri dwar l-eżitu ta' eżerċizzju konġunt ta' sessjoni ta' prattika li ttestja n-newtralità fiskali tal-garanzija ta' kontinġenza fil-każ ta' żborżi. Il-ħidma fuq l-operazzjonalizzazzjoni tal-Garanzija ta' Kontinġenza Komuni kompliet fl-2022 (ara aktar dettalji fit-taqṣima 1.6.3).

Reviżjoni tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożitu (CMDI)

Ir-rieżami tal-Kummissjoni tal-qafas tas-CMDI huwa mistenni li jiġi adottat⁴² fil-futur. Fl-2021, I-SRB ippreżenta u ppubblika r-rispons tiegħu għall-konsultazzjoni mill-

⁴² Ir-rieżami propost ġie adottata fit-18 ta' April 2023.

Kummissjoni, fejn ħeġġeġ l-użu tar-rieżami tal-qafas tas-CMDI bħala opportunità biex jieħu passi 'l quddiem fit-tiċċiħ tal-għodod tal-Unjoni Bankarja, irawwem l-integrazzjoni tas-suq u jsaħħa l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti fir-riżoluzzjoni⁴³. Fl-2022, l-SRB ipprovda l-għarfiens espert u l-esperjenza tiegħu dwar ir-rieżami tal-qafas tas-CMDI lil dawk li jfasslu l-politika, u lil udjenzi oħra.

Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Digideli (DORA)

F'Diċembru 2022, ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE Regolament u Direttiva dwar DORA⁴⁴ u dawn daħlu fis-seħħi f'Jannar 2023. DORA jipproponi għadd ta'rekwiżiti għall-entitajiet finanzjarji, inklużi l-banek, f'termini ta' reżiljenza tal-ICT, governanza, rispons għall-inċidenti u rekwiżiti tar-riskju ta' partijiet terzi, fost l-oħrajn. L-SRB kien f'kuntatt mal-Kummissjoni, mal-Parlament u mal-Presidenza tal-Kunsill biex jiaprovi l-għarfiens espert tiegħu fir-rigward ta' referenzi rilevanti għall-BRRD/SRMR (bħad-definizzjoni ta' funzjonijiet kritiċi u r-rikonoximent kuntrattwali), u mal-NRAs għall-iskambju ta' informazzjoni dwar inċidenti kbar relatati mal-ICT għall-banek, u simulazzjonijiet ta' kriżi. Il-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet rilevanti għall-SRB se japplikaw fl-2024, u l-SRB beda l-ħidma tiegħu biex ikun jista' jimplimentahom.

Fajls oħrajn

F'Ġunju, l-SRB bagħat u ppubblika l-kontribut tiegħu għall-konsultazzjoni mmirata tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tar-regoli dwar l-għajnejha mill-Istat għall-banek f'diffikultà. Fit-tweġiba tiegħu, l-SRB irrakkomanda l-indirizzar tan-nuqqas ta' allinjament bejn il-komunikazzjonijiet dwar l-għajnejha mill-Istat u l-BRRD/SRMR.

Il-Presidenza tal-Kunsill u l-Parlament f'Settembru adottaw⁴⁵ ir-rieżami tal-hekk imsejħa "soluzzjoni ta' malajr" għas-CRR/BRRD. Il-koleġiżlaturi rnexxielhom inaqqsu d-differenzi tagħhom dwar it-test inkluż għaż-żewġ kwistjonijiet ewlenin:

- ▶ Reġim ta' tnaqqis rivedut, sabiex jiġi evitat l-għadd doppu tal-elementi tal-MREL fil-livell tal-entitajiet intermedji, biex b'hekk ikun żgurat li l-gruppi bankarji tal-UE dejjem iżommu kapaċċità robusta ta' assorbiment tat-telf f'konformità mal-MREL divulġat tagħhom (ara aktar dettalji fit-taqṣima 1.3.2)
- ▶ Reġim tranżizzjonalni mfassal tajjeb għal gruppi ta' punti ta' dħul multipli, bi flessibbiltà addizzjonal sa tmiem l-2024, li huwa soġġett għal valutazzjoni mill-SRB f'koordinazzjoni mal-NRAs, li huma f'kuntatt mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward.

⁴³ Dokument shiħi disponibbli hawnhekk: <https://www.srb.europa.eu/en/content/srb-responses-european-commission-targeted-consultation-review-crisis-management-and>.

⁴⁴ Dokument shiħi disponibbli hawnhekk: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020PC0595>.

⁴⁵ Dokument shiħi disponibbli hawnhekk: https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0307_MT.pdf.

Riżoluzzjoni tal-Kontropartijiet Ċentrali

Fl-UE, ir-Regolament dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tas-CCP tal-2021 għandu l-għan li jipprovdi l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni tas-CCP b'għodod adegwati biex jiġiestixx l-kriżijiet u jittrattaw l-avvenimenti li jinvolu l-falliment potenzjali ta' CCP, filwaqt li jibni fuq il-prinċipji tal-qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek. Matul l-2022, l-Istati Membri bdew jaħtru awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni tas-CCP u stabbilew kulleġġi ta' riżoluzzjoni tas-CCP għas-CCPs taħt il-mandat tagħhom biex jagħtu pariri dwar il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà tas-CCP. L-SRB jipparteċipa bħala membru bi drid tal-vot fil-kolleġġi ta' riżoluzzjoni tas-CCP peress li huwa l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-membri tal-ikklirjar taħt il-mandat tiegħu. L-ESMA għandha tistabbilixxi wkoll Kumitat tar-Riżoluzzjoni tas-CCPs għall-promozzjoni tat-tfassil u l-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, u għall-iżvilupp ta' metodi għar-riżoluzzjoni ta' CCPs li jkunu qed ifallu. L-SRB ser ikun osservatur fil-Kumitat ta' Riżoluzzjoni tal-ESMA. F'konformità mal-“Gwida dwar ir-Riżoluzzjoni tas-CCP u l-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni”, ippubblikata mill-Bord għall-Istabbilità Finanzjarja fl-2017, l-SRB jipparteċipa fil-Gruppi tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet tas-CCP bħala l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-membri ewlenin tal-ikklirjar.

L-SRB, bħala parti mill-SRM, jikkondivi informazzjoni mal-NRAs dwar il-ħidma tal-SRB fuq is-CCPs, u f'Ġunju 2022 l-SRB għamel l-ewwel preżentazzjoni fil-laqgħa tas-sessjoni Plenarja tal-SRB.

Fl-2022, l-SRB ipparteċipa fi tnax-il Grupp għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet, u għal erbgħa minnhom l-SRB ipparteċipa għall-ewwel darba (għal CCPs ibbażati f'Hong Kong, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti). L-SRB ipparteċipa wkoll f'żewġ Kullieggi ta' Riżoluzzjoni tas-CCPs (fl-Iżvezja u fil-Ġermanja), iffirma żewġ Ftehimiet ta' Kooperazzjoni tas-CCPs (għas-CCPs f'Hong Kong u fi Spanja), u organizza laqgħa ta' livell għoli tas-CCP mal-ESMA.

Il-kollaborazzjoni ma' iċċituzzjonijiet u aġenziji oħra tal-UE

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew

Matul l-2022, l-SRB ipparteċipa f'diversi laqgħat tal-**Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju**, billi pprovda kontribut b'mod partikolari dwar ir-riżolvibbiltà, is-suġġetti tal-MREL, il-SRF, u t-tagħlimiet meħuda mill-każijiet ta' riżoluzzjoni għar-rieżami tal-qafas tas-CMDI, u pparteċipa f'diskussionijiet dwar il-ħidma futura rigward il-proposti tal-Kummissjoni, kif ukoll l-effetti tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. L-SRB ġha sehem ukoll f'diversi laqgħat tal-Grupp tal-Euro fl-2022.

L-SRB attenda regolarment il-**Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji** biex jikkontribwixxi għal u jsegwi l-aġġornamenti trimestrali dwar ir-riskju, kif ukoll diskussionijiet dwar affarijiet regolatorji rilevanti tas-servizzi finanzjarji tal-UE kontinwi, fost l-oħrajn.

Il-President tal-SRB deher tliet darbiet matul is-sena quddiem il-**Kumitat tal-ECON tal-Parlament**, biex jinforma l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni meħuda dwar Sberbank Europe (ara t-taqsimha 1.5.2), il-progress fir-riżolvibbiltà tal-bank u l-prioritajiet ta' politika (Marzu); jippreżenta r-Rapport Annwali 2021,

il-progress fir-riżolvibbiltà tal-bank bil-pubblikazzjoni reċenti tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà u l-mappa termika (ara t-taqṣima 1.3.3), is-sitwazzjoni ekonomika u l-prioritajiet ta' politika (Lulju); u jippreżenta l-Programm ta' Ħidma Annwali tal-SRB għall-2022, kif ukoll il-perspettivi tal-qafas ta' riżoluzzjoni wara l-perjodu ta' tranżizzjoni (Diċembru).

Bank Ċentrali Ewropew

Fl-2022, I-SRB kompla bil-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni b'saħħithom mal-BĊE dwar diversi suġġetti, b'mod partikolari dwar l-aċċess tal-SRB għal *data* statistika miġbura għal skopijiet ta' politika monetarja fuq bażi regolari, lil hinn minn każijiet ta' riżoluzzjoni. Barra minn hekk, I-SRB ipparteċipa wkoll fil-laqgħat tan-Network għall-Ġestjoni ta' Kriżijiet tal-MSU, biex jippreżenta l-politiki żviluppati reċentement u s-sejbiet tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-SRB, it-tagħlimiet meħuda dwar każijiet ta' kriżi, u l-valutazzjonijiet tal-pjan ta' rkupru. L-SRB ingħaqad ukoll ma' grupp ta' kuntatt iddedikat organizzat mill-BĊE biex jimmonitorja l-konsegwenzi tal-invażjoni tar-Russja tal-Ukrajna dwar il-banek tal-Unjoni Bankarja. Il-grupp immonitorja l-konsegwenzi diretti u indiretti tal-invażjoni għall-banek tal-MSU u t-thejjiha ġenerali tal-banek għal ambjent ta' sanzjonijiet internazzjonali.

L-SRB u l-BĊE saħħew ukoll il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni tagħhom billi rrevedew il-Memorandum ta' Qbil⁴⁶ tagħhom. Ir-rieżami jinvolvi ħafna aspetti ta' kooperazzjoni peress li jieħu t-tagħlimiet minn każijiet ta' kriżi riċenti, jindirizza l-arrangġamenti ta' kooperazzjoni li jirriżultaw mill-Pakkett Bankarju, u jifformalizza l-prattiki attwali.

L-Awtorită̼ Bankarja Ewropea

Fl-2022, I-SRB kompla jiprovd kontributi konsiderevoli għall-ħidma lill-EBA dwar kwistjonijiet ta' riżoluzzjoni. Fil-bidu tas-sena, saret laqgħa tal-maniġment superjuri bejn I-EBA u I-SRB, sabiex tikkoordina dwar il-programmi ta' ħidma u tiddiskuti inizjattivi li għaddejjin li jista' jistħoqqilhom koordinazzjoni aħjar. Matul is-sena, I-SRB ipparteċipa fid-diversi Kumitat tal-EBA biex jiżgura konverġenza ta' skedi ta' żmien u prioritajiet.

L-SRB jiltaqa' bħala osservatur fil-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri tal-EBA.

Barra minn hekk, I-SRB ippresieda l-Kumitat ta' Riżoluzzjoni fl-2022 (irrappreżentat mill-Membru tal-Bord Sebastiano Laviola) u pparteċipa bħala membru f'dan il-kumitat permanenti li jittratta deċiżjonijiet relatati mal-kompieti mogħtija lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mill-BRRD. Matul is-sena, is-suġġetti ewlenin trattati kienu relatati mal-ħidma fuq diversi Linji Gwida tal-EBA relatati mar-riżoluzzjoni (bħar-riżolvibbiltà, it-trasferibbiltà, l-eżekuzzjoni u l-it-testjar tar-rikapitalizzazzjoni interna), ir-Rapport tal-MREL mill-EBA skont il-Pakkett Bankarju l-ġdid (li wera konklużjonijiet simili għall-monitoraġġ tal-SRB, ara t-taqṣima 1.3.2), l-istabbiliment ta' prioritajiet skont il-Programm Ewropew ta' Eżaminazzjoni tar-Riżoluzzjoni, it-tagħlimiet meħuda mill-kriżijiet tal-banek tal-passat, u l-proposti dwar il-ġbir tad-

⁴⁶ Dokument shiħi disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/ECB-SRB_MoU2022_final.pdf.

data biex jiġi evitat rapportar doppju minn NRAs mhux tal-Unjoni Bankarja u titjib ieħor fil-ġbir u l-fluss tad-*data*.

L-SRB jieħu sehem ukoll fl-**inizjattiva tal-EBA dwar ir-rappurtar integrat**, flimkien mal-Kummissjoni u l-BĊE. L-inizjattiva tiproponi l-ħolqien ta' dizzjunarju tad-*data* komuni, li jinkludi rekwiżiti ta' rappurtar superviżorji, ta' statistika u ta' riżoluzzjoni; punt ċentrali ta' ġbir tad-*data* għall-faċilitazzjoni tal-iskambju tad-*data*, u Kumitat Konġunt tar-Rapportar għall-iż-ġur tal-governanza tal-inizjattiva, li fl-aħħar mill-aħħar għandha l-ġhan li tnaqqas il-piż tar-rappurtar fuq il-banek u ttejjeb il-kondiżjoni tad-*data* fost l-awtoritajiet.

Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS)

L-SRB ipparteċipa wkoll fil-konfigurazzjonijiet ewlenin tal-BERS, bħall-Bord Ġenerali, il-Kumitat Tekniku Konsultativ u l-gruppi ta' ħidma tekniċi relatati, bħall-Grupp ta' ħidma dwar l-Analiżi u l-Grupp ta' ħidma dwar l-Istrumenti. Bħal ffora oħra, parti sostanzjali mid-diskussionijiet fil-livell strateġiku kienet dwar l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russia, li wasslet għal inċertezza għolja u żieda perċettibbli fir-riskju tal-istabbiltà finanzjarja fl-UE, anke b'rabta ma' inċidenti ċibernetiċi. Suġġetti oħra diskussi li fihom l-SRB għandu interess tal-partijiet ikkonċernati kienu r-rispons tal-BERS għar-rieżami tal-qafas makroprudenzjali mill-Kummissjoni, il-konklużjonijiet tar-rapport tal-Grupp Esploratorju ta' Livell Għoli dwar il-Kriptoassi u l-Finanzi Deċentralizzati u l-azzjoni ta' politika bbażata fuq ir-riskju għall-klima.

L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol

L-SRB qed jaħdem ukoll mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) dwar il-valutazzjoni tal-kontaġju transsettorejali mill-falliment ta' bank għas-settur tal-assigurazzjoni Ewropew. L-ewwel riżultati ta' dan il-proġett konġunt ikkonfermaw li l-iskopertura tal-assiguraturi għas-settur bankarju hija materjali. Fl-istess ħin, ir-riskju ta' kontaġju jidher li huwa kkontrollat, ittestjat fanaliżi ta' x'kieku jiġi u li jirriżulta minn falliment idjosinkratiku ta' bank. L-SRB kompla l-ħidma mal-EIOPA biex itejjeb il-metodoloġija billi jikkunsidra avveniment fis-sistema kollha u jespandi l-valutazzjoni għall-fondi tal-pensjonijiet.

1.4.4. Kooperazzjoni u relazzjonijiet internazzjonali

Fid-dawl tal-iżviluppi ġepolitici ta' din is-sena, il-kooperazzjoni internazzjonali saret saħansitra aktar essenzjali għall-kisba tal-ġħaniżiet tal-SRB.

Arranġamenti ta' kooperazzjoni

Fl-2022, l-SRB ikkonkluda erba' arranġamenti ta' kooperazzjoni bilaterali: mal-Korporazzjoni Koreana tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti, mal-Āgenzija Bankarja tal-Federazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina, mal-Āgenzija Bankarja ta' Republika Srpska (Bożnija-Herzegovina), u mal-Bank Ċentrali tal-Montenegro, li jtellgħu n-numru totali ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni għal 14. Għaddejjin negozjati ma' għadd ta' awtoritajiet oħra ta' pajjiżi terzi.

B'dawn l-arranġamenti ta' kooperazzjoni, l-SRB u l-awtoritajiet ta' pajiżi terzi jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jsaħħu r-riżolvibbiltà billi jsaħħu l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali.

Illustrazzjoni 10. Arranġamenti ta' kooperazzjoni tal-SRB

L-SRMR jagħti mandat lill-SRB biex jikkonkludi arranġamenti ta' kooperazzjoni mhux vinkolanti biex jiffaċilita u jsostni l-kooperazzjoni ma' pajiżi terzi. Dawn jieħdu l-forma ta':

- ▶ ftehimiet ta' kooperazzjoni, għal Gruppi speċifiċi tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet;
- ▶ arranġamenti ta' kooperazzjoni, li jkopru l-banek tal-SRB u l-LSIs kollha f'pajjiż terz;
- ▶ Memoranda ta' Qbil li jkopru l-banek tal-SRB u l-LSIs fl-Istati Membri li mhumiex parti mill-Unjoni Bankarja.

Arranġamenti ta' Kooperazzjoni ffirmati

- ▶ Albanija: Il-Bank tal-Albanija
- ▶ Il-Bożnja-Herzegovina: L-Aġenzija Bankarja tal-Federazzjoni tal-Bożnja-herzegovina u l-Aġenzija Bankarja ta' Republika Srpska
- ▶ Il-Brażil: Il-Bank Ċentrali tal-Brażil
- ▶ Il-Kanada: Korporazzjoni Federali tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti
- ▶ Il-Ġappun: Il-Bank tal-Ġappun u l-Aġenzija tas-Servizzi Finanzjarji tal-Ġappun
- ▶ Il-Messiku: L-Istitut tal-Messiku għall-Protezzjoni tat-Tfaddil tal-Banek
- ▶ Il-Montenegro: Il-Bank Ċentrali tal-Montenegro
- ▶ Is-Serbja: Il-Bank Nazzjonali tas-Serbja
- ▶ Il-Korea t'Isfel: Korporazzjoni Koreana tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti
- ▶ L-Iżvizzera: L-Awtorità Superviżorja tas-Suq Finanzjarju Ĵvizzeru
- ▶ Ir-Renju Unit: Bank of England (Il-Bank tal-Ingilterra)
- ▶ L-Istati Uniti: Korporazzjoni Federali tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti

Kooperazzjoni internazzjonali

Fl-2022, l-SRB stinka biex ikompli jsaħħa l-interazzjoni u l-kooperazzjoni tiegħu ma' pajiżi terzi, li jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti ta' kollaborazzjoni. Sabiex jikseb dan, l-SRB iżomm relazzjonijiet bilaterali u jipparteċipa f'diversi fora multilaterali.

Relazzjonijiet bilaterali

L-SRB organizza u pparteċipa f'laqgħat tekniċi u workshops ma' diversi NRAs. Fi Frar u f'Marzu, l-SRB organizza żewġ workshops mal-awtorità ta' riżoluzzjoni

tal-Messiku, li matulhom ġew kondiviżi aspetti ġeneralji tar-riżoluzzjoni fiż-żewġ ġuriżdizzjonijiet. L-SRB attenda l-Forum Regolatorju annwali bejn I-UE u I-Ġappun, filwaqt li ppreżenta l-każijiet reċenti dwar id-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni; ipparteċipa fil-Forum Regolatorju Finanzjarju Konġunt bejn I-UE u l-Istati Uniti u d-Djalogu Finanzjarju bejn I-UE u l-Kanada, ipparteċipa fil-Grupp ta' Ħidma tal-EFTA dwar is-Servizzi Finanzjarji⁴⁷ u organizza żjara ta' delegazzjoni mill-Korporazzjoni tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti tal-Malażja u l-Bank Ċentrali tal-Malażja u sessjoni ta' hħidma ta' jumejn dwar skemi ta' riżoluzzjoni u ta' garanzija tad-depożiti u l-iskambju tal-aħjar prattika bejn it-tliet istituzzjonijiet.

Fl-aħħar tliet xhur, l-SRB irċieva rappreżentanti mill-Bank of England biex jiddiskutu l-aħħar prattika tal-Grupp għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet u l-istrateġija li tħares 'il quddiem, l-involviment u l-kondiżjoni tal-informazzjoni. Matul il-workshop virtwali dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet organizzat mill-Istitut tal-Ġestjoni Makroekonomika u Finanzjarja tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar, l-SRB wettaq preżentazzjoni dwar il-ħidma tal-SRMR u tal-SRB, u pprovda kummenti għal-linji gwida mill-Bank tat-Tanzania dwar l-ippjanar ta' rkupru u kontinġenza. Fi tmiem is-sena, l-SRB ipparteċipa f'workshop mal-awtorità ta' riżoluzzjoni mill-Korea t'lsfel u flaqgħa ta' livell għoli dwar il-prioritajiet Regolatorji u Superviżorji ospitata mill-Fond Monetarju Għarbi.

Relazzjonijiet multilaterali

Bord għall-Istabilità Finanzjarja

L-SRB kompla jikkontribwixxi b'mod proattiv għall-ħidma tal-FSB. Huwa pparteċipa fħames laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżoluzzjoni matul is-sena, li fihom id-diskussionijiet iffokaw fuq kwistjonijiet ta' riżoluzzjoni għal Banek mhux Globali Sistemikament Importanti (G-SIBs), TLAC mhux allokata, u bħala wieħed mill-oqsma ewlenin ta' hħidma, riżorsi finanzjarji alternativi għar-riżoluzzjoni tal-Kontroparti Ċentrali. L-SRB kellu wkoll l-opportunità li jippreżenta u jikkondividu tagħlimiet meħuda mill-każ ta' Sberbank, id-deċiżjonijiet tal-qorti ta' Banco Popular (ara t-taqsima 2.3.4) u l-ħidma fl-Eżerċizzju ta' Livell ta' Prinċipju Tripartitiku (TPLE).


L-SRB ippresieda l-Grupp għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet Transfruntiera Bankarji⁴⁸, inizjalment irrappreżentat mill-Membru tal-Bord Boštjan Jazbec, li l-mandat tiegħu ntemm f-Ġunju, u minn Novembru 'l quddiem, mill-Membru tal-Bord Sebastiano Laviola. Matul is-sena, filwaqt li kkollabora fil-flussi ta' hħidma differenti taħt dan il-Grupp, l-SRB ikkontribwixxa għat-ħejja ta' żewġ noti dwar TLAC mhux allokata; l-organizzazzjoni ta' avveniment għall-partijiet ikkonċernati biex jiġu indirizzati wħud mill-isfidi transfruntiera fl-eżekuzzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna; biex jittestja l-adegwatezza tal-qafas tal-FSB permezz ta' stħarriġ; biex jipparteċipa f'diskussionijiet dwar riżoluzzjoni mhux tal-G-SIBs li tiffoka fuq kwistjonijiet u sfidi ġenerali relatati mal-kooperattivi finanzjarji u mal-banek tas-settur pubbliku; u biex iħejji preżentazzjonijiet profondi fil-kuntest tal-fluss ta' hħidma tal-finanzjament

⁴⁷ Il-Grupp ta' Ħidma tal-EFTA dwar is-Servizzi Finanzjarji huwa magħmul minn rappreżentanti mill-Ministeri tal-Finanzi, l-Awtoritajiet Superviżorji u l-Bank Ċentrali min-Norveġja, l-İzlanda, il-Liechtenstein (il-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA) u l-İż-żivżżeera (pajjiż tal-EFTA biss).

⁴⁸ L-SRB jipparteċipa fl-istruttura tal-FSB (ara l-Ilustrazzjoni 11). Innota li l-fluss ta' hħidma dwar il-prattiki tajbin tal-Grupp għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet ma tkompliex u li l-fluss ta' hħidma dwar l-Innovazzjoni u r-Riżoluzzjoni Digidali beda l-ħidma tiegħu f'Diċembru 2022.

friżoluzzjoni. L-SRB ipparteċipa wkoll b'mod attiv fil-Grupp għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet Transfruntier għall-FMIs.

Illustrazzjoni 11. Bord għall-Istabilità Finanzjarja u l-involviment tal-SRB



Eżerċizzju ta' Livell ta' Prinċipju Tripartitiku

L-SRB ipparteċipa b'mod attiv fit-tiġihi operazzjonali tal-koordinazzjoni għal riżoluzzjoni transfruntiera mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti u tar-Renju Unit permezz tat-TPLE biex isaħħa il-fehim tar-reġimi ta' riżoluzzjoni ta' xulxin għal banek globali sistemikament importanti (G-SIBs), b'enfasi fuq il-kondiżjoni tal-informazzjoni, il-kapital u t-TLAC, u l-finanzjament fir-riżoluzzjoni. It-TPLE jiżviluppa wkoll playbooks ġuriżdizzjonali u jwettaq sessjonijiet ta' prattika regolari, li fuqhom għadha għaddejja l-ħidma u hija mistennija li tiżidied fil-futur.

F'April, L-SRB attenda l-laqqha annwali fil-livell prinċipali fuq il-post fil-kuntest tat-TPLE f'Washington DC. L-eżerċizzju laqqa' flimkien l-aqwa regolaturi mill-Unjoni Bankarja, mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti biex jiddiskut u jħejju għal każijiet potenzjali futuri ta' kriżi transfruntiera. Fir-raba' kwart, il-progress dwar l-aġġornament tal-playbooks tat-TPLE u t-tħejjija għall-eżerċizzju tal-Persunal ta' Livell Għoli tal-2023 ġie ppreżentat lill-persunal ta' livell għoli tat-TPLE. Il-komunikazzjonijiet huma aspett ewljeni li qed jiġi t-testjat, b'hekk il-mudelli u l-messaġġi ewlenin qed jiġu skambjati bejn l-awtoritajiet għal aktar allinjament u tħejjija.

Organizzazzjonijiet internazzjonali oħra

F'Mejju, I-SRB attenda l-konferenza Annwali Internazzjonali taċ-Ċentru Konsultattiv għas-Settur Finanzjarju tal-Bank Dinji dwar "Sfidi superviżorji u tranżizzjoni ekoloġika fl-ambjent ta' wara l-pandemija", li fiha r-rappreżentant tal-SRB ippreżenta l-operazzjonalizzazzjoni tal-qafas fis-seħħi, inkluż l-aproċċ tal-SRB għall-ippjanar ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzji ta' simulazzjoni. F'Diċembru, I-SRB ippreżenta l-għoddha ta' Bejgħ ta' Negozju lill-awtoritajiet Ukre ni permezz ta' workshop organizzat mill-Bank Dinji.

F'Diċembru, I-SRB ipparteċipa wkoll fil-konferenza annwali tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Assiguraturi tad-Depożiti, flimkien ma' esperti mill-Fond Monetarju Internazzjonali, mill-Bank Dinji u assiguraturi tad-depożiti minn ġuriżdizzjonijiet oħra.

Fl-2022, I-SRB kien qed jipparteċipa fil-Grupp ta' Ħidma tal-Istitut Internazzjonali għall-Unifikazzjoni tal-Liġi Privata (Unidroit) dwar il-Likwidazzjoni tal-Banek f'kkollaborazzjoni mal-Istitut għall-Istabbiltà Finanzjarja. Il-proġett għandu l-għan li jindirizza l-lakuna attwali fl-arkitettura legali internazzjonali, billi jfassal strument internazzjonali ta' li ġi mhux vinkolanti li jkopri l-karakteristiċi ewlenin tal-proċedimenti ta' likwidazzjoni tal-banek.



1.5. It-tħejjija u t-twettiq tal-ġestjoni tal-kriżijiet

Fl-2022, l-SRB kompla jiżviluppa l-proċeduri, l-għodod, il-mudelli u s-soluzzjonijiet speċifiċi tal-ICT għall-kriżijiet, kif ukoll jorganizza eżerċizzji ta' sessjonijiet ta' prattika u jtejjeb il-proċessi interni u esterni tal-ġestjoni tal-kriżijiet. L-SRB iġġestixxa każ ta' riżoluzzjoni wieħed matul is-sena.

Illustrazzjoni 12. Il-fażijiet ewlenin fil-proċess ta' riżoluzzjoni



1.5.1. It-tħejjija u l-ġestjoni tal-kriżi

L-aktivitajiet tal-SRB fit-tħejjija għall-kriżijiet huma kkoordinati mill-Unità għat-ħnejja u l-ġestjoni tal-Kriżijiet (li kienet trasformazzjoni tat-Tim Tattiku tar-Riżoluzzjoni f'Unità li tirrapporta lill-President, effettiva mill-aħħar ta' Novembru). L-unità taħdem f'kooperazzjoni mal-esperti tal-unitajiet ta' riżoluzzjoni kollha tal-SRB, mat-timijiet orizzontali u mal-NRAs filwaqt li tiżgura li t-tħejjija għall-kriżijiet

tkun inkorporata f'aktivitajiet ta' ppjanar ta' riżoluzzjoni. Fl-2022, I-SRB tejeb it-tħejji tiegħu kif deskrirt hawn taħt, u barra minn hekk, wettaq monitoraġġ intensiv biex jivaluta l-impatti potenziali tat-tensionijiet ġeopolitiċi f'istituzzjonijiet u LSIs sinifikanti madwar l-Unjoni Bankarja u l-UE.

Proċeduri, għodod u mudelli

Il-ħidma fuq il-finalizzazzjoni tal-Manwali Nazzjonali mill-NRAs kompliet fl-2022. Il-Manwali Nazzjonali jikkonċernaw il-proċeduri nazzjonali u l-karatteristiċi operazzjonali għall-implementazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-kriżi tal-SRB, u I-SRB iqis l-eżiżenza ta' konsistenza bejniethom bħala priorità bil-ħsieb li jiżgura kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni Bankarja. Sabiex isaħħaħ il-konsistenza, I-SRB, f'kollaborazzjoni ma' tliet NRAs, nieda proġett pilota biex jiddefinixxi indiċi ta' parametri referenzjarji għall-manwali nazzjonali tal-NRAs kollha. Sa tmiem l-2022, il-progress fir-rinfurzar u l-allinjament tal-Manwali Nazzjonali mill-NRAs għadu għaddej, bil-biċċa l-kbira tal-NRAs jistennew li l-manwali tagħhom jittlestew fl-2024.

Il-ħidma fuq l-għodod ta' riżoluzzjoni minbarra r-rikapitalizzazzjoni interna kompliet ukoll fl-2022, imwettqa minn tim dedikat ta' esperti interni. Il-manwali li jiffukaw fuq l-operazzjonalizzazzjoni ta' dawn l-għodod ġew iż-żiffilizzati u kondiviżi mal-NRAs għal feedback, bil-ħsieb li jappoġġaw l-iżvilupp tal-manwali nazzjonali msemmija hawn fuq. B'mod parallel, I-SRB beda jimplimenta taħriġ intern miftuħ ukoll għall-persunal tal-NRA f'għodod ta' riżoluzzjoni għajr ir-rikapitalizzazzjoni interna.

Matul is-sena, I-SRB tejeb għodod interni oħrajn biex jappoġġa l-ġestjoni tal-kriżijiet, bħall-proċeduri u l-mudelli tal-każijiet ta' kriżi. L-SRB kompla jtejjeb ukoll il-kalkolatur tal-għoddha tar-rikapitalizzazzjoni interna eżistenti, li l-ewwel prototip tiegħu ġie ttestjat matul sessjoni ta' prattika kompluta f'Novembru.

Fl-2022, I-SRB approva wkoll il-Linji Gwida dwar il-Ġestjoni Speċjali tiegħu. L-objettiv tal-Linji Gwida huwa li jiżguraw standards xierqa u effettivi għall-proċess tal-ġħażla u l-ħatra ta' maniġers speċjali, bil-ħsieb li jevitaw diverġenzi bejn I-NRAs, u, fejn meħtieġ, jistabbilixxu proċeduri operazzjonali għar-rapportar lill-SRB u għall-monitoraġġ minnu⁴⁹.

Sessjonijiet ta' prattika

F'Novembru, I-SRB organizza s-sessjoni ta' prattika kompluta annwali tiegħu ma' diversi awtoritatiet bħall-Kummissjoni, il-BĊE u I-NRAs ta' żewġ ġuriżdizzjonijiet tal-Unjoni Bankarja (Spanja u l-Portugall). L-eżerċizzju ta' sessjoni ta' prattika ttestja strateġija ta' punt ta' dħul wieħed b'rikapitalizzazzjoni interna ta' bank miftuħ għal grupp fittiju⁵⁰ fejn il-kumpanija prinċipali kienet ibbażata f'pajjiż wieħed u s-sussidjarja fieħor. Aktar minn 90 parteċipant ipparteċipaw fis-sessjonijiet, ittestjaw mudell għal skema ta' riżoluzzjoni b'punt ta' dħul uniku, prototip għal kalkolatur tar-rikapitalizzazzjoni interna, proċessi ta' komunikazzjoni u

⁴⁹ Il-Linji Gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 23(5) tal-SRMR u l-Artikolu 35 tal-BRRD, kif trasposti fil-ligġijiet nazzjonali.

⁵⁰ L-ebda bank ma ġie riżolt.

I-organizzazzjoni ta' diskussionijiet dwar elementi ta' kriżi, bħal konsultazzjoni li tfalli jew li x'aktarx tfalli, eskużjonijiet diskrezzjonal minn rikapitalizzazzjoni interna u riżultati ta' valwazzjoni, fost l-oħrajn. Is-sessjoni ta' prattika involviet ukoll it-tħejjija u l-pubblikazzjoni simulata ta' materjali ta' komunikazzjoni bħal stqarrijiet għall-istampa u skeda informattiva dwar il-bank innifsu. Dan l-eżerċizzju ta' suċċess kien ir-riżultat ta' tħejjija bir-reqqa tax-xenarju finanzjarju u l-bażi legali tiegħu, il-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-użu ta' Lesti għall-Kriżi (R4C). L-SRB se jiġib it-tagħlimiet meħħuda mill-parteċipanti kollha fl-eżerċizzju, li se jintużaw biex jissaħħu l-protokolli, il-proċeduri u s-sistemi fil-futur.

Barra minn hekk, fl-2022, l-SRB organizza eżerċizzji ta' prattika fuq il-pjattaforma R4C mal-NRA Griegi u Awstriači, f'Mejju u f'Diċembru, rispettivament.

Monitoraġġ imsaħħaħ tal-banek taħt il-mandat tal-SRB

Fi Q1 2022, l-SRB saħħaħ il-monitoraġġ tiegħu tal-banek taħt il-mandat tiegħu, biex irrawwem it-tħejjija għall-kriżijiet tal-SRB jekk tingala' l-ħtieġa għal intervent mill-SRB. Xprunata mit-tensionijiet ġeopolitiċi, l-analiżi fl-ewwel nofs tal-2022 iffukat fuq l-effetti diretti u indiretti tal-invażjoni tal-Ukrainja mir-Russia, filwaqt li fit-tieni nofs tas-sena, l-SRB issorvelja mill-qrib il-prestazzjoni tal-banek, li ġew ivvalutati bħala l-aktar vulnerabbi minħabba c-ċirkostanzi makroekonomiċi prevalent.

L-inċertezza ekonomika ppersistet matul is-sena bil-prospettiva makroekonomika u finanzjarja li sejra għall-agħar. Barra minn hekk, ir-Rieżami tal-Istabbiltà Finanzjarja tal-BĊE ta' Novembru 2022 enfasizza kif ir-riski għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE kienu żidiedu.

Konsegwentement, il-monitoraġġ mill-qrib ta' banek individwali mill-SRB huwa ġġustifikat biex jindirizza riskji idjosinkratċi f'waqthom li jistgħu jaffettwaw banek b'esponenti aktar ikkonċentrati għal setturi vulnerabbi (eż. industriji intensivi fl-enerġija), mudelli ta' negozju aktar dgħajfa jew għal reġjuni aktar riskjużi.

Lesti għall-Kriżi (R4C)

Il-pjattaforma tal-R4C, żviluppata biex tappoġġa l-ġestjoni ta' każijiet ta' kriżi, wettqet żewġ ħarġiet matul is-sena. Il-ħarġa tal-verżjoni 2.0, f'Mejju, wara l-ittestjar mal-persunal tal-SRB u mal-parteċipanti mill-NRAs, mill-BĊE u mill-Kummissjoni, kien jinkludi titħiġ għall-ħidma fi kriżijiet u l-integrazzjoni ma' pjattaformi oħra tal-SRB (ara aktar dettalji fit-taqṣima 2.3.2). ħarġa oħra, il-verżjoni 3.0 f'Ottubru, inkludiet funzjonalitajiet ġodda, bħal għodod ta' rappurtar, ġestjoni ta' notifikasi u użabbiltà mtejba, bl-għan li tiżid l-effiċċenza ta' proċessi ta' ġestjoni tal-kriżijiet. Din l-aħħar ħarġa tħejjiet fil-ħin biex tigħi fis-sessjoni ta' prattika kompluta f'Novembru. Il-persunal tal-SRB irċieva taħriġ fuq il-pjattaforma matul is-sena.

1.5.2. Rispons għall-kriżijiet

Fl-2022, l-SRB issorvelja mill-qrib l-impatt tal-instabbiltà wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fis-settur finanzjarju, u ħejja analiżi kemm għal diskussjoni interna kif ukoll għal dik esterna (ara t-taqsimiet 1.4.3 u 1.4.4). Barra minn hekk, l-SRB ittratta każ wieħed ta' riżoluzzjoni, li huwa t-tieni wieħed deċiż mill-SRB sa mill-bidu tiegħi. Barra minn hekk, kien hemm għadd ta' kriżijiet tal-LSIs, li fihom l-SRB ikkollabora mill-qrib mal-NRAs responsabbi.

Każ ta' riżoluzzjoni ta' Sberbank

Fis-27 ta' Frar, l-SRB iddetermina li Sberbank Europe AG fl-Awstrija u s-sussidjarji tagħha fil-Kroazja (Sberbank d.d.) u fis-Slovenja (Sberbank banka d.d.) kienu qed ifallu jew x'aktarx se jfallu minħabba deterjorament rapidu fis-sitwazzjoni tal-likwidità tagħhom, bi qbil mal-valutazzjoni tal-BĊE. Sberbank Europe AG opera fi ħdan l-Unjoni Bankarja fl-Awstrija, b'fergħat fil-Ġermanja, u sussidjarji fil-Kroazja u fis-Slovenja, kif ukoll fl-Istati Membri tal-UE taċ-Ċekja u l-Ungerja, u l-pajjiżi terzi Bożnija-Herzegovina u Serbja. Sberbank Europe AG irrapporta assi totali ta' EUR 13,64-il biljun flivell konsolidat u aggregat ta' EUR 6,82 biljun fl-entitajiet tal-Unjoni Bankarja fl-Awstrija, fil-Kroazja u fis-Slovenja. Il-bank opera fis-setturi li ġejjin:

- ▶ Korporattiv: self u servizzi tas-suq globali għal korporattivi kbar;
- ▶ Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju: self u servizzi ta' kontijiet lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju madwar l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant;
- ▶ Bejgħ bl-imnut: self ipotekarju u tal-konsumatur, depożiti u servizzi ta' kontijiet lil klijenti mhux professjonal fis-swiegħ kollha, inkluż permezz tal-fergħa online tiegħi fil-Ġermanja.

L-SRB applika sospensjoni ta' pagamenti, infurzar u drittijiet ta' terminazzjoni, magħrufa bħala moratorju, lit-tliet banek tal-Unjoni Bankarja. Matul il-moratorju, id-depożitanti setgħu jirtiraw ammont ta' gratifika għal kull jum, stabbilit mill-NRA rispettivi.

Fl-1 ta' Marzu, l-SRB iddeċċieda li ma kienet meħtieġa l-ebda azzjoni ta' riżoluzzjoni għall-kumpanija omm Awstrijaka Sberbank Europe AG. L-SRB ivvaluta li l-kundizzjonijiet kumulattivi għall-azzjoni ta' riżoluzzjoni stabbiliti fl-SRMR ma ġewx issodisfati, billi l-bank ma ġiekk ikkunsidrat biex jipprovd funżjonijiet kritiċi għall-ekonomija u li l-istralċ tiegħi taħt proċedimenti normali ta' insolvenza ma jkollux impatt negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja jew fuq l-ekonomija fl-Awstrija⁵¹. Fl-istess data, l-SRB iddeċċieda li jittraferixxi l-ishma kollha tas-sussidjarja Kroata tal-grupp Sberbank d.d. lil Hrvatska poštanska banka d.d. (Postbank Kroat) u l-ishma kollha tas-sussidjarja Slovena tal-grupp Sberbank banka d.d. lil Nova ljubljanska banka d.d. (NLB d.d.). L-SRB sab li kien hemm interessa pubbliku fir-riżoluzzjoni taż-żewġ

⁵¹ Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni fir-rigward ta' Sberbank Europa AG hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2022-06-10_SRB-Non-confidential-version-of-the-decision-in-respect-of-Sberbank-Europe-AG.pdf?destination=/en/admin/content/media.

sussidjarji permezz tal-għoddha tal-bejjħ tan-negożju għall-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-evitar tat-tfixxil⁵² għall-ekonomiji Kroati⁵³ u Sloveni.

Il-Kummissjoni approvat iż-żewġ deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni u, flimkien mad-deċiżjoni ta' nuqqas ta' riżoluzzjoni, dawn ġew implementati mill-NRAs rispettivi: l-Awtorità Awstrijaka għas-Suq Finanzjarju, il-Bank Nazzjonali Kroat u l-Bank tas-Slovenja. Fil-Kroazja u fis-Slovenja, il-banek fetħu l-Erbgħha 2 ta' Marzu, b'mod normali u mingħajr ebda tfixxil għad-dəpożitanti jew għall-klijenti. Fl-Awstrija, id-depożitanti kienu protetti bis-saħħha tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti u saru arranġamenti għall-istralċ tal-bank b'mod ordnat⁵⁴.

1.6. L-operazzjonal-izzazzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni

Istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti ta' investimenti fil-21 Stat Membri parteċipanti tal-Unjoni Bankarja jikkontribwixxu għalli-SRF. L-SRF se jinbena gradwalment matul perjodu inizjali ta' tmien snin (2016-2023) u jrid jilħaq mill-inqas 1 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fl-Istati Membri parteċipanti kollha. Fl-2022, l-SRB kompla jżid il-kontribuzzjonijiet lill-SRF, u għamel progress kif ippjanat, mexxa l-investimenti u ffoka fuq il-ħidma preparatorja għall-introduzzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza komuni.

1.6.1. Kontribuzzjonijiet

Ir-rata ta' tkabbir ta' depożiti koperti fl-2021 kienet ta' madwar 6,5 % (il-medja annwali ta' depożiti koperti kkalkulata fuq bażi trimestrali rrapportata mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti fl-2022). Abbażi ta' dan it-tkabbir, l-SRF huwa mistenni li jintem mal madwar EUR 80 biljun fl-aħħar tal-perjondu inizjali, sal-31 ta' Diċembru 2023. Fl-2022, l-SRB iffoka fuq il-prioritajiet tiegħu kif stipulati fil-pjan ta' ħidma ta' din is-sena bħat-tkompliha tat-titjib tat-trasparenza tal-proċess tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet u l-introduzzjoni ta' titjib fil-proċess ta' konsultazzjoni.

⁵² Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni fir-rigward ta' Sberbank d.d. hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2022-06-10_SRB_Non-confidential-version-of-the-resolution-decision-in-respect-of-Sberbank-d.d_1.pdf.

⁵³ Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni fir-rigward ta' Sberbank banka d.d. hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2022-06-10%20SRB_Non-confidential-version-of-the-resolution-decision-in-respect-of-Sberbank-banka-d.d._1.pdf.

⁵⁴ Stqarrija għall-istampa sħiħa minn NRA responsabbi disponibbi hawnhekk: FMA/OeNB: insolvenza ta' Sberbank evitata - il-kredituri kollha setgħu jingħataw servizz fil-ħin - FMA Österreich.

Il-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet

Fil-bidu tas-sena, it-tim iffoka fuq il-ġbir ta' *data* mill-istituzzjonijiet u mill-iskemi ta' garanzija tad-depożiti sabiex ikun jista' jikkalkula l-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2022 lill-SRF. Barra minn hekk, wettaq il-kalkolu tad-dikjarazzjonijiet mill-ġdid għal ċikli preċedenti. F'April, is-Sessjoni Eżekuttiva tal-Bord approvat l-ammonti ta' kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2022 li għandhom jiġu ttrasferiti lill-SRF u r-riżultati tal-kalkolu ġew ikkomunikati lill-NRAs. Total ta' EUR 13,67-il biljun inġabru minn 2 896 bank u ditta tal-investiment fl-Unjoni Bankarja, inklużi flus kontanti u Impenji ta' Pagament Irrevokabbli, li wassal biex il-fond jammonha għal EUR 66 biljun. B'mod parallel, it-tim tal-SRF beda t-tħejjijiet għaċ-ċiklu ta' kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2023. F'Ottubru, l-SRB innotifika lill-NRAs bl-ittra ta' tnedja tal-istituzzjoni u bid-deċiżjoni dwar il-formola tar-rapportar tad-*data* tal-2023 u dwar ir-rekwiżi ta' assigurazzjoni addizzjonali. Il-fażi tal-ġbir tad-*data* għaċ-ċiklu tal-2023 bdiet f'Novembru 2022 u se tibqa' għaddejja sal-aħħar ta' Frar 2023 (f'konformità mal-bidla leġiżlattiva proposta mill-Kummissjoni ⁵⁵).

Il-verifika tad-*data* u l-proċess ta' konsultazzjoni

Fi Frar saret fażi intensa ta' verifika tad-*data*. L-SRB wettaq il-fażi ta' konsultazzjoni mal-istituzzjonijiet fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-SRF. Il-fażi ta' konsultazzjoni damet 10 ġranet tax-xogħol u għiet konkuża mal-istituzzjonijiet sas-17 ta' Marzu u mal-BĊE, il-NRAs u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sal-25 ta' Marzu. Novità għal dan iċ-ċiklu kienet li l-kalkoli mill-ġdid preliminary tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* preċedenti (permezz tal-hekk imsejħa "dikjarazzjonijiet mill-ġdid") ġew inklużi wkoll fil-fażi ta' konsultazzjoni. Dan kompla jsaħħħa it-trasparenza u l-involviment tal-istituzzjonijiet fil-proċess tal-SRB. L-SRB qies it-345 kumment dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2022. L-eżitu ta' din il-fażi ta' konsultazzjoni ġie rifless fid-dokumenti tad-deċiżjoni biż-żieda ta' dokument estensiv intitolat "Evalwazzjoni tas-sottomissionijiet magħmula fil-konsultazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2022 għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni".

⁵⁵ Fil-kuntest tal-ġbir tad-*data* għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-SRF, l-istituzzjonijiet huma mitluba jaġġustaw il-valur tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn derivattivi abbażi tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/63. L-Artikolu 5(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 jirrikjedi li l-istituzzjoni japplikaw il-metodoloġija tal-proporzjon ta' ingranaġġ riflessa fl-Artikolu 429c tar-Regolament (UE) Nru 575/203 (CRR) għall-ġġustament. Madankollu, il-bidliet sostanzjali introdotti għal din il-metodoloġija mir-Regolament (UE) 2019/876 tal-20 ta' Mejju 2019, li emenda s-CRR, iqajjem diffikultajiet ta' applikazzjoni u riflessjonijiet ġġustifikati dwar jekk għandhiex tiġi introdotta mill-ġdid il-metodoloġija ta' proporzjon ta' ingranaġġ preċedenti għall-finijiet ta' valutazzjoni tad-derivattivi fil-kuntest tal-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet *ex ante* lill-SRF. Għalhekk, f'Settembru 2022, il-Kummissjoni infurmat lill-SRB li qieset li tiproċedi b'emenda tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63. F'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Settembru, l-SRB aġġusta l-istruzzjonijiet dwar ir-rapportar tad-*data* lejn l-istituzzjonijiet sabiex jitlob il-valur aġġustat tad-derivattivi abbażi tal-metodoloġija tal-proporzjon ta' ingranaġġ preċedenti. Id-deċiżjoni formal mill-Kummissjoni biex temenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 ittieħdet fl-20 ta' Jannar 2023. Permezz ta' arrāngament tranżitorju, il-Kummissjoni ddeċidiet ukoll li tagħti xahar ieħor għall-ġbir tad-*data* taċ-ċiklu ta' kontribuzzjoni tal-2023, jiegħi sal-aħħar ta' Frar 2023. L-emenda għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 ġiet ippubblikata fit-22 ta' Marzu 2023 fil-ĠU L83.

Il-Bord adotta formalment ukoll deċiżjoni dwar il-bidu tal-eżerċizzju ta' verifika tad-data addizzjonali tal-2022. Sussegwentement, I-SRB informa lit-30 istituzzjoni li ġew kampjunati u stidinhom jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa.

Id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti) fis-sentenza tagħha fil-kawżi konġunti C-584/20P u C-621/20 P⁵⁶, *Il-Kummissjoni u I-SRB kontra Landesbank Baden-Württemberg u l-ordnijiet fil-kawżi C-663/20P*⁵⁷, *Hypo Vorarlberg Bank AG u C-664/20P*⁵⁸ *Portigon AG* ikkonfermaw il-legalità tal-qafas legali għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex ante iżda annullaw id-Deċiżjoni tal-11 ta' April 2017 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex ante tal-2017 għal Hypo Vorarlberg Bank AG, Portigon AG u LBBW minħabba nuqqasijiet fir-rigward tar-räġunament. Sabiex jikkonforma mas-sentenza u mal-ordnijiet, I-SRB iddeċieda li jadotta mill-ġdid id-deċiżjoni ex ante tal-2017 f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Qorti għal dawn it-tliet istituzzjonijiet. Il-każijiet imsemmija hawn fuq skattaw ukoll l-adozzjoni mill-ġdid ta' deċiżjonijiet ex ante oħra biex jinġiebu għall-istandard ta' raġunament stabbilit mill-Qorti. Matul I-2022, I-SRB adotta mill-ġdid id-deċiżjonijiet ex ante rigward iċ-ċikli ta' kontribuzzjoni ex ante tal-2016, I-2017, I-2018, I-2019 u I-2020. Id-deċiżjonijiet adottati mill-ġdid huma applikabbli biss għall-istituzzjonijiet li appellaw deċiżjonijiet ex ante preċedenti quddiem il-Qrati tal-Unjoni. Il-proċedimenti tal-qorti rigward id-deċiżjonijiet adottati mill-ġdid għadhom għaddejjin.

1.6.2. Investimenti

Pjan ta' Investment

Il-Pjan ta' Investment tal-2022 ġie approvat mill-Bord f'Diċembru 2021 u jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022. Huwa jiddefinixxi l-Allokazzjoni Strateġika tal-Assi, inklużi l-karatteristiki ewlenin tar-riskju u tar-ritorn tagħha u l-mod kif l-Allokazzjoni Strateġika tal-Assi tiġi implementata. Twettaq rieżami tal-klassi tal-assi biex jiġu evalwati mill-ġdid il-klassijiet ta' assi l-aktar xierqa li għandhom jiġu inklużi fil-portafoll ta' investiment tal-SRB, b'mod partikolari minn perspettiva ta' riskju, redditu, diversifikazzjoni u likwidit. Minħabba l-bidliet materjali fil-kundizzjonijiet tas-suq, ġie approvat aġġornament tal-Pjan ta' Investment tal-2022 mill-Bord f'Għunju li jinkludi Allokazzjoni Strateġika tal-Assi riveduta biex tindirizza ż-żieda fil-volatilità fis-swieq tal-introjtu fiss kif ukoll ir-rendimenti sostanzjalment ogħla. L-investiment ta' porzjon tal-kontribuzzjonijiet ex ante tal-2022 tlesta f'Lulju. Fi Q4, il-BĊE ddeċieda li jneħħi temporanġament il-limitu massimu tar-rata tal-imgħax ta' 0 % għar-remunerazzjoni tal-fondi pubbliċi mill-14 ta' Settembru 2022 sat-30 ta' April 2023 fl-istess ħin li ċaqlaq ir-Rata tal-Faċilità ta' Depożitu tiegħu f'territorju pożittiv. Għalhekk, ir-remunerazzjoni tal-bilanċi tal-flus tal-SRB f'dan il-perjodu kienet l-inqas mir-rata tal-euro fuq terminu qasir u mir-Rata tal-Faċilità

⁵⁶ Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: <https://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=245421&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=268216>

⁵⁷ Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: <https://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=260306&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=267193>

⁵⁸ Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: <https://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=260290&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=267761>

tad-Depożiti tal-BĊE. Modifikasi żgħar addizzjonali għall-Pjan ta' Investiment tal-2022 ġew approvati mis-Sessjoni Eżekuttiva tal-SRB bħala riżultat għall-adattament tar-rendiment minimu tax-xiri għat-titoli li l-SRB jinvesti fihom u biex jiġi differit l-investiment ippjanat ta' porzjon addizzjonali tal-kontribuzzjonijet *ex ante* tal-2022 sal-2023, u minflok jinżammu ammonti fi flus kontanti.

L-SRB adotta l-Istrateġja ta' Investiment tal-2023 f'Novembru u fis-Sessjoni Eżekuttiva tiegħu approva l-Pjan ta' Investiment tal-2023.

Servizzi esternalizzati

Fl-2022, l-SRB għaddha minn proċess tal-għażla biex jagħżel maniġer ta' investiment u depożitarju qabel l-iskadenza tal-kuntratti mal-fornitur eżistenti fl-2023. Wara l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti, f'Novembru l-Bord fis-Sessjoni Eżekuttiva tiegħu approva l-bidu ta' negozjati kuntrattwali mal-kandidat bl-ogħla punteġġ.

1.6.3. Finanzjament

F'Settembru, l-SRB ippreżenta l-komunikazzjoni annwali pprovduta lill-Istati Membri dwar il-Kapaċità ta' Finanzjament Disponibbli. Fid-data ta' referenza (Awwissu 2022) tal-kalkoli, il-livell ta' mutwalizzazzjoni fi Q3 2022 kien ta' 91,7 %.

Il-politika tal-kollateral

Fil-kuntest tal-operazzjonalizzazzjoni tal-Garanzija ta' Kontinġenza Komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, l-SRB żviluppa l-politika kollaterali tiegħu li skonha l-Garanzija ta' Kontinġenza Komuni tintuża għal skopijiet ta' likwiditā u s-self lill-banek ikun fuq bażi kollateralizzata meta dan ikun prattiku. Fil-prinċipju, il-klassijiet tal-assi kollha sejkunu eliġibbli, u l-valutazzjoni se titwettaq minn parti terza indipendent. Bħala parti mill-Politika Kollaterali tal-SRB, l-SRB żviluppa wkoll qafas tar-riskju biex jivaluta r-riskji differenti u jikkalibra l-livell adegwat ta' telf impost li għandu jiġi applikat.

Garanzija ta' Kontinġenza Komuni

Tħejjew il-Ftehimiet ta' Faċilità ta' Kontinġenza Parallela mal-Bulgarija u l-Kroazja. Il-firma finali tal-Ftehim dwar il-Faċilità ta' Garanzija ta' Kontinġenza bejn l-SRB u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) u t-terminalizzjoni tal-Ftehimiet dwar Faċilità ta' Selfgħadhom pendenti minħabba proċessi ta' ratifika u kunsiderazzjoniċċi legali fi Stat Membru wieħed.

Sadanittant, l-SRB kompla bil-ħidma tiegħu dwar l-operazzjonalizzazzjoni tal-Garanzija ta' Kontinġenza Komuni. L-SRB-MES ippreżenta l-Valutazzjoni tal-Kapaċità ta' Pagament mill-Ġdid f'Marzu 2022 b'ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-andament tas-sessjonijiet ta' prattika tal-valutazzjoni li saret fl-2021. Il-metodoloġija użata għall-ittejtjar tal-kapaċità ta' ħlas lura tal-SRB fkaż ta' attivazzjoni tal-Garanzija ta' Kontinġenza Komuni ġiet evalwata u meqjusa robusta minn espert indipendent fil-qasam tal-makroekonomija u l-ekonometrika. L-introduzzjoni bikrija tal-Garanzija

ta' Kontinġenza Komuni qiegħda tistenna r-ratifika tal-Ftehim li Jemenda t-Trattat MES u l-Ftehim li Jemenda l-Ftehim Intergovernattiv mill-Italja. Minn Jannar 2023, il-Kroazja ser ikollha wkoll tirratifika ż-żewġ dokumenti peress li l-pajjiż se jadotta l-euro u jsir Membru tal-MES⁵⁹.

⁵⁹ Il-Kroazja nnotifikat ir-ratifika tat-trattat dwar l-MES matul l-ewwel trimestru tal-2023, wara d-data limitu għal dan ir-rapport.



Single
Resolution
Board





2.1. Introduzzjoni

L-SRB ra preżenza dejjem akbar tal-persunal personalment fl-uffiċċju u l-istabbiliment sħiħ ta' mod ta' ħidma ibridu. Dan ġie kkomplementat mill-kontinwazzjoni ta' diversi inizjattivi ta' digiṭalizzazzjoni, jiġifieri mill-iżvilupp ta' pjattaformi u għodod digiṭali ġodda u, aktar importanti minn hekk, mill-integrazzjoni ta' xi wħud minn dawn il-pjattaformi biex tiżdied l-effiċċjenza tal-proċessi tal-SRB.

Diversi attivitajiet komplew għal-livelli ta' qabel il-pandemija, bħall-ġestjoni baġitarja u finanzjarja, fejn in-nefqa żdiedet meta mqabbla mas-snин preċedenti. Bħala riżultat tal-inflazzjoni, it-trasferimenti żdiedu meta mqabbla mas-snın preċedenti. L-eżekuzzjoni ġenerali tal-baġit kienet ta' 95 %⁶⁰. Ir-riżorsi umani komplew jirreklutaw kampanji matul is-sena, li kważi ssodisfaw il-pjan ta' stabbiliment tal-SRB, u b'rata ta' rotazzjoni notevolment aktar baxxa. Barra minn hekk, l-attivitajiet ta' tagħlim u żvilupp adattati għall-ambjent ibridu l-ġdid, u l-avvenimenti personali reġgħu komplew b'mod aktar spiss.

Il-viżibbiltà esterna tal-SRB żdiedet matul is-sena grazzi għall-ilħuq proattiv f'termini tal-komunikazzjonijiet. Iż-żewġ avvenimenti ewlenin organizzati, il-konferenza konġunta bejn il-BĊE u l-SRB u l-konferenza annwali tal-SRB, laqqgħu udjenzi minn varjetà wiesgħha ta' sfondi u ppromwovew diskussjonijiet interessanti dwar il-qafas tar-riżoluzzjoni u l-futur tiegħu, il-kisbiet tal-SRB u dwar dak li jmiss.

F'termini ta' proċedimenti ta' litigazzjoni, l-SRB innota diversi sentenzi importanti matul is-sena, bħall-ewwel deċiżjoni dwar aspetti materjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni adottata mill-SRB fir-rigward ta' Banco Popular Español (ara t-taqsimha 2.3.4), li se jiffurmaw dan il-qasam ta' ħidma fis-snin li ġejjin. L-SRB irċieva wkoll żewġ ordnijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja f'termini ta' kontribuzzjonijiet *ex ante*, li dwarhom

⁶⁰ Esklużi l-kontinġenzi.

I-organizzazzjoni ġadet azzjoni immedjata. In-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Bord tal-Appell żidied matul is-sena (ara t-taqSIMA 2.3.5).

2.2. Teħid ta' deċiżjonijiet

Il-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-SRB iltaqgħu u ddeċidew dwar l-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom matul is-sena. Fl-2022, l-SRB kellu sitt laqgħat tal-Bord fis-Sessjoni Plenarja tiegħu, disa' laqgħat tal-Bord fis-Sessjoni Eżekuttiva Ristretta tiegħu u 25 laqgħa tal-Bord fis-Sessjoni Eżekuttiva Estiża tiegħu, li minnhom 10 kienu relatati ma' każiġiet ta' kriżi u 15 kienu relatati mal-RPĊ.

Tnedew aktar minn 600 proċedura bil-miktub, inklużi 16-il proċedura bil-miktub li ġew organizzati mas-Sessjoni Plenarja, 65 proċedura bil-miktub mas-Sessjoni Eżekuttiva Ristretta u 239 proċedura bil-miktub tas-Sessjoni Eżekuttiva Estiża, prinċipalment relatati mal-RPCs tal-2021 u l-2022 u li minnhom 20 kienu relatati mal-każiġiet ta' kriżi. Kollha kemm huma kienu appoġġati mill-pjattaforma online, imfassla biex tiffaċilita l-proċess (ara t-taqSIMA 2.3.2).

Illustrazzjoni 13. It-teħid ta' deċiżjonijiet tal-SRB

Il-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-SRB



Sessjoni Plenarja

Magħmlu minn	Komplu
• President	Jiddelibera u jiddeċiedi dwar kwistjonijiet strateġiċi għall-SRB jew il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni.
• Membri tal-Bord Permanentni	
• Ir-rappreżentanti kollha tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali (NRA)	



Sessjoni Eżekuttiva

R I S T R E T T A

Magħmlu minn	Komplu
• President	Iħejji l-iċċiċa l-kbira tad-deċiżjonijiet tas-Sessjoni Plenarja.
• Membri tal-Bord Permanentni	

E S T I Ż A

Magħmlu minn	Komplu
• President	Jadotta deċiżjonijiet spċiċċi għall-banek u jhejj i-għad limitat ta' deċiżjonijiet tas-Sessjoni Plenarji.
• Membri tal-Bord Permanentni	
• Rappreżentanti tal-NRA kkonċernati	



President

- Deċiżjonijiet kif deskritti fl-Artikolu 56 tal-SRMR, relatati mal-ġestjoni ta' kulkum tal-SRB.



Viċi President

- Membru mingħajr vot-ħlief f'każ ta' nuqqas tal-President.



Osservaturi

- Il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom status ta' osservatur permanenti fil-laqgħat kollha tas-Sessjoni Eżekuttivi u Plenarji;
- Fejn rilevanti, jistgħu jiġu mistiedna osservaturi oħra fuq bażi ad hoc għas-Sessjoni Eżekuttivi u Plenarji;
- Meta jiddelibera dwar grupp li għandu sussidjarji jew fergħat sinifikanti fi Stati Membri mhux parteċipanti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' dawk l-Istati Membri mhux parteċipanti huma mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħa tas-Sessjoni Eżekuttivi Estiża.

2.3. Żviluppi kbar

Is-sottotaqsimiet li ġejjin jippreżentaw l-istadji importanti miksuba mill-funzjonijiet orizzontali tal-SRB fl-2022.

2.3.1. Segretarjat tal-SRB

Is-Segretarjat tal-SRB kompla jsaħħa il-governanza u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-SRB, b'mod partikolari billi kompla jottimizza l-prattiki ta' ħidma tiegħu, inklużi l-proċessi għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' diversi korpi.

L-Uffiċċju tal-Ġestjoni tad-*Data* wettaq il-kompli regolari tiegħu, żamm id-drittijiet ta' aċċess għall-persunal tal-SRB u matul is-sena ħejja u implimenta pjan ta' azzjoni biex jindirizza r-rakkmandazzjoniċi ta' awditu intern dwar il-ġestjoni tad-dokumenti u tar-rekords. L-Uffiċċju ġadem ukoll fuq it-tieni verżjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni ta' Dokumenti u Rekords Elettroniċi tal-SRB (EDRMS2) u fuq l-akkwist ta' kotba għal-librerija tal-SRB. Hejjha wkoll servizz ta' ktieb elettroniku li huwa ppjanat li jiġi offrut lill-persunal kollu tal-SRB fl-2023.

2.3.2. Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

L-SRB kompla jimplimenta inizjattivi biex iwieġeb għall-ħtiġiġiet li qed jevolvu tal-SRB u tal-SRM. Fl-2022, it-tim tal-ICT tal-SRB ipprovda appoġġ regolari lill-persunal, kompla jiżviluppa għodod u pjattaformi diġitali u ffoka fuq iċ-ċibersigurtà – theddida li qed tikber.

Appoġġ intern

Bħala t-tielet sena li fiha parti sinifikanti tal-ħidma twettqet mill-bogħod, l-ICT ipprovdiet servizzi essenzjali għat-tmexxija tal-SRB, filwaqt li żgurat id-disponibbiltà sħiħha tas-servizzi tal-ICT, li kienet qrib il-100 % matul is-sena.

Fl-2022, I-SRB:

- ▶ Igħejstixxa 1 144 kontijiet u 1 143 kaxxa tal-email;
- ▶ Ikkondivida 208 GB ta' dokumenti ma' partijiet terzi permezz ta' 94 spazju ta' kollaborazzjoni;
- ▶ Ospita madwar 2 200 laqgħa mill-bogħod fix-xahar għal durata totali ta' madwar 100 000 minuta/xahar;
- ▶ Amministra 187 000 folder kondiviż li jokkupaw 2.13 TB ta' spazju tad-diska (25 darba l-ispazju kompressat totali ta' Wikipedia, mingħajr media).
- ▶ Ipproċessal-informazzjoni minn madwar 120 grupp bankarju fi 3 livelli ta' rapportar (gruppi individuali, konsolidati, ta' riżoluzzjoni) li jirrappreżentaw aktar minn 900 istituzzjoni li huma taħt il-mandat dirett tal-SRB.

Diġitalizzazzjoni: għodod u pjattaformi

Fl-2022, I-SRB kompla l-iżvilupp, kif ippjanat, ta' diversi pjattaformi u beda jiżviluppa oħrajn ġodda. L-iżviluppi ewlenin matul is-sena kienu:

- ▶ **FORA** hija l-applikazzjoni tal-ICT li tippermetti lis-Segretarjat tal-SRB jimmaniġġja l-proċeduri bil-miktub tal-Bord. Fl-aħħar ta' Marzu 2022 ġie ppreżentat il-ħruġ tekniku ta' FORA 3.1, li tintegra l-pjattaforma mal-R4C, biex tissimplifika l-proċessi f'każ ta' kriżi, tnaqqas il-ħin tal-ipproċessar u l-iżbalji umani potenzjali.
- ▶ **Il-Fabrika tad-DATA ta' Referenza** hija applikazzjoni interna tal-SRB li tiġġestixxi d-data ewlenija tal-istituzzjonijiet finanzjarji għall-użu intern tal-SRB li tagħha I-SRB implimentat diversi ħruġ.
- ▶ F'termini ta' ġbir u ġestjoni tad-data, I-SRB uża t-tieni ħarġa tal-**Gateway taċ-Ċertifikazzjoni tad-DATA**, il-pjattaforma interna li tiżgura l-kwalità tad-data ġestita fl-RPĊ, u beda l-iżvilupp tat-tielet ħruġ biex jappoġġa ċ-ċiklu tal-ġbir tad-data tal-2023. Fl-2022, I-SRB iġġestixxa wkoll **iċ-ċiklu tal-ġbir tad-data tal-SRF** tal-2022 għall-kontribuzzjonijiet ex ante u beda jħejji l-portal għall-ġbir tad-data tal-2023, l-ewwel wieħed li għandu jittlesta f'XBRL-XML biss.
- ▶ F'termini tal-analitika tad-data, I-SRB uża l-ewwel **ħruġ tal-PIA** għad-data dwar l-iswaps ta' inadempjenza tal-kreditu, filwaqt li implimenta konsultazzjoni ċentralizzata ta' reġistrazzjoni u saħħaħ il-fluss tax-xogħol tal-proċess tal-PIA. Fl-2022, I-SRB implimenta tliet ħarġiet ta' **Bażi tad-DATA Analitika tal-Investiment** biex jawtomatizza u jtejjeb il-kapaċitajiet ta' rapportar tal-prestazzjoni u tar-riskju tal-SRB fir-rigward tal-SRF. L-applikazzjoni, li tiġib data minn forniture differenti tad-data f'bażi tad-data waħda, saħħet ir-robustezza tal-proċess tal-bini tal-portafoll (ara t-taqsimha 1.6).
- ▶ Skont applikazzjonijiet u għodod ġodda, fl-2022, I-SRB uża l-ewwel ħruġ ta' **Applikazzjoni għal kontribuzzjoni amministrattiva** li tippermetti l-ġbir u l-validazzjoni tad-data, biex jikkalkula l-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni, biex joħloq u jibgħat il-fatturazzjoni u, fejn meħtieġ, biex jiġġenera t-talba tal-ħlas. L-SRB beda l-iżvilupp tat-tieni ħarġa (li għandha tkun lesta għaċ-ċiklu tal-2023) biex ittejjeb l-applikazzjoni abbażi ta' feedback tan-negożju bl-użu tal-applikazzjoni.

- ▶ Fl-2022, l-SRB beda wkoll l-iżvilupp ta' pjattaforma ġdida, li se titfassal bħala ambjent kollaborattiv taħt l-isem **Sistema Integrata ta' Informazzjoni dwar ir-Riżoluzzjoni (IRIS)**, biex tappoġġa l-implementazzjoni tal-RPĊ. L-iżvilupp, li beda f'Ottubru 2022 u se jinvvoli l-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-NRAs, se jingrana dwar il-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet tal-R4C. L-ewwel ħarġa tal-applikazzjoni se toħroġ fl-aħħar ta' Novembru 2023 biex tappoġġa l-implementazzjoni tal-RPĊ 2024 b'żewġ ħarġiet addizzjonali ppjanati sa tmiem is-sena 2024.

Is-sigurtà tal-ICT u ċ-ċibersigurtà

Fl-2022, il-Ġestjoni tar-Riskju tas-Sigurtà tal-ICT ġiet stabbilita bħala funzjoni ġdida ta' governanza fl-SRB. L-objettiv huwa li tiżgura t-tieni linja ta' difiża f'termini ta' sigurtà tal-ICT, li ttejeb l-identifikazzjoni u t-trattament tar-riskji għas-sigurtà tal-ICT li jistgħu jaffettaw il-kisba tal-objettivi tal-SRB.

Matul is-sena, l-SRB wettaq kampanja ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà tal-ICT li kopriet il-persunal kollu. Barra minn hekk, il-persunal tal-SRB għaddha minn eżerċizzju mmirat ta' spear-phishing f'April u Ottubru 2022. L-eżerċizzju dam tlett ijiem, li matulhom l-azzjonijiet tal-utenti ġew illogġjati u ġie pprovdut feedback. Ġie stabbilit proċess formali għall-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet u dan jinsab operattiv sa minn Jannar 2023.

2.3.3. Faċilitajiet

Ir-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija tneħħew progressivament matul it-tieni kwart tas-sena, li żied l-ġħadd ta' persunal fl-uffiċċju kif ukoll il-laqgħat personali matul is-sena. F'dan il-kuntest, l-SRB nieda l-portal għall-ġestjoni tal-faċilitajiet tiegħi, biex iżid l-effiċjenza dwar kwistjonijiet ta' rapportar u servizzi relatati mal-faċilitajiet mitluba. Barra minn hekk, matul is-sena, it-tim tal-faċilitajiet tal-SRB organizza l-loġistika għaq-żon bini, li għandu jtitlesta sa Q1 2023.

2.3.4. Servizz Legali tal-SRB

L-SRB jiffunzjona f'ambjent regolatorju li qed jevolvi u kumpless li fih hija strumentali l-assistenza legali kontinwa fir-rigward tal-qafas legali kumpless għas-sodisfazzjoni tal-mandat tal-SRB. L-assistenza tingħata principally permezz ta' żewġ attivitajiet: Parir legali u litigazzjoni.

Parir legali

Fl-2022, is-Servizz Legali tal-SRB kompla jiprovdji pariri legali relatati mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi tal-Unjoni Bankarja b'fokus partikolari fuq il-qafas ta' riżoluzzjoni tal-UE fl-oqsma ta', fost l-oħrajn, l-ippjanar tar-riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, id-determinazzjoni tal-MREL, l-azzjoni ta' riżoluzzjoni u kwistjonijiet rigward l-SRF, kif ukoll parir legali dwar diversi inizjattivi leġiżlattivi. L-għoti ta' pariri legali fid-diversi livelli tal-organizzazzjoni żgura l-implementazzjoni konsistenti tal-

qafas legali u l-iżvilupp ulterjuri tal-politiki tal-SRB. Total ta' 96,24 % tat-talbiet għal parir ġew indirizzati fil-ħin⁶¹.

Matul is-sena, is-Servizz Legali ħejja u kkoordina l-ħidma tan-Network Legali, forum ta' esperti legali mill-NRAs u mill-SRB. Dan in-Network li jinkludi l-SRB, l-NRAs, il-Kummissjoni, il-BĊE u r-rappreżentanti tal-EBA jikkontribwixxi biex ikompli jrawwem il-fehim komuni tal-kwistjonijiet legali li jaffettaw il-funzjonament tal-SRM u jistinka biex japplika l-qafas ta' riżoluzzjoni tal-UE b'mod konsistenti fi ħdan l-Unjoni Bankarja.

Proċeduri ta' tilwim

Is-Servizz Legali tal-SRB jirrapreżenta lill-SRB quddiem il-Bord tal-Appell, il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja. Rigward il-litigazzjoni pendent quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2022, kien hemm 221 każ pendent, li aktar minn nofs (120 każ) minnhom kienu jikkonċernaw deċiżjonijiet meħħuda fil-kuntest ta' deċiżjonijiet dwar l-eżerċitar tas-setgħat ta' riżoluzzjoni mill-SRB fir-rigward ta' Banco Popular Español, ABLV, PNB Banka u Sberbank. Total ta' 90 azzjoni legali jikkonċernaw id-deċiżjonijiet meħħuda fil-kuntest ta' kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-SRF għall-2016 sal-2022.

Fl-1 ta' Ġunju 2022, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet għall-ewwel darba dwar l-aspetti materjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni adottata mill-SRB fir-rigward ta' **Banco Popular Español**. Kien hemm total ta' ħames sentenzi mogħtija fħames kawżi⁶² li kienu ġew innominati bħala "piloti" mill-Qorti minn aktar minn 100 azzjoni mressqa mill-azzjonisti u mill-kredituri ta' Banco Popular Español. L-azzjonijiet fittxew l-annullament tal-iskema ta' riżoluzzjoni u/jew id-Deċiżjoni ta' Approvazzjoni tal-Kummissjoni flimkien ma' talbiet għad-danni.

Il-ġudizzji⁶³ kkonkludew li d-deċiżjonijiet tal-SRB dwar Banco Popular Español kienu legali, ċaħdu l-azzjoni għad-danni u ddeterminaw li l-kostijiet tal-SRB għandhom jitħallsu mill-applikanti.

⁶¹ Fi żmien 14-il jum ta' xogħol.

⁶² Inizjalment kien hemm sitt każijiet indikati bħala "piloti", u wieħed ġie ddikjarat inammissibbi mill-Qorti tal-Ġustizzja f'Marzu 2021.

⁶³ Dokumenti sħaħ disponibbli hawnhekk:

Kawża T-481, *Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno u SFL kontra SRB*:

<https://curia.europa.eu/juris/document/document>.

jsf?text=&docid=263447&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=3292

Kawża T-510/17, *Del Valle Ruiz u Oħrajn kontra il-Kummissjoni u l-SRB*:

<https://curia.europa.eu/juris/document/document>.

jsf?text=&docid=260163&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=3292

Kawża T-523/17, *Eleveté Invest Group u Oħrajn vs il-Kummissjoni u l-SRB*:

<https://curia.europa.eu/juris/document/document>.

jsf?text=&docid=263793&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=3292

Kawża T-570/17 *Algebris (UK) y Anchorage Capital Group kontra Il-Kummissjoni*:

<https://curia.europa.eu/juris/document/document>.

jsf?text=&docid=263795&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=3292


Kawża T-628/17 | *Aeris Invest v Il-Kummissjoni u l-SRB*:

<https://curia.europa.eu/juris/document/document>.


jsf?text=&docid=263797&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=3292

Illustrazzjoni 14. Perċentwal ta' kawżi ta' tilwim li għadhom għaddejjin skont is-suġġett

KAŻJIET TA' LITIGAZZJONI PENDENTI LI JIKKONĊERNAW DEĊIŻJONIET TA' RIŻOLUZZJONI



KAWŻI PENDENTI TA' TILWIM LI JIKKONĊERNAW KONTRIBUZZJONIET EX ANTE



Is-sejbiet ewlenin l-oħra tal-ġudizzji huma:

- L-azzjonijiet jistgħu jitressqu fuq bażi awtonoma kontra skema ta' riżoluzzjoni adottata mill-SRB. M'hemm l-ebda rekwiżit għal azzjoni kontra d-Deċiżjoni ta' Approvazzjoni tal-Kummissjoni wkoll.

- ▶ In-nuqqas ta' smiġħ tal-applikanti fil-kuntest tal-proċedura ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular jikkostitwixxi limitazzjoni għad-dritt li wieħed jinstema'. Madankollu, huwa ġġustifikat u neċċesarju sabiex jintlaħaq objettiv ta' interessa ġenerali, u fil-każ ta' Banco Popular Español jirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità.
- ▶ Ċerta informazzjoni miżmuma mill-SRB, li tinsab fl-iskema ta' riżoluzzjoni, fil-valwazzjoni 2 u fid-dokumenti li fuqhom ibbaża ruħu I-SRB sabiex jadotta l-iskema ta' riżoluzzjoni, hija kunkfidenzjali u koperta mis-sigriet professjoni. Wara l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, l-azzjonisti u l-kredituri ma għandhomx dritt ta' aċċess għall-fajl kollu li jikkonċerna dik ir-riżoluzzjoni.
- ▶ L-SRMR ma jiksirx il-prinċipji relatati mad-delega ta' setgħat. Il-leġiżlatura tal-UE tat lil istituzzjoni (jiġifieri, il-Kummissjoni jew il-Kunsill) ir-responsabbiltà legali u politika għad-determinazzjoni tal-politika ta' riżoluzzjoni tal-UE permezz tal-approvazzjoni tal-aspetti diskrezzjonali tar-riżoluzzjoni sabiex l-iskema tipprodu effetti legali.
- ▶ L-SRB u l-Kummissjoni ma għamlux żball manifest ta' valutazzjoni meta sabu li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18(1) tal-SRMR għall-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español kienu ġew issodisfati.
- ▶ Fir-rigward tal-proċess ta' kummerċjalizzazzjoni, il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni tal-SRB li jitlob lill-NRA tikkuntattja biss lill-entitajiet li kienu pparteċipaw fi proċedura preċedenti għall-bejjgħ privat ta' Banco Popular Español. L-NRA hija intitolata li tillimita l-istedina tagħha għal xerrejja potenzjali partikolari biss.
- ▶ Fid-dawl tal-urġenza tas-sitwazzjoni, l-SRB jista' jiddependi minn valwazzjoni proviżorja biex jadotta l-iskema ta' riżoluzzjoni. Minħabba r-restrizzjonijiet taż-żmien u l-informazzjoni limitata disponibbli, xi incerteżzi u stimi huma inerenti fi kwalunkwe valwazzjoni proviżorja, u r-riżervi espressi minn espert li wettaq dik il-valwazzjoni ma jistgħux ifissru li ma kinitx ġusta, prudenti u realistika.
- ▶ Il-Qorti teskludi t-talbiet għad-danni kontra l-SRB u l-Kummissjoni. L-applikanti naqsu milli juru li l-SRB jew il-Kummissjoni kisru l-prinċipju ta' kunkfidenzjalità jew l-obbligu ta' segrēzza professjoni. L-SRB u l-Kummissjoni aġixxew b'mod legali u ma żvelaw l-ebda informazzjoni kunkfidenzjali dwar il-proċedura ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular.

Erbgħa mill-ħames sentenzi ġew appellati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja filwaqt li sentenza waħda saret finali.

Każijiet li jikkonċernaw kontribuzzjonijiet ex ante għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni

F'Marzu 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja tat-żewġ ordnijiet rigward żewġ appelli kontra d-deċiżjoni ta' kalkolu tal-2017 dwar il-kontribuzzjonijiet ex ante għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni. B'mod simili għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 2021 dwar l-istess ċiklu ta' kontribuzzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-legalità tal-qafas legali li fuqu huwa bbażat il-kalkolu tal-kontribuzzjoni ex ante iżda annullat id-deċiżjoni ta' kalkolu minħabba nuqqasijiet rigward ir-raġunament. Wara li ngħataw dawn iż-żewġ ordnijiet, il-Qorti ġenerali reġgħet bdiet il-kawżi kollha li jikkonċernaw iċ-ċikli ta' kontribuzzjoni ex ante li kienu ġew sospiżi sakemm jittieħdu dawk id-deċiżjonijiet. Għal raġunijiet ta' effiċjenza proċedurali, l-SRB iddeċċieda li jimplimenta l-għida mill-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-i-standard tar-raġunament tad-deċiżjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet ex ante u li jadotta mill-ġdid id-deċiżjonijiet soġġetti għal

appell għaż-ċikli ta' kontribuzzjonijiet rilevanti. B'hekk, I-SRB ippermetta lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi dwar il-motivi sostantivi mressqa mir-rikorrenti u jiprovozi ċarezza dwar l-interpretazzjoni tal-qafas legali.

2.3.5. Bord tal-Appell

Skont l-Artikolu 85(3) tal-SRMR, uħud mid-deċiżjonijiet tal-Bord jistgħu jiġu kkontestati quddiem il-Bord tal-Appell tal-SRB. Huwa possibbli li jiġu kkontestati deċiżjonijiet li jirreferu għall-oqsma tad-determinazzjoni tal-MREL, impedimenti għar-riżoluzzjoni, obbligi simplifikati għal xi istituzzjonijiet, talbiet għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-SRB.

Bi tkomplija mill-2021, fl-ewwel nofs tal-2022, il-Bord tal-Appell ta d-deċiżjonijiet finali tiegħu dwar tnejn mit-tliet appelli li waslu tard fl-2021, jiġifieri fil-Kawża 2/2021 u l-Kawża 3/2021, filwaqt li għat-tielet appell, il-Kawża 1/2022, il-Bord tal-Appell ta deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tal-każ. Fiż-żmien tal-kitba ta' dan ir-rapport, l-appell għadu għaddej. It-tliet appelli kollha jikkonċernaw id-determinazzjoni tal-MREL.

Matul l-2022, ġew ippreżentati sitt appelli addizzjonali quddiem il-Bord tal-Appell, tnejn li kkontestaw deċiżjoni dwar id-determinazzjoni tal-MREL u erba' appelli li kkontestaw deċiżjoni meħuda mill-SRB dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-Bord.

Fl-2022, il-Bord tal-Appell iffinalizza l-implementazzjoni tar-Reġistru Tematiku tiegħu, servizz imfassal biex jiffaċilita l-aċċess għad-deċiżjonijiet u l-istruttura tal-Bord tal-Appell skont l-Artikolu 24(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bord tal-Appell kif rieżaminat fl-2020.

2.3.6. Komunikazzjonijiet

Fl-2022, I-SRB kompla jippromwovi u jispjega l-ħidma tal-SRB u l-kompeti ewlenin tiegħu, kif ukoll jinvesti fil-prontezza tal-komunikazzjonijiet ta' kriżi kemm internament kif ukoll mal-awtoritatiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali. Fl-2022, il-komunikazzjoni dwar il-każ ta' riżoluzzjoni ta' Sberbank ippermettiet l-ewwel implementazzjoni tal-pjan estensiv ta' komunikazzjoni dwar il-kriżi għax-xenarji ta' riżoluzzjoni.

Il-Forum tal-Komunikazzjonijiet tal-SRM kompla jiżviluppa fl-2022, billi jibni l-kapaċità u jikkondividu t-tagħlim u l-prattiki tajba. In-network, magħmul minn esperti fil-komunikazzjonijiet mill-SRB, mill-awtoritatiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, mill-BĊE u mill-Kummissjoni, kellu l-avveniment annwali tiegħu f'Għunju, li ffoka fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet meħuda mill-kawża ta' Sberbank.

Ix-xogħol tal-SRB fil-bini ta' sit web estern u strateġija tal-media soċjali aktar faċli għall-utent ikkontribwew kemm fil-bini ta' udjenzi kif ukoll fl-interazzjoni. Min-naħħa tal-kontenut, serje ta' blog u podcast popolari jippermettu lill-SRB jikkomunika b'lingwa li hija aktar aċċessibbli.

Twettqet riċerka dwar kif I-SRB jikkomunika lill-partijiet ikkonċernati tal-industrija, u r-rakkmandazzjoniċċi milħuqa qed jiġu implementati progressivament, inkluż

permezz tal-produzzjoni ta' dokumenti ta' politika, gwida u informazzjoni, kif ukoll bl-użu ta' infografika, vidjos u għodod oħra biex jispjegaw kunċetti ewlenin u *data*. B'mod parallel, I-SRB kompla bi programm proattiv ta' briefings tekniċi, sessjonijiet ta' taħriġ, intervisti u tweġibet għal mistoqsijiet, kif ukoll kolazzjon tal-istampa annwali b'attendenza tajba.

Ċifri ewlenin tal-komunikazzjoni tal-SRB tal-2022

- ▶ Żjarat fuq is-sit web: 203 % meta mqabbel mal-2021
- ▶ Segwaċi ta' LinkedIn: Żieda ta' 16 % fis-segwaċi meta mqabbla mal-2021
- ▶ Segwaċi fuq Twitter: Żieda ta' 9 % fis-segwaċi meta mqabbla mal-2021
- ▶ 18 036 pagħna tradotta
- ▶ 90 persunal imħarreġ

L-SRB organizza tliet avvenimenti ewlenin matul is-sena: il-konferenza legali f'April, il-konferenza konġunta bejn I-SRB u I-BĊE f'Ġunju u l-konferenza annwali tal-SRB f'Settembru. L-ewwel Konferenza Legali ddiskutiet kwistjonijiet topiċi pertinenti għar-regolamentazzjoni tas-settur bankarju kemm fi ħdan I-UE kif ukoll lil hinn minnha u ġiet organizzata madwar għadd ta' gruppi ta' esperti magħmula minn prattikanti legali għolja fil-qasam, imħallfin u akkademiċi. L-ewwel konferenza konġunta bejn I-SRB u I-BĊE, taħt it-titolu "It-test taż-żmien; għaxar snin wara", ġiet organizzata fil-bini tal-SRB u kellha udjenzafuq il-post ta' madwar 80 parteċipant, b'aktar minn 5 000 persuna jaraw il-konferenza online matul il-jumejn. Il-konferenza inkludiet kelliema mill-Kummissjoni, mill-BĊE u mill-SRB, kif ukoll mill-Parlament, mill-EBA, mill-industrija u mill-akkademja. Permezz ta' kelliema ewlenin u diskussionijiet fil-panel, iffokat fuq il-kisbiet fil-ġestjoni tal-kriżiċċi finanzjarji, ir-reżiljenza operazzjonali tas-settur bankarju u x'hemm 'il quddiem: kif I-industrija bankarja tista' tinbidel fid-deċennju li ġej u x'aġġustamenti sejkun meħtieġa biex tkompli tiġi protetta l-istabbiltà finanzjarja u l-kontribwenti.

Il-konferenza annwali tal-SRB, li saret fid-19 ta' Settembru, taħt it-titolu "Banek Ewropej: riżolvibbli u lesti għall-kriżi?", inkludiet firxa ta' kelliema ta' livell għoli. Is-suġġetti diskussi fid-diskorsi u l-panels ewlenin kienu l-kuntest attwali u l-futur għall-qafas tar-riżolvibbli, kif ukoll il-progress fl-Unjoni Bankarja, u l-ħidma li fadal biex il-banek isiru riżolvibbli wara l-aħħar sena tal-perjodu tranżitorju.

2.4. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

B'mod ġenerali, l-eżekuzzjoni tal-baġit (f'approprazzjonijiet ta' impenn li jeskludu l-kontingenzeni) tjiebet bi 8 % meta mqabbla mal-2021 u laħqet il-95 %. It-titjib immirat ta' 2 % inqabeż minħabba eżekuzzjoni ogħla tat-Titoli 1 u 3 (ara l-Annessi III u V). L-għadd ta' tranżazzjonijiet ta' pagament u impenji żdied meta mqabbel mal-2021, filwaqt li l-għadd ta' ordnijiet ta' rkupru huwa f'livell simili. Il-ġestjoni tal-baġit tal-SRB tirrifletti sistemi effettivi u effiċċenti, b'madwar 97 % tal-fatturi mħallsa fil-ħin. Barra minn hekk, 15-il trasferiment baġitarju għal ammont totali ta' madwar EUR 7,1 miljun ġie eżegwit sa tmiem Q4, biex ikopru proġetti li ma kinux inizjalment ippjanati u minħabba pressjoni ta' inflazzjoni.

2.4.1. Introjtu

Mill-2022, l-SRB adatta l-proċess tiegħu għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2361 emendat. L-iskeda ta' żmien għall-ġbir tal-kontribuzzjonijiet inbidlet u l-SRB ġabar il-kontribuzzjonijiet amministrattivi f'żewġ ċikli; istituzzjonijiet sinifikanti ħallsu pagamenti parzjali avanzaati fi Q1 u ttrasferixxew il-pagamenti finali tagħhom fi Q3.

Pagamenti parzjali bil-quddiem

Il-proċess tal-pagamenti parzjali bil-quddiem tal-2022 beda f'Diċembru 2021 u ġie segwit mill-fażi ta' konsultazzjoni f'Jannar. L-SRB iddeċċieda li jiġbor EUR 30 miljun f'pagamenti parzjali bil-quddiem fl-2022, li kellhom jingħabru mill-istituzzjonijiet taħt il-mandat dirett tal-SRB (120 entità u grupp) u wara mill-kontribuzzjonijiet annwali individwali ta' dawn l-istituzzjonijiet miġbura fi Q3 tal-2022. L-ammont totali tal-pagamenti parzjali bil-quddiem ingħabar b'suċċess sa nofs April 2022.

Kontribuzzjonijiet annwali

L-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet annwali miġbura fl-2022 ammonta għal EUR 75 miljun u ngħabar minn 2 237 entità u grupp. Fl-aħħar ta' Diċembru 2022, ġumes istituzzjonijiet biss ma kinux ħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom minħabba każijiet ta' insolvenza, fużjonijiet jew każijiet speċjali oħra.

Matul il-fażi ta' konsultazzjoni, l-SRB irċieva 12-il sottomissjoni rilevanti. Wara l-analiżi, l-SRB ikkonkluda li l-ebda wieħed mill-kummenti ma kien jeħtieġ bidla fil-pożizzjoni meħħuda fl-avviżi jew fil-kalkoli tal-kontribuzzjoni preliminari⁶⁴. Sa

⁶⁴ L-eżerċizzju ta' ġbir tal-kontribuzzjonijiet ġie appoġġat minn portal żviluppat mill-SRB (Kontribuzzjonijiet Amministrattivi, portal tal-ADMC) li jippermetti lill-istituzzjonijiet jaċċessaw u jiskambjaw informazzjoni mal-SRB b'mod sigur u effiċċenti.

tmiem l-2022, l-SRB beda jaħdem fuq il-pagamenti parzjali bil-quddiem għall-kontribuzzjonijiet amministrattivi tal-2023.

2.4.2. Nefqiet

In-nefqa tal-baġit tħinkludi pagamenti li saru bl-użu ta' appoprjazzjonijiet tas-sena attwali u appoprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja preċedenti. Il-paragrafi li ġejjin jiġbru fil-qosor l-implementazzjoni tal-appoprjazzjonijiet skont it-titolu. Aktar dettalji huma disponibbli fl-Anness V.

Fl-2022, l-SRB stabbilixxa 611-il impenn baġitarju li jammontaw għal total ta' EUR 106,2 miljun fil-Parti I tal-baġit, u EUR 232,5 miljun fil-Parti II tal-baġit, u pproċessa 2 002 pagament li jammontaw għal total ta' EUR 92,9 miljun fil-Parti I tal-baġit u EUR 128,1 miljun fil-Parti II tal-baġit.

Ir-rata ta' implementazzjonal-baġittal-2022 kienetta' 94,8% għall-appoprjazzjonijiet ta' impenn u ta' 91,2 % għall-appoprjazzjonijiet ta' pagament mingħajr il-kontinġenzi tal-Kapitolo 32. Barra minn hekk, 203 pagamenti, li jammontaw għal EUR 3,3 miljuni, ġew ipproċessati fl-2022 bl-użu ta' appoprjazzjonijiet ta' pagament riportati mill-2021. L-ammont ta' appoprjazzjonijiet tal-2022 riportati għall-2023 huwa ekwivalenti għal EUR 5,7 miljun. Il-paragrafi li ġejjin jipprovdu dettalji dwar l-implementazzjoni tal-baġit skont it-titol:

Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal				
Baġit finali wara t-trasferimenti EUR	Impenjat		Użati f'apprajazzjonijiet ta' pagament	
	EUR	% tal-baġit finali	EUR	% tat-total impenjat
58,6 miljun	57,6 miljun	98,2 %	56,7 miljun	98,5 %

Għat-Titolu 1, il-livelli ta' impenn u ta' pagament kienu ogħla milli fl-2021 minħabba r-rata aktar baxxa ta' pożizzjonijiet vakanti matul l-2022, u ż-żieda fil-kostijiet tal-pagi. Il-qasam ta' nfiq ewljeni kien relatax mal-persunal tal-SRB f'impjieg attiv: EUR 52,5 miljun jikkorrispondu għall-pagi; EUR 1,7 miljun għaċ-ċentri bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni, u EUR 1,6 miljun għall-assistenza amministrattiva mill-istituzzjonijiet komunitarji.

Titolu 2: Nefqa għall-infrastruttura				
Baġit finali wara t-trasferimenti EUR	Impenjat		Użati f'apprajazzjonijiet ta' pagament	
	EUR	% tal-baġit finali	EUR	% tat-total impenjat
17,9 miljun	16,8 miljun	93,9 %	12,4 miljun	73,9 %

Fit-Titolu 2, l-oqsma ewlenin tan-nefqa kienu l-kiri tal-bini tal-SRB, għal EUR 3,51 miljun, u l-kostijiet amministrattivi tal-ICT, għal EUR 5,9 miljun. It-naqqis tal-appoprjazzjonijiet ta' impenn minn 98,2 % fl-2021 għal 93,9 % fl-2022 huwa spjegat mill-posponiment taċ-ċaqliq għat-tieni binja f'Marzu 2023.

Titolu 3: Nefqa operazzjonali				
Baġit finali wara t-trasfertimenti EUR	Impenjat		Użati f'approrjazzjonijiet ta' pagament	
	EUR	% tal-baġit finali	EUR	% tat-total impenjat
59,1 miljun	31,8 miljun	53,8 %	23,8 miljun	74,7 %

It-Titolu 3 huwa eskuživament għan-nefqa operazzjonali relatata mal-implementazzjoni tal-SRMR, u jinkludi l-Kapitolu 31, għall-operazzjonijiet tal-SRB, u l-Kapitolu 32, għall-kontinġenzi. Rigward il-Kapitolu 31, l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet baqgħet aktar baxxa milli pjanat, għalkemm żidied meta mqabbla mal-2021. Fir-rigward tal-Kapitolu 32, li jservi bħala baġit ta' kontinġenza biex ikopri n-nefqa mhux prevedibbli relatata mal-missjoni ewlenja tal-SRB, il-biċċa l-kbira tal-baġit ippjanat, li kien għal każijiet potenzjali ta' riżoluzzjoni, baqa' mhux impenjat. Din il-linja baġitarja tibqa' strumentali għall-ksib tal-mandat tal-SRB jekk ikun hemm diversi riżoluzzjonijiet li jseħħu fl-istess ħin. Ir-rata totali ta' implementazzjoni tat-titolu kienet ta' 53,8 %; madankollu, minbarra l-Kapitolu 32, li tikkorrispondi għal Kontinġenzi tal-SRB, ir-rata ta' implementazzjoni tal-approrjazzjonijiet ta' pagament tammonta għal 95 %.

2.4.3. Eżitu tal-baġit

L-eżitu tal-baġit għall-2022 huwa stmat li huwa EUR 24,7 miljun (meta mqabbel ma' EUR 36,82 miljun fl-2021) u se jiddaħħal fil-baġit tal-2023 wara appovazzjoni mill-Bord fis-Sessjoni Plenarja tiegħu f'Settembru 2023. L-eżitu tal-baġit se jitnaqqas mill-kontribuzzjonijiet amministrattivi li għandhom jingħabru fl-2024.

2.4.4. Akkwist

Fl-2022, l-SRB nieda 60 proċedura ta' akkwist, u ta' 49 kuntratt wara t-tlestitja b'suċċess tal-proċedura ta' akkwist, principally proċeduri speċjali nnegozjati u ta' valur baxx u medju kif ukoll il-ftuħ mill-ġdid ta' kuntratti qafas. Ara aktar dettalji fl-Anness VIII. L-introduzzjoni ta' għodod elettroniċi ta' appoġġ (bħall-għoddha għall-ġestjoni tal-portafoll tal-prodotti, firem elettroniċi kwalifikati) u l-isforz kontinwu għat-titjib tal-proċeduri tal-akkwist wasslu għal titjib fl-effiċċjenza u tnaqqis fl-ammont ta' xogħol amministrattiv.

2.5. Ġestjoni tar-riżorsi umani

2.5.1. Miżuri speċifiċi b'rabta mal-COVID-19

Matul l-ewwel nofs tal-2022, kien hemm għadd ta' inizjattivi għall-promozzjoni tal-benesseri tal-persunal u għall-ġieda kontra kwalunkwe effett negattiv ta' perjodi twal ta' xogħol mid-dar, bħall-ġimgħa tas-saħħha u l-benesseri f'April, il-jiem ta' flessibbiltà jew l-inizjattiva "Let's get to know one other!" li għandhom l-għan li jiġbru flimkien persunal minn unitajiet u nazzjonallitajiet differenti; parteċipanti ġodda u dawk fl-SRB għal żmien itwal. Bit-tnaqqis progressiv tal-każijiet tal-COVID-19, il-persunal tal-SRB beda jirritorna gradwalment fl-uffiċċju fuq bażi aktar frekwenti matul l-2022 u l-biċċa l-kbira tal-miżuri relatati mal-COVID-19 tneħħew.

2.5.2. L-involviment u ż-żamma

L-SRB kompla bl-isforzi biex jimpjega persunal bi kwalifikasi għoljin ħalli jiprovdji bażi soda għall-ħidma tiegħu. Il-livell ġenerali tal-persunal fl-2022 żdied bi 15 %, u temm is-sena b'427 aġent temporanju tal-450 kariga fit-Tabella tal-Persunal tal-2022. Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol battala matul is-sena kienet ta' 8,7 %, jiġifieri aktar baxxa milli ppjanat. Kważi 50 % tar-reklutaġġi kollha fl-2022 kienu għal profili ta' riżoluzzjoni (esperti u esperti superjuri).

Tabella 7. L-ġħadd ta' persunal għal kull kategorija meta mqabel mat-Tabella tal-Persunal

Kategorija	L-ġħadd ta' membri tal-persunal fl-aħħar tal-2020	L-ġħadd ta' membri tal-persunal fl-aħħar tal-2021	L-ġħadd ta' membri tal-persunal fl-aħħar tal-2022	Tabella tal-Persunal tal-2022
Aġenti Temporanji	372	371	427	450
Esperti Nazzjonali Sekondati	19	22	20	35
Trainees	10	7	10	10
Konsulenti	30	35	43	N/A
<i>Interimaires</i>	12	23	15	N/A
TOTAL	443	458	515	495

2.5.3. Tagħlim u żvilupp

Fl-2022, I-SRB ippubblika l-istratx għat-Tagħlim u l-Iżvilupp tiegħu. L-istratx tiegħi tiprovvdi informazzjoni dwar il-proċess u l-metodoloġija tat-tagħlim, it-tipi ta' intervent ta' tagħlim, ta' taħriġ estern u suġġetti relatati oħra.

Matul l-2022, I-SRB kompla jipprovvi għadd kbir ta' avvenimenti ta' taħriġ intern, b'184 sessjoni ta' taħriġ, inklużi inizjattivi ġenerali biex tiġi indirizzata l-ħidma fil-korsijiet normali u tekniċi ġoddha, u avvenimenti ta' żvilupp ta' timijiet. Is-sessjonijiet ta' taħriġ koprew ukoll korsijiet ta' taħriġ għall-impjegati l-ġoddha. Dan minbarra l-kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra, bħall-Kummissjoni u l-BĊE, dwar l-għot ta' taħriġ immirat lejn ħiliet tekniċi u trasferibbli.

2.5.4. Trasformazzjoni tar-riżorsi umani

Fl-2022, I-HR kompla l-implementazzjoni tal-pjan direzzjonali għat-ħidma-trasformazzjoni tar-riżorsi umani, bil-li wettaq diversi inizjattivi taħbi tliet oqsma ta' l-ħidma:



- ▶ Opportunitajiet ta' tkabbir tal-persunal: I-SRB żviluppa Qafas ta' Kompetenza u saħħaħ il-mobbiltà interna permezz ta' politika riveduta.
- ▶ Naħdmu flimkien b'mod intelliġenti: ġiet implementata għoddha ta' inviġilazzjoni għall-proċess ta' reklutaġġ.
- ▶ L-SRB stabbilixxa regoli biex jippermetti ambient tax-xogħol flessibbli u kollaborattiv u biex irawwem il-benessri tal-persunal.

2.6. Il-valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar matul is-sena ta' rappurtar

2.6.1. Awditjar intern

Il-missjoni tal-Auditjar Intern hija li jtejjeb u jipproteġi l-valur organizzazzjonali billi jipprovdī assigurazzjoni, pariri u għarfien ibbażati fuq ir-riskju u oġġettivi. Il-mandat tal-awditjar intern huwa bbażat fuq I-SRMR, ir-Regolament Finanzjarju tal-SRB u l-karta tal-Auditjar Intern, li tiddefinixxi, fost l-oħrajn, il-prinċipiji għall-indipendenza u l-oġġettività, ir-responsabbiltà u l-awtorità. F'konformità mal-karta, l-Auditjar Intern jirrapporta dwar ir-riżultati tal-ħidma tiegħu lill-Bord fis-Sessjoni Plenarja tiegħu. Barra minn hekk, l-Auditjar Intern jirrapporta mill-inqas b'mod annwali lill-Bord dwar il-prestazzjoni tiegħu, il-konklużjonijiet prinċipali mill-awdit tiegħu u l-istatus tas-sejbiet tal-awditjar.

Matul is-sena, l-Auditjar Intern iffoka fuq ħames impenji ta' assigurazzjoni:

- ▶ Ġestjoni tal-litigazzjoni
- ▶ Parir legali
- ▶ Ġestjoni tad-dokumenti u tar-rekords
- ▶ Ġestjoni tal-prestazzjoni tar-riżorsi umani — ġestjoni tat-talenti
- ▶ Ġestjoni tal-Kontinwità tal-Operat

Inħarġu rapporti finali tal-awditjar għall-ewwel tliet impenji⁶⁵. Ir-rapporti tal-awditjar inkludew sejbiet u rakkomandazzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-proċessi awditjati, rigward kwistjonijiet strutturali u operazzjonali, id-definizzjoni tal-proċess u l-proċeduri ta' kontroll u monitoraġġ. Sussegwentement, id-dipartimenti awditjati ġejjew pjanijiet ta' azzjoni, li se jiġu segwiti mill-Auditjar Intern fl-2023.

⁶⁵ L-aħħar rapporti dwar l-involviment tal-assigurazzjoni nħarġu fl-ewwel trimestru tal-2023.

Fl-2022, l-Awditjar Intern segwa disa' awditi ta' assigurazzjoni dwar ir-reklutaggħ, l-abbozzar tal-politika, il-ġestjoni tat-tibdil tal-ICT; il-ġestjoni tal-proġetti tal-R4C, l-ippjanar tar-riżoluzzjoni, it-tħejjija għall-kriżijiet, l-esternalizzazzjoni u l-użu ta' konsulenti u proċessi tranżitorji. Matul is-sena, twettqet Valutazzjoni tal-Kwalità Esterna dwar il-funzjoni tal-awditjar intern, u r-rakkomandazzjonijiet tagħha se jsiru azzjonabbli mill-2023 'il quddiem.

Status tas-sejbiet tal-Awditjar Intern

Fl-2022, l-Awditu Intern qajjem seba' sejbiet (sitt prioritajiet medji u waħda ta' priorità baxxa), li għalihom il-maniġment fassal pjanijietta' azzjoni. B'kunsiderazzjoni tas-sejbiet mill-awdit tas-snin preċedenti, 43 sejba, li tnejn minnhom kienu kritiċi u għaxra kienu ta' priorità għolja, jibqgħu miftuħa fi tmiem is-sena.

Fl-istess ħin, ingħalqu sitt sejbiet ta' priorità għolja, sitt sejbiet ta' priorità medja u żewġ sejbiet ta' priorità baxxa bħala riżultat ta' impenji ta' segwit. Għadd ta' sejbiet miftuħa se jiġu segwiti fil-kuntest tal-awditi li ġejjin.

Is-sejbiet kritiċi u ta' priorità għolja jiddeskrivu l-ħtieġa għal aktar titjib fl-oqsma tal-governanza, l-ippjanar u l-monitoraġġ.

2.6.2. Awditjar estern

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) kkonkludiet l-awditu annwali tagħha tal-aġenzi tal-UE (inkluż l-SRB) għas-sena finanzjarja 2021. Il-QEA kkonfermat li l-ġestjoni finanzjarja tal-SRB hija tajba, bħal fis-snin preċedenti. B'mod partikolari, il-QEA awditjat:

- ▶ il-kontijiet tal-SRB, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021; u
- ▶ il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Il-QEA għandha obbligu li tirrapporta kull sena dwar kwalunkwe riskju finanzjarju relatati mal-SRM. Għas-sena finanzjarja 2021, il-Kummissjoni u l-Kunsill ma rrappurtaw l-ebda obbligazzjoni kontinġenti, filwaqt li l-SRB irrappa xi wħud relatati mal-litigazzjoni pendenti dwar il-kontribuzzjonijiet tal-banek lill-SRF. L-awdituri jqisu li dawn id-divulgazzjonijiet huma xierqa, iżda jirrakkmandaw titjib fil-monitoraġġ tar-riskju finanzjarju u fil-metodu għall-kalkolu tar-rimborżi possibbli tal-kost legali.


L-Artikolu 92 (1-3) tal-SRMR jispeċifika li f'każ li deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tinkludi l-użu tal-SRF, il-QEA għandha tipprodu rapport speċjali. Hija meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib bejn il-QEA u l-SRB biex l-SRB jitħejja għal inkarigu tal-awditjar tant impenjattiv. F'Ottubru, il-QEA żaret l-SRB biex tiddiskuti l-aspettattivi reċiproċi tagħhom u tistabbilixxi mezz ta' komunikazzjoni robust biex tiżgura kooperazzjoni tajba dwar dan is-suġġett.

2.7. Ġestjoni ambjentali

Aktar kmieni fl-2022, il-Kummissjoni introduċiet l-istratēġija ekoloġika tagħha, li għandha l-għan li tmexxi bl-eżempju biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2030 u tinkludi l-objettiv li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mal-ivvjaġġar b'60 % sal-2024. L-SRB applika l-gwida tal-Kummissjoni għall-missjonijiet.



Single
Resolution
Board



**Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi
tal-kontroll intern**

3.1. L-effettività tas-sistemi tal-kontroll intern

Il-kontroll intern huwa l-miżuri li l-maniġment u l-persunal kollu jieħdu biex jiżguraw li:

- ▶ l-aktivitajiet operazzjonali jkunu effettivi u effiċjenti;
- ▶ jiġu ssodisfati r-rekwiżiti legali u regolatorji;
- ▶ ir-rappurtar finanzjarju u ta' ġestjoni oħra huwa affidabbi; u,
- ▶ l-assi u l-informazzjoni huma salvagwardjati.

Għalhekk, kontroll intern effettiv u effiċjenti huwa essenzjali għal kwalunkwe organizzazzjoni peress li huwa l-proċess li jiżgura li jintlaħqu l-objetti stabbiliti mill-organizzazzjoni, li huma riflessi fil-Programm ta' Ħidma Annwali. Ir-riskji potenzjali marbuta man-nuqqas ta' twettiq ta' dawk l-objetti huma identifikati u ġestiti.

Iċ-ċiklu ta' monitoraġġ tas-sistema ta' kontroll intern tal-SRB huwa bbażat fuq attivitajiet li għaddejjin u valutazzjonijiet perjodiċi speċifiċi. In-nuqqasijiet identifikati fil-kuntest tal-aktivitajiet ta' monitoraġġ huma elementi importanti li jitqiesu fil-valutazzjoni globali tal-preżenza u tal-funzjonament tas-sistema ta' kontroll intern. Il-komponenti u l-prinċipji kollha għandhom ikunu preżenti u jiffunzjonaw, u l-komponenti għandhom jiffunzjonaw tajjeb flimkien.

Ġestjoni tar-riskju

Matul l-2022, l-SRB introduċa l-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-unità permezz tal-pjanijiet tal-unità, segħwal l-pjanijiet ta'azzjoni żviluppati biex jitnaqqsu r-riskji eżistenti u aġġorna r-registro tar-riskju korporattiv permezz ta' approċċ parteċipattiv mal-maniġment superjuri u medju tal-organizzazzjoni. Matul is-sena, l-SRB stabbilixxa wkoll il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà tal-ICT (ara t-taqṣima 2.3.2).

L-SRB saħħaħ ukoll il-kapaċitajiet tiegħu f'termini ta' ġestjoni tar-riskju tal-portafoll tal-SRF biż-żieda ta' għodod ġodda ta' monitoraġġ, u espanda l-analiżi tar-riskju għall-ambjent tar-rata li qed tiżdied li ppermettiet in-navigazzjoni tal-ambjent diffiċċi tas-suq finanzjarju matul is-sena.

3.2. Konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-kontrolli interni

Din it-taqSIMA tinkludi l-valutazzjoni tal-elementi deskritti fit-taqsimiet 2.6.2 u 3.1 kif ukoll aspetti oħra msemmija f'dan ir-rapport. L-informazzjoni rrapporata tirriżulta mir-riżultati tal-monitoraġġ mill-maniġment u mill-awdituri, abbażi ta' analiżi sistematika tal-evidenza disponibbli.

Il-valutazzjoni tal-effettivitā tas-sistema ta' kontroll intern tal-SRB twettqet bl-użu tal-metodoloġja deskritta fid-deċiżjoni rilevanti⁶⁶ b'xi eċċezzjonijiet rigward l-użu tal-kriterji ta' monitoraġġ tal-kontroll intern. Il-valutazzjoni tibni fuq l-għarfien u l-esperjenza tal-persunal u tal-maniġment u fuq ir-riżultati tal-monitoraġġ kontinwu tal-kontrolli inkorporati fil-proċeduri. Il-valutazzjoni ġiet organizzata mill-Uffiċċju tal-Kontroll Intern fuq il-bażi tat-tliet elementi li ġejjin:

- ▶ Eċċezzjonijiet għar-regoli u l-proċeduri, inklużi avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità: skrutinju tar-rapporti li jistgħu jindikaw nuqqasijiet fil-kontroll;
- ▶ Osservazzjonijiet tal-awditjar tal-funzjoni tal-Awditjar Intern tal-SRB, tal-QEA u tad-ditta tal-awditjar esterna: analiżi tar-riżultati tal-awditi u tax-xogħol ta' segwitu tal-awditjar għall-valutazzjoni tal-impatt tagħihom fuq is-sistema ta' kontroll intern;
- ▶ Ir-riżultati tal-analiżi interna mhux fuq il-post tal-Uffiċċju tal-Kontroll Intern inklużi l-kontributi tal-persunal ewljeni li jappoġġa elementi importanti tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-kontrolli interni.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tal-kontrolli interni hija pożittiva, peress li s-sistema ta' kontroll intern hija effettiva u tipprovd iċċertament raġonevoli⁶⁷ lill-maniġment superjuri tal-SRB li l-komponenti u l-prinċipji tal-Qafas ta' Kontroll Intern huma preżenti u qed jiffunzjonaw u li l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-SRB. Filwaqt li l-valutazzjoni sabet xi nuqqasijiet, dawn huma meqjusa minuri u għalhekk ma jixħtux dubju fuq il-konklużjoni ġenerali, peress li digħi tħalli miżuri biex jittejbu l-kontrolli.

Fl-2022, l-SRB alloka madwar 19-il impjegat ekwivalenti għall-full-time⁶⁸ għall-attivitàajiet ta' kontroll (0,01 % tal-baġit totali tal-SRB għall-2022).

⁶⁶ Deċiżjoni tas-Sessjoni Plenarja tal-SRB (SRB/PS/2021/02) li tadotta l-Qafas ta' Kontroll Intern tal-SRB [ARES(2021)1970411]

⁶⁷ Anki sistema effettiva ta' kontroll intern, irrisspettivament minn kemm tkun imfassla u operata tajjeb, għandha limitazzjonijiet inerenti — inkluża l-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni jew preċedenza tal-kontrolli — u għalhekk tista' tipprovd biss assigurazzjoni raġonevoli lill-maniġment rigward il-kisba tal-objettivi tan-negożju u mhux assigurazzjoni assoluta.

⁶⁸ Unità li tkejjel il-ħin tal-persuni impjegati li tagħmel l-ammont tax-xogħol komparabbi.



Single
Resolution
Board



IV | Assigurazzjoni tal-
ġestjoni

4.1. Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni

L-SRB iwettaq l-operazzjonijiet tiegħu f'konformità mal-liġiġiet u r-regolamenti applikabbi, jaħdem b'mod trasparenti, u jissodisfa livell għoli ta' standards professionali u etiċi. L-SRB adotta l-Qafas ta' Kontroll Intern tiegħu, ibbażat fuq l-ekwivalenti tal-Kummissjoni u fl-aħjar prattika internazzjonali, immirat biex jiġura l-ilħuq tal-objettiv u tal-mandat tiegħu.

Uħud mill-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni jistgħu jinstabu fit-taqsimiet preċedenti, bħall-ġestjoni tal-auditjar fit-taqSIMA 2.6, il-ġestjoni finanzjarja u tar-riżorsi umani fit-taqsimiet 2.4 u 2.5 rispettivament, l-aspetti ta' governanza fit-taqSIMA 2.3, kif ukoll fil-Parti III, dwar il-kontrolli interni. Barra minn hekk, matul l-2022, id-diversi timiġiet orizzontali tal-SRB wettqu funzjonijiet regolari li appoġġaw l-ilħuq tal-objettiv tal-SRB bl-aktar mod effettiv, effiċċenti u ekonomiku. Fost l-oħrajn, l-aktivitajiet li ġejjin appoġġaw l-assigurazzjoni matul l-2022:

Ippjanar u programmar

L-SRB tejjeb il-proċessi ta' ppjanar intern tiegħu fl-2022, b'ippjanar unitarju standardizzat imfassal biex jikkontribwx xi għal proċessi istituzzjonali oħra, bħar-rapport annwali, il-ġestjoni tar-riskju u l-evalwazzjoni, u b'hekk kellu l-għan li jnaqqas l-ammont ta' xogħol relatat mal-proċess għat-timijiet madwar l-SRB. F'Novembru 2022, l-SRB nieda l-eżerċizzju ta' ppjanar tal-unitajiet għall-2023, inkluż mudell aġġornat għall-unitajiet kollha bbażat fuq il-pjan ta' ħidma annwali tal-SRB għall-2023, li tlesta u ġie ppubblifikat f'Novembru 2022.


Matul is-sena, tnediet metodoloġija biex isir eżerċizzju ta' allokazzjoni tar-riżorsi f'konformità mal-ħażżeen prattiki. L-inizjattiva bdiet fil-bidu ta' Settembru, bl-immappjar tal-proċess tan-negożju ta' xi funzjonijiet ta' appoġġ, u se tkompli fl-2023 sabiex tidħol feż-żerċizzji ta' ppjanar korporattiv futuri. L-immappjar tal-proċess tan-negożju se jiprovdhi bażi għall-allokazzjoni tar-riżorsi kif ukoll għall-ġestjoni tal-kwalità, għall-valutazzjoni komparattiva tal-proċessi u għat-titjib kontinwu.

Protezzjoni tad-data

Fl-2022, l-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-Data kompla jikkomunika mill-qrib ma' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra tal-UE b'mod partikolari fi kwistjonijiet li jinvolvu jew li huma relatati mal-ipproċessar tad-Data personali, iżda wkoll biex jiġura l-iskambju ta' prattiki tajbin, esperjenzi komuni u approċċi mfassla apposta għal-sfidi speċifiċi tal-protezzjoni tad-Data.

L-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-*Data* għamel progress sostanzjali matul is-sena li għaddiet biex itejjeb il-proċessi, l-għodod u l-kontrolli meħtieġa biex isaħħha ħi-konformità mal-protezzjoni tad-*Data* fi ħdan l-SRB u ġie kkonsultat regolarmen mill-Unitajiet tal-SRB. Dan ipprovda pariri għal 96 talba u appoġġa lill-SRB fi kwistjonijiet u sfidi relatati mal-protezzjoni tad-*Data*, bħal dawk li jirriżultaw mill-użu ta' teknoloġiji u miżuri ġoddha biex jittaffew ir-riskji identifikati. Il-każijiet ewlenin li dwarhom ta pariri l-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-*Data* kienu: l-iżvilupp, il-publikazzjoni u l-aġġornament ta' dikjarazzjonijiet ta' privatezza, bħal fil-kuntest ta' avvenimenti tal-SRB u sessjonijiet ta' taħriġ; trasferimenti ta' *data* minn unitajiet tal-SRB lil istituzzjonijiet oħra tal-UE; l-iproċessar ta' *data* bijometrika fil-kuntest ta' skopijiet ta' sigurta fiziċċa għall-bini l-ġdid tal-SRB; l-użu ta' għodod ġoddha tal-ICT; irrieżami ta' ftehimiet kuntrattwali ma' forniture ġoddha; eċċ. L-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-*Data* ġadem mill-qrib mal-unitajiet tal-SRB biex isibu soluzzjonijiet effettivi u konformi li jiżguraw il-protezzjoni tad-*Data* personali.

Illustrazzjoni 15. Talbiet interni għal pariri dwar il-protezzjoni tad-*Data*



Wara d-deċiżjoni fil-ġudizzju attwali Schrems II⁶⁹, it-trasferiment ta' *data* personali lejn pajiżi terzi, li l-istandardi tal-protezzjoni tad-*Data* tagħhom jitqiesu bħala "mħux adegwati" meta mqabbla mal-istandardi tal-UE, sar diffiċċi. Il-ġudizzju għandu konsegwenzi estensivi fuq l-għodod legali kollha użati għat-ħaqqa-trasferiment ta' *data* personali barra miż-Żona Ekonomika Ewropea. L-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-*Data* żamm lill-Unitajiet tal-SRB informati dwar ir-rakkmandazzjonijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u ta parir dwarhom b'mod frekwenti dwar kif jittrasferixu *data* personali barra ż-Żona Ekonomika Ewropea b'mod konformi f'din is-sitwazzjoni interim.

Fl-2022, l-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-*Data* ġareġ ukoll ī-names dokumenti ta' gwida għall-SRB u wwaluta r-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' individwi ta' attivitajiet ta' pproċessar tal-SRB ġoddha u kontinwi billi rrieżamina tliet Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data*, li twettqu mir-Riżorsi Umani u mill-ICT dwar l-użu ta' fornitur tal-inviġilazzjoni mill-bogħod għall-kampanja

⁶⁹ L-informazzjoni kollha hija disponibbli hawnhekk: <https://curia.europa.eu/jcms/upload/docs/application/pdf/2020-07/cp200091mt.pdf>

ta' reklutaġġ tal-SRB, is-sistema ta' kontroll tal-Aċċess Fiżiku tal-ispazju tal-uffiċċi i-ġdid tal-SRB u modalitajiet ġodda ta' servizzi tat-telekonferenzi. Matul is-sena ta' rapportar, l-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-Data wettaq ukoll sessjonijiet ta' taħriġ imfassla apposta għall-ħtiġijiet u l-għarfien espert tal-parteċipanti biex jiġura li l-personal tal-SRB, b'mod partikolari parteċipanti ġodda, ikun infurmat b'mod adegwat dwar id-dmirijiet u d-drittijiet tiegħu.


Fl-aħħar, fl-2022 komplew l-isforzi għall-immappjar tal-ipproċessar tad-data personali b'mod komprensiv fl-SRB kollu, u r-reġistru pubbliku tar-rekords ġie aġġornat biex jirrifletti l-bidliet organizzazzjonali interni li seħħew fl-2022. Id-dokument huwa disponibbli fuq is-sit web pubbliku tal-SRB⁷⁰.

Etika u konformità

Fl-2022, il-Konformità tal-SRB irregiżrat żieda ta' 10 % fl-ġhadd ta' Membri tal-Persunal tal-SRB u trtrattat 360 kwistjoni ta' etika u konformità b'kollo. Din tinkludi l-adozzjoni ta' pożizzjonijiet formali ta' konformità tal-SRB u l-ħruġ ta' tweġibiet formali; it-twettiq ta' eżerċizzji ta' ġbir ta' informazzjoni; it-trattament ta' kwistjonijiet *ad hoc*; u l-ipproċessar ta' dikjarazzjonijiet. Fl-2022, il-Konformità tal-SRB aġġornat ukoll għadd ta' mudelli għad-dikjarazzjonijiet tal-persunal.

Bħala medja, il-Konformità tal-SRB ħarġet il-pożizzjonijiet ta' konformità formali tagħha jew wieġbet għal mistoqsijiet *ad hoc* u talbiet għal parir fi żmien 8,8 jum, li jaqbżu l-mira interna tagħha li twieġeb fi żmien ġimaginej. Wara dan, il-Konformità tal-SRB ħarġet 169 pożizzjoni ta' konformità formali u tweġibiet formali dwar kwistjonijiet (li 44 minnhom kienu jeħtieġu deċiżjoni attwali mill-Awtorità tal-Ħatra).

Illustrazzjoni 16. Il-pożizzjonijiet u t-tweġibiet formali dwar il-Konformità tal-SRB fl-2022



Matul l-2022, il-Konformità tal-SRB indirizzat wkoll 84 kwistjoni *ad hoc* dwar l-etika u l-konformità (li kienu jikkonċernaw l-aktar kwistjonijiet amministrattivi tal-SRB,

⁷⁰ Ir-reġistru tal-protezzjoni tad-data tal-SRB huwa disponibbli hawnhekk: <https://www.srb.europa.eu/en/content/public-register-records>

kwistjonijiet ta' protokoll ta' segretezza, kunflitti ta' interess potenzjali, attivitajiet esterni u I-QEA/Kontroll Intern/Awditjar Intern u kwistjonijiet ta' konformità ġeneralji).

Barra minn hekk, il-Konformità tal-SRB irrieżaminat u/jew ivvalutat 107 dikjarazzjonijiet mill-Membri tal-Persunal tal-SRB, li 83 % minnhom kienu jikkonċernaw l-onboarding tal-persunal. Il-bqija kkonċernaw każijiet ta' terminazzjoni, li 7 % minnhom ġew iffinalizzati b'pożizzjoni ta' konformità formali u b'approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra.

F'Diċembru 2022, il-Konformità tal-SRB nediet it-tieni edizzjoni ta' dan l-Eżerċizzju ta' Tindif Intern. Dan l-eżerċizzju ġie stabbilit biex iżomm rappurtar aġġornat u jtejjeb il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità u l-valutazzjonijiet tar-risku tal-SRB.

Il-Konformità tal-SRB kompliet ukoll timmaniġġja u tagħti pariri dwar il-Protokolli ta' Segretezza tal-SRB mal-għodda R4C u appoġġat żewġ protokolli ta' segretezza ġodda. Barra minn hekk, it-tim ikkontribwixxa għall-formulazzjoni ta' gwida, proċeduri u politiki tal-SRB li jkopru kwistjonijiet bħall-membri tal-persunal tal-SRB li qed ifixxu interruzzjoni fil-karriera u gwida dwar it-tranżazzjonijiet finanzjarji privati waqt li kienu impiegati mal-SRB.

Ambjent tax-xogħol

Fl-2022, l-ambjent tax-xogħol komplajkun fuq quddiem fl-aġenda tal-organizzazzjoni. Il-Konformità tal-SRB iddedikat riżorsi sinifikanti għas-sensibilizzazzjoni u t-taħrif tal-Membri tal-Persunal tal-SRB, u organizzat it-tieni edizzjoni ta' Tone at the Top mal-maniġers tal-SRB. L-ġhan tas-sessjoni kien li tibni fuq is-sessjoni tal-2021, li fiha ġew żviluppati l-valuri etiċi ewlenin tal-SRB. Matul Novembru u Diċembru 2022, il-Konformità tal-SRB nediet it-tielet edizzjoni tagħha tal-“Ġimgħa tal-Etika tal-SRB” biex iżżejd is-sensibilizzazzjoni fost il-persunal. Kien hemm attendenza tajba għall-workshop, bi 338 kollega li pparteċipaw.

4.2. Riżervi

Mhux applikabbli



Single
Resolution
Board



V | Dikjarazzjoni ta'
assigurazzjoni

5.1. Dikjarazzjoni tal-Maniżers inkarigati mill-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli intern

Dikjarazzjoni tal-persuna responsabbi mill-ġestjoni tar-riskju u l-funzjoni ta' kontroll intern

Jiena niddikjara li f'konformità mal-qafas ta' kontroll intern tal-SRB, irrapportajt il-parir u r-rakkomandazzjonijiet tiegħi dwar l-istat ġenerali tal-kontroll intern fl-SRB lill-President.

B'dan niċċertifika li l-informazzjoni pprovduta rigward l-istat tal-kontroll intern f'dan ir-Rapport Annwali u fl-Annessi tiegħu hija, sa fejn naf jien, preċiża u kompluta.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2023.



Ewa Klima
Kap tas-Segretarjat tal-SRB

Dikjarazzjoni tal-persuna responsabbi mill-kompletezza u l-affidabbiltà tar-rapportar tal-ġestjoni dwar ir-riżultati u dwar l-ilħuq tal-objettivi

B'dan niċċertifika li l-informazzjoni pprovduta rigward ir-rapportar tal-prestazzjoni f'dan ir-Rapport Annwali u fl-Annessi tiegħu hija, sa fejn naf jien, preċiża u kompluta.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2023.



Vincent Decroocq
Kap tal-Kabinett

5.2. Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mill-President

Jien, hawn taħt iffirmat, Dominique Laboureix, President tal-Bord u Maniġer tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, fil-kapaċită tiegħi bħala uffiċjal tal-awtorizzazzjoni:

Niddikjara li l-informazzjoni inkluża f'dan ir-rapport tagħti stampa reali u ekwa.

Niddikjara li għandi assigurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop intiż tagħhom u b'konformità mal-prinċipi ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħi jagħtu l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hija bbażata fuq il-ġudizzju tiegħi stess u fuq l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tal-awtovalutazzjoni u l-verifikasi tal-kontroll ex post li saru matul is-sena.

Nikkonferma li ma naf b'xejn li mhuwiex irrapportat hawnhekk li jista' jkun ta' dannu għall-interessi tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2023.



Dominique Laboureix

Il-President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni



Single
Resolution
Board



Annessi

Anness I — Organigramma



Organigramma tal-SRB

President



**Dominique
LABOURÉX**

Vice President



**Jan Reinder
DE CARPENTERIER**
Direttur tal-Fond Uniku
ta' Riżoluzzjoni,
tas-Servizzi Legali u
Korporativi

Membri tal-Bord



**Sebastiano
LAVIOLA**



**Jesús
SAURINA SALAS**



**Tuja
TAOS**

**Pedro
MACHADO**

Direttur tal-Ippianar
ta' Riżoluzzjoni u
Deċiżjonijiet

Direttorat tal-President

- Segretarijat tal-SRB
 - Ufficiċju ta' Kontroll Intern
- Strateġija, Relazzjonijiet Internazionali u Komunikazzjoni
 - Komunikazzjonijiet
 - Strateġija u Relazzjonijiet Internazionali
 - Thejjja u Ġestjoni tal-Kriżijiet
- Tim tal-Awditjar Intern
 - Tim tal-Kontabilità
 - Bord tal-Appell, Tim għall-Protezzjoni tad-Data u i-Konformità
- Servizi Korporativi u Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT)
 - ICT - Faċilitajiet
 - Servizz Legali
 - Konsulenza Legali
 - Ġestjoni tar-Riskju tas-SRF
- Tim tal-Ġestjoni tal-Proċess
 - Ġestjoni tar-Riskju tas-SRF

Direttorat E

- Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni
 - Kontribuzzjoni jiet
 - Finanzjament u -Investimenti tal-Finanzjament
- Strateġija, Relazzjonijiet Internazionali u Komunikazzjoni
 - Riżorsi Umani
 - Finanzi u Akkwisti
- Servizi Korporativi u Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT)
 - ICT - Faċilitajiet
- Tim tal-Ġestjoni tal-Proċess
 - Ġestjoni tar-Riskju tas-SRF

Direttorat A

- Politika ta' Riżoluzzjoni, Proċessi u Metodoloġija
 - Awstrija
 - Kroazja
 - Finlandja
- Kooperazzjoni mal-Partijiet Ikonċernati
 - Ċipru
 - Franza
 - Greċja
- Stabbilità Finanzjarja u Analiżi Ekonomika
 - Estonia
 - Ġermanja
 - Latvja
 - Litwania
 - Malta
 - Portugal
- Il-Bulgarija
 - Francia
- Il-Lussemburgo
 - Slovenja
- Spagna
 - In-Netherlands

Direttorat B

- Politika ta' Riżoluzzjoni, Proċessi u Metodoloġija
 - Italia
 - Is-Slovakkja
- Il-Ġermanja
 - Ġermanja
 - Irlanda
 - Lussemburgu
- Il-Belġju
 - Estonia
 - Ġermanja
 - Latvia
 - Malta
 - Portugal
- Il-Bulgarija
 - Francia
- Ufficiċju għall-Ippianar ta' Riżoluzzjoni
 - Slovenia

Direttorat C

- Politika ta' Riżoluzzjoni, Proċessi u Metodoloġija
 - Italia
 - Is-Slovakkja
- Il-Ġermanja
 - Estonia
 - Ġermanja
 - Latvia
 - Malta
 - Portugal
- Il-Belġju
 - Estonia
 - Ġermanja
 - Latvia
 - Malta
